



KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 17.6.2011  
KUMM(2011) 371 finali

2011/0160 (NLE)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-  
Repubblika tal-Liberja dwar l-infurzar tal-liġi tal-foresti, il-governanza u l-kummerċ  
tal-prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Infurzar tal-Liġi għall-Foresti, il-Governanza u l-Kummerċ (FLEGT)<sup>1</sup>, endorsjat mill-Kunsill fl-2003<sup>2</sup>, jipproponi sensiela ta' miżuri, inkluż sostenn għall-pajjiżi li jipproduċu l-injam, kollaborazzjoni multilaterali biex jikkumbattu l-kummerċ tal-injam illegali, is-sostenn għall-inizjattivi tas-settur privat, kif ukoll miżuri li jiskoraġġixxu l-investment f'attivitajiet li jinkoraġġixxu l-qtugħ illegali tas-siġar. Il-bażi fundamentali ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni hija l-istabbiliment tal-isħubiji FLEGT bejn l-Unjoni u l-pajjiżi li jipproduċu l-injam, immirati biex iwaqqfu l-qtugħ illegali tas-siġar Fl-2005, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 2173/2005<sup>3</sup>, li jistabbilixxi skema ta' liċenzjar u mekkaniżmu li jivverifika l-legalità tal-importazzjonijiet tal-injam fl-UE.

F'Diċembru 2005, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinneozja ftehimiet ta' sħubija ma' pajjiżi li jipproduċu l-injam sabiex jiġi implimentat il-Pjan ta' Azzjoni u, b'mod partikolari biex jinkoraġġixxi l-kummerċ fl-importazzjonijiet tal-injam legali vverifikat li ġej minn pajjiżi imsieħba lejn l-UE<sup>4</sup>. Il-Ftehim mal-Liberja huwa s-sitt ftehim ta' dan it-tip li ġie nneozjat. wara l-ftehimiet mal-Gana, il-Kongo, il-Kamerun, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana u l-Indoneżja.

Il-Kummissjoni bdiet in-negozjati mal-Liberja f'Marzu tal-2009. In-negozjati proċedew fuq sentejn u involvew sitt sessjonijiet ta' negozjar wiċċ imbwiċċ u 14-il diskussjoni teknika permezz ta' vidjokonferenza, kif ukoll laqgħat fuq livell ta' ħidma teknika. Matul in-negozjati l-Kummissjoni kienet assistita mill-Istati Membri, notevolment ir-Renju Unit li, f'dan il-każ, ipprova riżorsi biex jiffaċilita l-proċess. Il-Kummissjoni dejjem żammet lill-Kunsill aġġornat dwar il-progress tan-negozjati permezz ta' rapporti regolari lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Foresti, kif ukoll lill-Kapijiet tal-Missjoni tal-UE u lir-rappreżentanti tal-UE fil-Liberja. Wara kull laqgħa ta' negozjati, il-partijiet żammew laqgħat pubbliċi ta' aġġornament biex il-partijiet interessati jinżammu infurmati bil-progress li jkun sar waqt it-taħdidiet. Addizzjonalment, il-Liberja adottat approċċ parteċipattiv ħafna billi involviet lis-soċjetà ċivili, lir-rappreżentanti tal-komunità, is-settur privat u rappreżentant tal-leġiżlatura Liberjana fl-abbozzar tal-Ftehim.

Il-ftehim jindirizza l-elementi kollha li hemm fid-direttivi ta' negozjar tal-Kunsill. B'mod partikolari, huwa jistabbilixxi l-qafas, l-istituzzjonijiet u s-sistemi tal-iskema ta' liċenzjar FLEGT. Huwa jstipula l-kontrolli fuq il-katina ta' forniment, il-qafas għall-monitoraġġ tal-konformità legali u r-rekwiżiti tal-awditi indipendenti tas-sistema. Dawn il-komponenti huma stipulati f'annessi mal-Ftehim li jipprovdu deskrizzjoni ddettaljata tal-istrutturi li se jirfdu l-assigurar tal-legalità li tista' tinkiseb bil-ħruġ ta' liċenzja FLEGT.

Il-Ftehim ta' sħubija Volontarja (VPA) jiffoka fuq il-governanza u l-infurzar tal-liġi u, permezz ta' sistema ta' liċenzji, jipprovdi l-assigurazzjoni li l-injam Liberjan huwa prodott legalment. Huwa eżempju tal-impenn tal-Liberja biex ittejjeb ir-responsabbiltà u t-trasparenza. Bħala konsegwenza tal-prassi ħażina fil-passat, l-injam Liberjan ma għandux reputazzjoni tajba fuq is-swieq internazzjonali. Il-liċenzja FLEGT se sserraħ ras is-swieq internazzjonali li l-prodotti tal-injam Liberjan ġejjin minn sorsi legali vverifikati.

---

<sup>1</sup> COM(2003) 251.

<sup>2</sup> ĠU C 268, 7.11.2003, p. 1.

<sup>3</sup> ĠU L 347, 30.12.2005 p1

<sup>4</sup> Dokument ristrett tal-Kunsill Nru 15102/05.

Il-VPA se jsostni r-riformi regolatorji li huma għaddejjin li se jsaħħu l-qafas legali, sabiex tkun promossa l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u jissaħħaħ l-involviment tal-komunitajiet lokali fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Il-ftehim jindika b'mod ċar l-oqsma fejn huma meħtieġa r-riformi u jistipula skeda għalihom.

Il-Liberja żviluppat qafas komprensiv għall-monitoraġġ tal-konformità legali għal kull tip ta' impriża, kemm jekk siġar mill-foresti komunitarji, konċessjonijiet kbar jew siġar ta' sjieda privata fuq l-irziezet, u li taqqgħad l-aspetti kollha tal-prodzzjoni tal-injam, inkluż l-allokkazzjoni tad-drittijiet tal-ħsad, l-applikazzjoni tal-ġestjoni tal-foresti u l-istandards ambjentali, il-kondiviżjoni tal-benefiċċji, id-drittijiet tal-ħaddiema u t-taxxi. Il-konformità se tkun monitorjata mis-sistema l-ġdida għall-assigurazzjoni legali, li tibni fuq u tespandi sistema eżistenti ta' kustodja. Addizzjonalment, il-Liberja se taħdem ma' awditur indipendenti, li se jipprovdri rapporti pubbliċi regolari dwar l-effikaċja tas-sistema. Is-soċjetà ċivili se timmonitorja l-VPA inġenerali, tikkondividi s-sejbiet mal-gvern, il-partijiet involuti nazzjonali u l-Kumitat Konġunt tal-Implimentazzjoni responsabbli għas-sorveljanza.

Il-ftehim imur lil hinn mill-kopertura limitata tal-prodott proposta fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 2173/2005 dwar l-iskema FLEGT. huwa jkopri l-prodotti kollha tal-injam esportati, inkluż il-laqx tal-injam, u prodotti sekondarji komuni tal-konċessjonijiet tal-agrikoltura kummerċjali. Il-Liberja hija impenjata li tistabbilixxi sistema li se tipprovdri assicurazzjoni lill-UE li l-prodotti kollha tal-injam mil-Liberja huma prodotti legalment u b'hekk jikkontribwixxu b'mod pożittiv għat-tkabbir tal-Liberja.

Il-Ftehim jagħmel dispożizzjoni għall-kontrolli tal-importazzjoni fuq il-konfini tal-UE, kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 2173/2005 dwar l-iskema FLEGT u r-Regolament (KE) Nru 1024/2008 li jistipula miżuri ddettaljati għall-implimentazzjoni tiegħu. Il-Ftehim jinkludi deskrizzjoni tal-liċenzja FLEGT tal-Liberja, li tuża l-format preskritt fir-Regolament ta' Implimentazzjoni msemmi hawn fuq. Il-liċenzji Flegt se jinħarġu wkoll għall-esportazzjoni tal-injam destinat għal swieq oħra internazzjonali u sistema ta' numerazzjoni speċifika għall-UE se tkun introdotta biex l-esportazzjoni tal-injam destinat għall-UE tkun tingħaraf faċilment.

Il-Ftehim jistabbilixxi mekkaniżmu għal dialogu u kooperazzjoni mal-Unjoni fejn tidħol l-iskema FLEGT, permezz tal-Kumitat Konġunt għall-Implimentazzjoni. Hu jistabbilixxi wkoll prinċipji tal-parteċipazzjoni tal-partijiet involuti, is-salvagwardji soċjali, ir-responsabbiltà u t-trasparenza, kif ukoll il-monitoraġġ tal-Ftehim u r-rappurtar dwar l-implimentazzjoni tiegħu.

Il-Ftehim jistabbilixxi limitu ta' żmien u l-proċeduri għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim u għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' liċenzjar. Peress li l-Liberja se tirrevedi u tlesti r-regolamenti li jmexxu s-settur, issaħħaħ is-sistema regolatorja u ta' ġestjoni tal-informazzjon tagħha, taġġorna l-kontrolli fil-katina ta' forniment biex tkopri il-faċilitajiet tal-iproċessar u tistabbilixxi verifika indipendenti tal-konformità legali, se jgħaddu bosta snin biex ikunu żviluppati u ttestjati s-sistemi l-ġodda u biex tinbena l-kapaċità min-naħa tal-gvern, is-soċjetà ċivili u s-settur privat għall-kompiti previsti. L-iskema għall-ġhotti tal-liċenzji FLEGT mistennija li tkun operattiva b'mod sħiħ sa nofs l-2014. L-iskema għall-ġhotti tal-liċenzji se tiġi evalwata fir-rigward tal-kriterji stipulati fil-ftehim qabel ma l-UE tibda taċċetta l-liċenzji FLEGT.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-  
Repubblika tal-Liberja dwar l-infurzar tal-liġi tal-foresti, il-governanza u l-kummerċ  
tal-prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-ewwel subparagrafi tal-Artikolu 207(3) u (4), flimkien mal-Artikoli 218(6)(a)(v) u 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew<sup>5</sup>,

Billi:

- (1) F'Mejju 2003, il-Kummissjoni Ewropea adottat Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill intitolata "Infurzar tal-Liġi tal-Foresta, il-Governanza u l-Kummerċ (FLEGT): Proposta għal Pjan ta' Azzjoni tal-UE<sup>6</sup> li sejħet għal miżuri biex ikun indirizzat il-qtugħ illegali permezz tal-iżvilupp ta' Ftehimiet ta' sħubija volontarja ma' pajjiżi li jipproduċu l-injam. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dan il-Pjan ta' Azzjoni ġew adottati f'Ottubru tal-2003<sup>7</sup> u l-Parlament għadda riżoluzzjoni fil-11 ta' Lulju tal-2005<sup>8</sup>.
- (2) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2011/XXX ta' [...]<sup>9</sup>, il-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Liberja dwar l-infurzar tal-liġi tal-foresti, il-governanza u l-kummerċ tal-prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim') ġie ffirmat fil-[...]<sup>10</sup>, suġġett għall-konklużjoni tiegħu.
- (3) Il-Ftehim għandu jiġi konkluż,

---

<sup>5</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>6</sup> COM(2003) 251.

<sup>7</sup> ĠU C 268, 7.11.2003, p. 1.

<sup>8</sup> ĠU C 157E, 6.7.2006, p. 482.

<sup>9</sup> ĠU L [...], [...], p. [...]; Jekk jogħġbok daħħal in-numru, id-data u r-riferenza ta' pubblikazzjoni għal dan id-dokument.

<sup>10</sup> ĠU jekk jogħġbok daħħal id-data tal-firma

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Liberja għall-infurzar tal-liġi tal-foresti, il-governanza u l-kummerċ tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea (FLEGT) huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jinnomina l-persuna/i awtorizzata/i biex jagħtu/i, f'isem l-Unjoni, in-notifika prevista fl-Artikolu 30 tal-Ftehim sabiex ikun espress il-kunsens tal-Unjoni li tkun marbuta bil-Ftehim.

*Artikolu 3*

Rappreżentanti tal-Kummissjoni għandhom jirrappreżentaw lill-Unjoni fil-Kumitat Konġunt tal-Implimentazzjoni mwaqqaf skont l-Artikolu 19 tal-Ftehim.

L-Istati Membri jistgħu jipparteċipaw bħala membri tad-delegazzjoni tal-Unjoni fil-laqgħat tal-Kumitat Konġunt tal-Implimentazzjoni.

*Artikolu 4*

Għall-finijiet tal-emendar tal-annessi tal-Ftehim fuq il-bażi tal-Artikolu 26 tiegħu, il-Kummissjoni hija awtorizzata, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 2173/2005, biex tapprova kwalunkwe emenda f'isem l-Unjoni.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, [...]

*Għall-Kunsill  
Il-President  
[...]*

**FTEHIM TA' SĦUBIJA VOLONTARJA BEJN L-UNJONI EWROPEA  
U R-REPUBBLIKA TAL-LIBERJA DWAR L-INFURZAR TAL-LIĠI TAL-FORESTI,  
IL-GOVERNANZA U L-KUMMERĊ TAL-PRODOTTI TAL-INJAM LEJN L-UNJONI  
EWROPEA**

L-UNJONI EWROPEA

minn hawn 'il quddiem imsejħa 'l-Unjoni'

u

IR-REPUBBLIKA TAL-LIBERJA,

minn hawn 'il quddiem imsejħa 'il-Liberja',

minn hawn 'il quddiem flimkien imsejħa 'il-Partijiet',

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW ir-relazzjoni ta' ħidma mill-qrib bejn l-Unjoni u l-Liberja, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou (Benin) fit-23 ta' Ġunju 2000<sup>11</sup>, minn hawn 'il quddiem 'il-Ftehim ta' Cotonou' ;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Infurzar tal-Liġi tal-Foresti, il-Governanza u l-Kummerċ (FLEGT)<sup>12</sup> bħala l-ewwel pass lejn l-indirizzar tal-kwistjoni urġenti tal-qtuġh illegali tas-siġar u l-kummerċ assoċjat;

WARA LI KKUNSIDRAW l-importanza tal-prinċipji stabbiliti fid-Dikjarazzjoni ta' Rio tal-1992 fil-kuntest tal-assigurazzjoni tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, u b'mod partikolari, tal-Prinċipju 10 dwar l-importanza tal-għarfien u l-parteċipazzjoni tal-pubbliku fi kwistjonijiet ambjentali u tal-Prinċipju 22 dwar ir-rwol essenzjali tan-nies indiġeni u komunitajiet oħra lokali fil-ġestjoni u l-iżvilupp ambjentali;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW id-Dikjarazzjoni Awtoritattiva li Ma Torbotx Legalment tal-Prinċipji għal Kunsens Globali dwar il-ġestjoni, il-konservazzjoni u l-iżvilupp sostenibbli tat-tipi kollha ta' foresti tal-1992 u l-adozzjoni reċenti mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti ta' Strument li Mhux Legalment Vinkolanti dwar it-tipi kollha ta' foresti<sup>13</sup>;

WARA LI KKUNSIDRAW il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES) u b'mod partikolari, ir-rekwiżit li permessi tal-esportazzjoni CITES maħruġa mill-partijiet ta' CITES għal kampjuni ta' speċi elenkati fl-

---

<sup>11</sup> ĠU L 317, 15.12.2000.

<sup>12</sup> COM(2003) 251 finali, 21.5.2003.

<sup>13</sup> A/RES 62/98 tal-31 ta' Jannar 2008.

Annessi I, II jew III jingħataw biss taħt ċerti kondizzjonijiet, inkluż li t-tali kampjuni ma jkunux inkisbu bi ksur tal-liġijiet ta' dak l-Istat għall-protezzjoni tal-fawna u l-flora.

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW l-importanza mogħtija mill-Partijiet lill-oġettivi ta' żvilupp miftiehma fuq livell internazzjonali u lill-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju tan-Nazzjonijiet Uniti;

FILWAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID l-importanza mogħtija mill-Partijiet lill-prinċipji u lir-regoli li jirregolaw is-sistemi ta' kummerċ multilaterali, b'mod partikolari d-drittijiet u l-obbligi previsti fil-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 u l-ftehimiet multilaterali l-oħra li jistabilixxu l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) kif ukoll il-ħtieġa li jiġu applikati b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju;

WARA LI KKUNSIDRAW ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' skema ta' liċenzjar FLEGT għall-importazzjoni ta' injam fil-Komunità Ewropea<sup>14</sup>;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW il-qafas stabbilit mil-Liġi Nazzjonali tal-Liberja tar-Riforma tal-Foresti<sup>15</sup> li jibbilanċja l-prijoritajiet f'kompetizzjoni kummerċjali, komunitarji u ta' konservazzjoni li qed jintużaw, il-ġestjoni u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-foresti, u b'hekk jippromwovi l-użu effettiv fil-preżent ta' riżorsi tal-foresti għall-iżvilupp ekonomiku, FILWAQT li fl-istess ħin jiżgura li r-riżorsi tal-foresti se jkunu disponibbli għall-benefiċċju ta' ġenerazzjonijiet futuri;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI aktar ir-rikonoxximent tal-Liberja tal-importanza tal-parteċipazzjoni tal-pubbliku u t-trasparenza fl-użu sostenibbli tal-foresti u l-governanza tagħhom, inkluż l-allokazzjoni ta' liċenzji tal-foresti, il-promozzjoni ta' operazzjonijiet li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent u l-monitoraġġ ta' konformità ma' rekwiżiti fiskali u rekwiżiti regolatorji oħra;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li s-sistema tal-assigurazzjoni tal-legalità tal-Liberja hija mfassla sabiex tiġi żgurata l-legalità tal-prodotti kollha tal-injam esportati mil-Liberja għal kwalunkwe parti tad-dinja u bil-għan li jiġi applikat jew estiż ir-rekwiżit ta' legalità għall-prodotti kollha tal-injam użati fis-suq domestiku;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW l-isforzi magħmula mil-Liberja sabiex tippromwovi l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u tal-organiżmi slavaġ fit-territorju nazzjonali kollu tagħha u, b'mod partikolari, sabiex tiżgura l-legalità tal-flussi kollha tal-injam;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU aktar il-kontribuzzjoni li l-implimentazzjoni ta' ftehim ta' sħubija volontarja FLEGT se tagħmel fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, f'konformità mal-isforzi sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet mid-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti (REDD+) billi titrawwen l-infurzar tal-liġi u l-governanza tal-foresti;

---

<sup>14</sup> ĠU L 347, 30.12.2005.

<sup>15</sup> Liġi Nazzjonali tar-Riforma tal-Foresti ta' 2006 (NFRL).

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW l-importanza mogħtija mill-Partijiet lill-parteċipazzjoni tas-soċjeta' ċivili, tas-settur privat u tal-popolazzjonijiet lokali residenti għas-suċċess tal-politiki ta' governanza tal-foresti, b'mod partikolari permezz ta' konsultazzjonijiet u l-għoti ta' informazzjoni lill-pubbliku,

B'DAN FTIEHMU KIF ĠEJ:

### *Artikolu 1*

#### *Għan*

L-għan ta' dan il-Ftehim, konsistenti mal-impenn komuni tal-Partijiet li jiġġestixxu b'mod sostenibbli t-tipi kollha ta' foresti, huwa li jipprovdi qafas legali bl-iskop li jiżgura li l-importazzjonijiet kollha fl-Unjoni mil-Liberja ta' prodotti tal-injam koperti minn dan il-Ftehim għew prodotti legalment u, b'hekk, li jippromwovi l-kummerċ fil-prodotti tal-injam.

Barra minn hekk, dan il-Ftehim jipprovdi bażi għal dialoġu u kooperazzjoni bejn il-Partijiet għall-faċilitazzjoni u l-promozzjoni tal-implimentazzjoni sħiħa ta' dan il-Ftehim u t-tisħiħ tal-infurzar tal-liġi u l-governanza tal-foresti.

### *Artikolu 2*

#### *Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' dan il-ftehim, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) 'importazzjoni fl-Unjoni' tfisser ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa fl-Unjoni skont l-Artikolu 79 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju<sup>16</sup> ta' prodotti tal-injam li ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala 'merkanzija ta' natura mhux kummerċjali' skont id-definizzjoni li tidher fl-Artikolu 1(6) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju<sup>17</sup>;
- (b) 'esportazzjoni' tfisser il-ħruġ jew l-irtirar fiżiku ta' prodotti tal-injam minn kwalunkwe parti tat-territorju ġeografiku tal-Liberja, għajr il-prodotti tal-injam fi tranżitu fil-Liberja;
- (c) 'injam fi tranżitu' ifisser kwalunkwe prodott tal-injam li joriġina minn pajjiż terz, li jidħol fit-territorju tal-Liberja taħt il-kontroll doganali u joħroġ taħt l-istess forma waqt li jżomm il-pajjiż tal-oriġini tiegħu;

---

<sup>16</sup> ĠU L 302, 19.10.1992.

<sup>17</sup> ĠU L 253, 11.10.1993.



- (d) ‘prodotti tal-injam’ ifisser il-prodotti elenkati fl-Anness I;
- (e) ‘kodiċi HS’ tfisser kodiċi ta’ erba' jew sitt numri, kif stabbilita fis-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifika tal-Komodità stabbilita permezz tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifika tal-Komodità tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali;
- (f) ‘liċenzja FLEGT’ tfisser dokument li jikkonferma li konsenja tkun ġejja minn sors legali u hija vverifikata skont il-kriterji stabbiliti f'dan il-Ftehim. Liċenzja FLEGT tista’ tkun fuq karta jew fil-forma elettronika;
- (g) ‘awtorità tal-liċenzji’ tfisser l-awtorità maħtura mil-Liberja biex toħroġ u tivvalida l-liċenzji FLEGT;
- (h) ‘awtoritajiet kompetenti’ tfisser l-awtoritajiet maħtura mill-Istati Membri tal-Unjoni biex jirċievu, jaċċettaw u jivverifikaw il-liċenzji FLEGT;
- (i) ‘konsenja’ tfisser il-kwantità ta’ prodotti tal-injam koperta minn liċenzja FLEGT li tintbagħat mill-konsenjatur jew trasportatur mil-Liberja u hija ppreżentata għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa f’uffiċċju doganali fl-Unjoni;
- (j) ‘injam prodott legalment’ ifisser prodotti tal-injam akkwistati, prodotti u kkumerċjalizzati permezz ta’ proċessi li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet statutorji u regolatorji fis-seħħ fil-Liberja, kif stabbilit fl-Anness II;
- (k) ‘ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa’ tfisser proċedura doganali tal-Unjoni li tagħti l-istatus doganali ta’ oġġetti tal-Unjoni lil oġġetti li mhumiex mill-Unjoni (b’referenza għar-Regolament (KEE) Nru 2913/92), li jimplika l-ġbir ta’ kwalunkwe dazju dovut għall-importazzjoni; il-ġbir, kif xieraq, ta’ imposti oħra; l-applikazzjoni tal-miżuri ta’ politika kummerċjali u l-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet; u t-tweqqif ta’ formalitajiet oħra previsti fir-rigward tal-importazzjoni tal-oġġetti;
- (l) ‘il-Kummissjoni Ewropea’ tfisser l-istituzzjoni tal-Unjoni imsemmija fl-Artikoli 13(1) u 17 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea li, fost kompiti oħra, tiżgura r-rappreżentazzjoni esterna tal-Unjoni u teżerċita funzjonijiet ta’ koordinazzjoni, eżekuttivi u ta’ ġestjoni.

### *Artikolu 3*

#### *Skema ta’ liċenzjar FLEGT*

1. Skema ta’ Liċenzji dwar l-Infurzar tal-Liġi tal-Foresti, il-Governanza u l-Kummerċ (minn hawn ‘il quddiem imsejħa ‘l-iskema ta’ liċenzji FLEGT’) hija hawnhekk stabbilita bejn il-Partijiet f’dan il-Ftehim. Hija tistabbilixxi sett ta’ proċeduri u rekwiżiti bil-għan li jkunu vverifikati u ċċertifikati, permezz ta’ liċenzji FLEGT, li l-prodotti tal-injam li jiġu kkunsinjati lejn l-Unjoni jkunu ġew prodotti jew akkwistati legalment. Skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005 u dan il-Ftehim, l-Unjoni għandha taċċetta

dawn il-konsenji mil-Liberja għall-importazzjoni fl-Unjoni biss jekk ikunu koperti minn liċenzji FLEGT.

2. L-iskema tal-liċenzji FLEGT għandha tapplika għall-prodotti tal-injam elenkati fl-Anness I.

#### *Artikolu 4*

##### *Awtorità tal-liċenzji*

1. Il-Liberja għandha taħtar l-awtorità tal-liċenzji tagħha u tinnotifika d-dettalji tal-kuntatt tal-awtorità tal-liċenzji lill-Kummissjoni Ewropea. Iż-żewġ Partijiet għandhom jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.
2. L-awtorità tal-liċenzji għandha tivverifika li l-prodotti tal-injam ikunu ġew prodotti legalment skont il-leġiżlazzjoni elenkata fl-Anness II. Skont it-termini stabbiliti fl-Anness II, għandha toħroġ liċenzji FLEGT li jkopru konsenji ta' injam prodott jew akkwistat legalment għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni
3. L-awtorità tal-liċenzji m'għandhiex toħroġ liċenzji FLEGT għal kwalunkwe prodott tal-injam li huwa kompost minn, jew li jinkludi, prodotti tal-injam importati fil-Liberja minn pajjiż terz ħlief jekk jintwera li l-prodott tal-injam ikun ġie prodott u esportat skont il-liġijiet tal-pajjiż terz ikkonċernat u jkun ikkonforma mal-Anness II għal dan il-Ftehim u ma kwalunkwe regolament li jirregola l-importazzjoni ta' prodotti tal-injam fil-Liberja.
4. L-awtorità tal-liċenzji għandha tistabbilixxi u tagħmel disponibbli pubblikament il-proċeduri tagħha għall-ħruġ tal-liċenzji FLEGT. Għandha żżomm ukoll rekords tal-konsenji kollha koperti mil-liċenzji FLEGT u, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-dejta, għandha tagħmel dawn ir-rekords disponibbli għall-finijiet ta' monitoraġġ indipendenti, waqt li tirrispetta l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li hi proprjetà tal-esportaturi.

#### *Artikolu 5*

##### *Awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni*

1. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tgħarraf lil-Liberja bid-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti maħtura mill-Istati Membri tal-Unjoni. Iż-żewġ Partijiet għandhom jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.
2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li kull konsenja tiġi koperta minn liċenzja FLEGT valida qabel ma jirrilaxxaw dik il-konsenja għal ċirkolazzjoni ħielsa fl-Unjoni. Ir-rilaxx tal-konsenja jista' jiġi sospiż u l-konsenja miżmuma fejn ikun hemm dubji fir-rigward tal-validità tal-liċenzja FLEGT. Il-proċeduri li jirregolaw ir-rilaxx

għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fl-Unjoni ta' konsenji koperti minn liċenzja FLEGT huma deskritti fl-Anness III.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu u jipubblikaw kull sena rekord tal-liċenzji FLEGT li jirċievu.
4. Skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-dejta, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu lil persuni jew korpi maħtura mil-Liberja bħala awditur indipendenti, aċċess għad-dokumenti u d-dejta rilevanti.
5. Madankollu, fejn l-injam u l-prodotti derivati mill-ispeċijiet elenkati fl-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES) u koperti minn liċenzja FLEGT jidħlu fl-Unjoni, għandhom jgħaddu minn eżami preskritt mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċijiet ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun irregolat il-kummerċ fihom<sup>18</sup>, billi l-liċenzja FLEGT tiċċertifika wkoll li dan l-injam inkwistjoni għe prodott jew akkwistat legalment.

#### *Artikolu 6*

##### *Liċenzji FLEGT*

1. Il-liċenzji FLEGT għandhom jinħarġu mill-awtorità tal-liċenzji bħala mezz ta' ċertifikazzjoni li l-prodotti tal-injam ikunu ġew prodotti jew akkwistati legalment.
2. Il-liċenzji FLEGT għandhom jinħarġu u jimtlew bl-Ingliż.
3. Il-Partijiet jistgħu, permezz ta' ftehim, jistabbilixxu sistemi elettroniki għall-ħruġ, it-trażmissjoni u r-riċezzjoni tal-liċenzji FLEGT.
4. Il-proċedura għall-ħruġ tal-liċenzji FLEGT u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi huma stabbiliti fl-Anness IV.

#### *Artikolu 7*

##### *Definizzjoni ta' injam prodott legalment*

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, qed tiġi stabbilita definizzjoni ta' 'injam prodott legalment' fl-Artikolu 2 u l-Anness II. Id-definizzjoni tistabbilixxi l-leġiżlazzjoni nazzjonali u regolamenti ta' akkompanjament tal-Liberja li jridu jiġu mħarsa qabel ma l-prodotti tal-injam ikunu jistgħu jiġu koperti mil-liċenzji FLEGT L-Anness II jinkludi wkoll 'tabelli ta' legalità' flimkien ma' 'indikaturi ta' legalità' u 'verifikaturi ta' legalità' u proċeduri ddettaljati ta' verifika li jridu jiġu segwiti sabiex tiġi determinata l-konformità mal-liġi tal-Liberja.

---

<sup>18</sup> ĠU KE L 61, 3.3.1997, p. 1.

## *Artikolu 8*

### *Verifika ta' injam prodott legalment*

1. Il-Liberja għandha tistabbilixxi sistema biex tivverifika li l-injam ikun ġie prodott jew akkwistat legalment u biex tiżgura li l-konsenji verifikati bħala tali biss jiġu esportati lejn l-Unjoni. Is-sistema għall-verifika tal-legalità għandha tinkludi kontrolli tal-konformità sabiex tiġi pprovduta assigurazzjoni li l-injam u l-prodotti derivati destinati għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni jkunu ġew prodotti jew akkwistati legalment u li l-liċenzji FLEGT ma jkunux inħarġu għal konsenji tal-injam li ma jkunux ġew prodotti jew akkwistati legalment, jew li l-oriġini tagħhom ma tkunx magħrufa. Is-sistema għandha tinkludi wkoll proċeduri bl-għan li jiġi żgurat li l-injam ta' oriġini illegali jew mhux magħrufa ma jidħolx fil-katina tal-provvista.
2. Is-sistema ta' verifika li l-konsenji tal-prodotti tal-injam ikunu ġew prodotti legalment hija deskritta fl-Anness II.

## *Artikolu 9*

### *Applikazzjoni tal-iskema ta' liċenzjar FLEGT għall-prodotti tal-injam mhux esportati lejn l-Unjoni*

1. Il-Liberja għandha timpenja ruħha biex tivverifika l-legalità tal-injam esportat lejn swieq li mhumiex fl-Unjoni, tal-injam mibjugħ fis-swieq domestiċi tiegħu u tal-injam importat permezz, fejn ikun possibbli, tas-sistemi tal-verifika tal-legalità żviluppatti għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.
2. Bħala sostenn għal dawn l-isforzi, l-Unjoni, bi djalogu mal-partijiet interessati, għandha tinkoraġġixxi l-użu tas-sistemi żviluppatti għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim għal kummerċ fi swieq internazzjonali oħra u ma' pajjiżi terzi.

## *Artikolu 10*

### *Konsultazzjonijiet dwar il-validità tal-liċenzji*

1. F'każ li jinħolqu dubji dwar il-validità ta' kwalunkwe liċenzja, l-awtorità kompetenti kkonċernata tista' titlob fil-pront lill-awtorità tal-liċenzji informazzjoni addizzjonali u tfittex aktar kjarifika. Jekk l-awtorità tal-liċenzji ma tweġibx fi żmien 21 jum kalendarju mid-data ta' meta tirċievi t-talba għal informazzjoni addizzjonali, l-awtorità kompetenti għandha taġixxi skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli tagħha u m'għandhiex taċċetta l-liċenzja. Jekk, wara li tiġi pprovduta l-informazzjoni addizzjonali u aktar investigazzjoni, jiġi stabbilit li l-informazzjoni fuq il-liċenzja ma tikkorrispondix mal-konsenja, l-awtorità kompetenti għandha taġixxi skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali fis-seħħ u m'għandhiex taċċetta l-liċenzja. L-awtorità tal-liċenzji trid tiġi infurmata fil-

pront bil-miktub b'kull nuqqas ta' aċċettazzjoni ta' liċenzja FLEGT flimkien mar-raġuni għan-nuqqas ta' aċċettazzjoni.

2. F'każ li jkun hemm nuqqas ta' ftehim jew diffikultajiet persistenti fir-rigward tal-konsultazzjonijiet li jikkonċernaw il-liċenzji FLEGT, il-kwistjoni tista' tiġi rriferita lill-Kumitat Konġunt tal-Implimentazzjoni.

## *Artikolu 11*

### *Awditur indipendenti*

1. Il-Partijiet għandhom jiftiehem dwar il-ħtieġa li jimpjegaw is-servizzi ta' awditur indipendenti għal perjodi ta' żmien miftiehma biex jikkontrollaw il-prestazzjoni u l-effikaċja tal-iskema tal-liċenzji FLEGT kif stabbilita fl-Anness V.
2. Il-Liberja għandha tqabba is-servizzi ta' awditur indipendenti, wara li tikkonsulta mal-Unjoni.
3. L-awditur indipendenti għandu jirreferi l-ilmenti li jqumu matul ix-xogħol tiegħu lill-Kumitat Konġunt tal-Implimentazzjoni.
4. L-awditur indipendenti għandu jikkomunika l-osservazzjonijiet tiegħu lill-Partijiet f'rapporti skont il-proċedura deskritta fl-Anness V. Ir-rapporti tal-awditur indipendenti għandhom jiġu ppubblikati skont il-proċedura stabbilita fl-Anness V.
5. Il-Partijiet għandhom jiffaċilitaw ix-xogħol tal-awditur indipendenti, inkluż billi jiżguraw li dan tal-aħħar ikollu aċċess fit-territorju ta' kull Parti għall-informazzjoni meħtieġa għat-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu. Madankollu, Parti tista', skont il-leġiżlazzjoni tagħha dwar il-protezzjoni tad-dejta, iżżomm kwalunkwe informazzjoni li m'għandhiex permess li tiżvela.

## *Artikolu 12*

### *Irregolaritajiet*

Il-Partijiet għandhom jinfurmaw lil xulxin jekk jissuspettaw jew ikunu sabu evidenza ta' kwalunkwe evażjoni jew irregolarità fl-iskema tal-liċenzji FLEGT, inkluż b'rabta ma' dan li ġej:

- (a) aġġirament tal-kummerċ, inkluż bit-teħid ta' rotta ġdida tal-kummerċ mil-Liberja lejn l-Unjoni permezz ta' pajjiż terz, fejn hemm raġuni li wieħed jemmin li dan sar bl-intenzjoni li jiġi evitat il-liċenzjar;
- (b) liċenzji FLEGT li jkopru l-prodotti tal-injam li jinkludu importazzjonijiet minn sorsi suspettużi f'pajjiżi terzi; jew
- (c) frodi fil-kisba jew l-użu tal-liċenzji FLEGT.

## *Artikolu 13*

### *Id-data tal-operazzjoni tal-iskema tal-liċenzji FLEGT*

1. Il-Partijiet għandhom jiftiehem dwar data minn meta l-iskema tal-liċenzji FLEGT għandha tibda topera.
2. It-tnejja tal-ħruġ tal-liċenzji FLEGT għandha tiġi preċeduta minn evalwazzjoni teknika konġunta, li l-għanijiet u l-kriterji tagħha huma stabbiliti fl-Anness VI. L-evalwazzjoni għandha tiddetermina li l-assigurazzjoni tal-legalità li hija l-bażi tal-iskema tal-liċenzji FLEGT tissodisfa b'mod adegwat il-funzjonijiet tagħha u li s-sistemi fl-Unjoni Ewropea għar-riċezzjoni, il-verifika u l-aċċettazzjoni tal-liċenzji FLEGT huma fis-seħħ.

#### *Artikolu 14*

##### *Skeda għall-implimentazzjoni tal-Ftehim*

1. Il-Partijiet jaqblu fuq l-iskeda għall-implimentazzjoni stabbilita fl-Anness VII.
2. Il-Partijiet, permezz tal-Kumitat Konġunt tal-Implimentazzjoni, għandhom jevalwaw il-progress tal-implimentazzjoni b'referenza għall-iskeda stabbilita fl-Anness VII.

#### *Artikolu 15*

##### *Miżuri ta' sostenn*

1. Il-Partijiet identifikaw l-oqsma indikati fl-Anness VIII bħala dawk fejn hemm il-ħtieġa għal riżorsi tekniċi u finanzjarji addizzjonali biex jiġi applikat dan il-Ftehim.
2. Il-provvista ta' dawn ir-riżorsi għandha tkun soġġetta għall-proċeduri normali tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għall-ippogrammar tal-assistenza lil-Liberja u għall-proċeduri baġitarji tal-Liberja stess.
3. Il-Partijiet għandhom jikkunsidraw il-ħtieġa ta' ftehim konġunt fejn il-finanzjament u l-kontribuzzjonijiet tekniċi tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jiġu kkoordinati biex isostnu dawn il-proċessi.
4. Il-Liberja għandha tiżgura li l-infurzar tal-kapaċitajiet għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim ikun inkluż fl-istrumenti nazzjonali tal-ippjanar, bħall-istrateġiji ta' tnaqqis tal-faqar u l-baġits.
5. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-attivitajiet assoċċjati mal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim jiġu koordinati mal-inizjattivi ta' żvilupp rilevanti, eżistenti jew fil-futur bħal, fost oħrajn, dawk li jsostnu l-azzjoni sabiex jintaqqsu l-emissjonijiet mid-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti (REDD+).
6. Il-provvista ta' riżorsi addizzjonali għandha tiġi soġġetta għall-proċeduri li jirregolaw l-għajjnuna tal-Unjoni Ewropea, kif stabbilita fil-Ftehim ta' Kotonù, u għal dawk li jirregolaw l-għajjnuna bilaterali mogħtija lil-Liberja mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.





## *Artikolu 16*

### *Involviment tal-partijiet interessati fl-implimentazzjoni tal-Ftehim*

1. Skont il-Liġi Nazzjonali tal-Liberja tar-Riforma tal-Foresti relatata mal-ġestjoni parteċipatorja tar-riżorsi tal-foresti, il-Liberja għandha tiżgura li l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' dan il-Ftehim isiru f'konsultazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti, inkluż l-industrija, is-soċjetà ċivili, il-komunitajiet lokali u persuni oħra dipendenti fuq il-foresti. Il-partijiet interessati għandhom jipparteċipaw permezz ta' strutturi ta' governanza eżistenti tal-foresti u permezz ta' sħubija ta' korp nazzjonali li jrid jiġi stabbilit skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.
2. Il-Liberja għandha tistabbilixxi kumitat nazzjonali sabiex jimmonitorja l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, magħmul minn rappreżentanti tal-aġenziji rilevanti tal-Gvern u partijiet interessati rilevanti oħra.
3. L-Unjoni għandha tikkonsulta b'mod regolari mal-partijiet interessati dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, filwaqt li tikkunsidra l-obbligi tagħha skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus tal-1998 dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteeipazzjoni tal-pubbliku fit-teħid ta' deċizzjoni u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali.

## *Artikolu 17*

### *Salvagwardji soċjali*

1. Sabiex jiġi minimizzat kwalunkwe impatt negattiv li jista' jkollu dan il-Ftehim, il-Partijiet jiftiehem li jiżviluppaw ftehim aħjar tal-mod kif persuni potenzjalment affettwati u komunitajiet lokali jaqilgħu l-għixien, inklużi dawk involuti fil-qtugħ illegali tas-siġar.
2. Il-Partijiet għandhom jimmonitorjaw l-impatt ta' dan il-Ftehim fuq dawk il-komunitajiet imsemmija f'paragrafu 1, waqt li jieħdu passi raġonevoli biex jimmitigaw kwalunkwe impatt ħażin. Il-Partijiet jistgħu jiftiehem fuq miżuri addizzjonali biex jindirizzaw kwalunkwe impatt negattiv.

## *Artikolu 18*

### *Inċentivi relatati mas-suq*

Filwaqt li tikkunsidra l-obbligi internazzjonali tagħha, l-Unjoni għandha tħabrek biex tippromwovi l-aċċess favorevoli għas-suq tagħha għall-prodotti tal-injam koperti b'dan il-Ftehim. Dawn l-isforzi għandhom jinkludu:

- (a) l-inkoraġġament tal-politiki ta' akkwist pubbliku u privat li jirrikonoxxu l-isforzi li jiżguraw provvista ta' prodotti tal-injam prodotti legalment; u
- (b) il-promozzjoni tal-prodotti bil-liċenzji FLEGT fis-suq tal-Unjoni.

### *Artikolu 19*

#### *Kumitat Konġunt tal-Implimentazzjoni*

1. Il-Partijiet għandhom jistabbilixxu Kumitat Konġunt tal-Implimentazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-JIC') biex jiffaċilita l-monitoraġġ u r-reviżjoni ta' dan il-Ftehim. Il-JIC għandu jiffaċilita wkoll id-djalogu u l-iskambji tal-informazzjoni bejn il-Partijiet.
2. Kull Parti għandha tinnomina r-rappreżentanti tagħha fil-JIC li għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu permezz ta' konsensus. Il-JIC għandu jiġi kopresedut minn tnejn mill-membri tiegħu, wieħed mill-Unjoni u l-ieħor mil-Liberja.
3. Il-JIC għandu jikkunsidra kwalunkwe kwistjoni relatata mal-implimentazzjoni effettiva ta' dan il-Ftehim. B'mod partikolari, il-JIC għandu:
  - (a) jiltaqa' mill-inqas darbtejn fis-sena fid-dati u l-postijiet miftiehma mill-Partijiet;
  - (b) iħejji l-aġenda tal-ħidma tiegħu u t-termini ta' referenza għall-azzjoni konġunta;
  - (c) jistabbilixxi r-regoli tal-proċedura tiegħu stess;
  - (d) jistabbilixxi arranġament ta' kopresidenza sabiex il-laqgħat tiegħu jiġu preseduti;
  - (e) jiżgura li l-ħidma tiegħu tkun trasparenti u li l-informazzjoni dwar il-ħidma u d-deċiżjonijiet tiegħu tkun disponibbli għall-pubbliku;
  - (f) jekk ikun meħtieġ, jistabbilixxi gruppi ta' ħidma jew korpi sussidjarji oħra għal oqsma li jeħtieġu kompetenzi speċifiċi;
  - (g) jippubblika rapport annwali. Dettalji tal-kontenut ta' dan ir-rapport jingħataw fl-Anness IX.
4. Il-funzjonijiet speċifiċi tal-JIC huma deskritti fl-Anness X.
5. Fil-perjodu bejn l-inizjalar ta' dan il-Ftehim u d-dħul fis-seħħ tiegħu, għandu jiġi stabbilit mekkaniżmu konġunt għad-djalogu u l-monitoraġġ biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

## *Artikolu 20*

### *Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim*

1. Ir-rappreżentanti tal-Partijiet li huma responsabbli għall-komunikazzjonijiet uffiċjali dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim għandhom ikunu:

Għal-Liberja:

Għall-Unjoni Ewropea

Il-Ministru tal-Agrikoltura

Il-Kap tad-Delegazzjoni tal-Unjoni fil-Liberja

2. Il-Partijiet għandhom jikkomunikaw lil xulxin fi żmien xieraq l-informazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

## *Artikolu 21*

### *Rapportaġġ u żvelar tal-informazzjoni lill-pubbliku*

1. Il-pubblikazzjoni tal-informazzjoni hija essenzjali sabiex tiġi mtejba l-governanza u għalhekk il-provvista tal-informazzjoni lill-partijiet interessati għandha tkun ċentrali għall-VPA. L-informazzjoni għandha tiġi ppubblikata regolarment sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' sistemi, tiżdied it-trasparenza, u b'hekk titjieb il-kunfidenza tal-parti interessata u tal-konsumatur kif ukoll jiġi żgurat li jingħata rendikont aħjar tal-Partijiet. Id-dettalji tal-informazzjoni li trid tiġi ppubblikata huma stabbiliti fl-Anness IX.
2. Kull parti għandha tiddetermina l-mekkaniżmu l-aktar xieraq biex tagħmel l-informazzjoni pubblika. B'mod partikolari, il-Partijiet għandhom jagħmlu sforz biex jipprovdu lill-partijiet interessati fis-settur tal-foresti b'informazzjoni affidabbli u aġġornata.
3. It-termini tar-referenza u l-proċeduri li jiggwidaw il-funzjonament tal-JIC għandhom jiġu ppubblikati.

## *Artikolu 22*

### *Informazzjoni kunfidenzjali*

1. Kull Parti timpenja ruħha, fil-limiti preskritti mil-liġijiet tagħha stess, li ma tiżvelax informazzjoni kunfidenzjali skambjata taħt dan il-Ftehim. L-ebda Parti m'għandha tiżvela lill-pubbliku, jew tippermetti lill-awtoritajiet tagħha involuti fl-implimentazzjoni

ta' dan il-Ftehim li jiżvelaw, sigrieti tal-kummerè jew informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali skambjata taħt dan il-Ftehim.

2. Suġġett għall-paragrafu 1, l-informazzjoni li ġejja m'għandhiex tiġi kkunsidrata bħala kunfidenzjali:
  - (a) in-numru u t-tip tal-liċenzji FLEGT maħruġa mil-Liberja u rċevuti mill-Unjoni u l-volum tal-prodotti tal-injam esportati mil-Liberja u rċevuti mill-Unjoni taħt dawn il-liċenzji;
  - (b) l-ismijiet u l-indirizzi tad-detenturi rilevanti tal-liċenzji FLEGT u tal-importaturi;
  - (c) l-ammonti tal-miżati u t-taxxi mħallsa minn kwalunkwe esportatur;
  - (d) multi monetarji imposti jew azzjoni regolatorja meħuda kontra kwalunkwe kuntrattur jew detentur tal-liċenzji.

### *Artikolu 23*

#### *Applikazzjoni territorjali*

Dan il-Ftehim għandu japplika għat-territorju li fih it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiġi applikat taħt il-kundizzjonijiet previsti f'dak it-Trattat, min-naħa waħda, u għat-territorju tal-Liberja, min-naħa l-oħra.

### *Artikolu 24*

#### *Riżoluzzjoni tat-tilwim*

1. Il-Partijiet għandhom ifittxu li jsolvu kull tilwim li jikkonċerna l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim permezz ta' konsultazzjonijiet fil-pront.
2. Fil-każ li xi tilwim ma jkunx jista' jiġi solvut permezz ta' konsultazzjonijiet fi żmien xahrejn mid-data tat-talba inizjali għall-konsultazzjonijiet, kull Parti tista' tirreferi t-tilwim lill-JIC, li għandu jagħmel ħiltu biex isib soluzzjoni. Il-JIC għandu jiġi provdut bl-informazzjoni kollha rilevanti għal eżami fil-fond tas-sitwazzjoni bil-ħsieb li tinsab soluzzjoni aċċettabbli. Għal dan il-għan, il-JIC għandu jinħtieġ li jeżamina l-possibbiltajiet kollha biex tinżamm l-implimentazzjoni effettiva ta' dan il-Ftehim.
3. Fil-każ li l-JIC ma jkunx jista' jsolvi t-tilwima fi żmien xahrejn, il-Partijiet jistgħu jfittxu b'mod konġunt l-bon offiċji ta', jew jitolbu l-medjazzjoni, minn parti terza indipendenti.
4. Fil-każ li ma jkunx jista' jsolvi t-tilwima skont il-paragrafu 3, kull Parti tista' tinnotifika lill-oħra dwar il-ħatra ta' arbitru; il-Parti l-oħra trid imbagħad taħtar arbitru ieħor fi

żmien 30 jum kalendarju mill-ħatra tal-ewwel arbitru. Il-Partijiet għandhom jaħtru b'mod konġunt it-tielet arbitru fi żmien xahrejn mill-ħatra tat-tieni arbitru.

5. Id-deċiżjonijiet tal-arbitri għandhom jittieħdu b'vot ta' maġġoranza fi żmien sitt xhur mill-ħatra tat-tielet arbitru.
6. Id-deċiżjoni għandha torbot lill-Partijiet u ma tistax tiġi appellata.
7. Il-JIC għandu jistabbilixxi l-proċeduri tal-ħidma għall-arbitraġġ.

#### *Artikolu 25*

##### *Sospensjoni*

1. Kull Parti tista' tissospendi l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim fil-każ li l-Parti l-oħra (a) tonqos milli tissodisfa l-obbligi tagħha kif speċifikat skont dan il-Ftehim, jew (b) tonqos milli żżomm il-miżuri regolatorji u amministrattivi u l-mezzi meħtieġa sabiex jiġi implimentat dan il-Ftehim, jew (c) taġixxi jew tonqos milli taġixxi b'mod li joħloq riskji sinifikanti għall-ambjent, is-saħħa, is-sikurezza jew is-sigurtà tan-nies tal-Unjoni jew tal-Liberja. Id-deċiżjoni ta' sospensjoni u r-raġunijiet għal din id-deċiżjoni għandhom jiġu nnotifikati bil-miktub lill-Parti l-oħra.
2. Il-kundizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jieqfu japplikaw 30 jum kalendarju wara li jingħata dan l-avviż.
3. L-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandha terġa' tissokta 30 jum kalendarju wara li l-Parti li tkun issospendiet l-applikazzjoni tagħha tinforma lill-Parti l-oħra li r-raġunijiet tas-sospensjoni m'għadhomx japplikaw u l-Partijiet jiftieħmu b'mod konġunt li jerġgħu jissoktaw bil-Ftehim.

#### *Artikolu 26*

##### *Emendi*

1. Kull Parti li tixtieq temenda dan il-Ftehim għandha tressaq proposta mill-anqas tliet xhur qabel il-laqgħa li jmiss tal-JIC. Il-JIC għandu jiddiskuti l-proposta, u jekk jintlaħaq kunsens, jagħmel rakkomandazzjoni. Kull Parti għandha tikkunsidra r-rakkomandazzjoni u, jekk ikun hemm qbil, għandha tapprovaha skont il-proċeduri interni tagħha stess.
2. Kwalunkwe emenda approvata b'dan il-mod miż-żewġ Partijiet għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin dwar it-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dan l-iskop.
3. Il-JIC jista' jadotta emendi għall-Annessi ta' dan il-Ftehim.

4. Notifika ta' kwalunkwe emenda għandha tintbagħat lid-depożitarji għal dan il-Ftehim u għandha tidħol fis-seħħ fil-ħin u fil-forma prevista fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

## *Artikolu 27*

### *Annessi*

L-Annessi għal dan il-Ftehim għandhom jiffurmaw parti integrali tiegħu u għandhom ikunu infurzabbli.

## *Artikolu 28*

### *Durata*

B'effett mid-dħul fis-seħħ tiegħu, dan il-Ftehim għandu jibqa' validu għal żmien indefinit.

## *Artikolu 29*

### *Terminazzjoni tal-Ftehim*

Minkejja l-Artikolu 28, kull Parti tista' ttejjem dan il-Ftehim billi tinnotifika bil-miktub lill-Parti l-oħra. Dan il-Ftehim m'għandux jibqa' japplika 12-il xahar wara d-data ta' din in-notifika.

## *Artikolu 30*

### *Testi awtentiċi*

Dan il-Ftehim għandu jittfassal duplikatament fil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Olandiża, Ingliża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola u Svediża, u kull wieħed minn dawn it-testi jkun awtentiku. Fil-każ ta' diverġenza, għandu jipprevali t-test Ingliż.

## *Artikolu 31*

### *Dħul fis-seħħ*

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin bil-miktub bit-tlestija tal-proċeduri rispettivi tagħhom meħtieġa għal dan l-iskop.
2. In-notifika għandha tintbagħat lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lill-Ministru Liberjan tal-Affarijiet Barranin, li għandhom ikunu d-depożitarji konġunti għal dan il-Ftehim.

### Lista ta' Annessi

Anness I	Lista tal-prodotti suġġetti għal-liċenzjar FLEGT
Anness II	Sistema tal-assigurazzjoni ta' legalità tal-Liberja
Anness III	Kundizzjonijiet li jirregolaw ir-rilaxx f'ċirkolazzjoni ħielsa fl-Unjoni tal-prodotti tal-injam esportati mil-Liberja u koperti minn liċenzja FLEGT
Anness IV	Rekwiżiti u speċifikazzjonijiet tekniċi għal liċenzji FLEGT
Anness V	Funzjonijiet tal-awditjar indipendenti: termini ta' referenza
Anness VI	Kriterji għall-evalwazzjoni tas-sistema tal-assigurazzjoni ta' legalità
Anness VII	Skeda tal-implimentazzjoni
Anness VIII	Miżuri ta' sostenn
Anness IX	Aċċess pubbliku għall-informazzjoni u l-miżuri ta' trasparenza
Anness X	Funzjonijiet tal-Kumitat Konġunt tal-Implimentazzjoni



## ANNESS I

### LISTA TAL-PRODOTTI SUĠĠETTI GĦAL-LIĊENZJAR FLEGT

<b>KODIĊIJET HS</b>	<b>DESKRIZZJONI KUMMERĊJALI</b>
4401	Injam għall-ħruq, fi zkuk, zkuk ħoxnin, friegħi, għesieleġ jew forom simili; injam f'laqx jew fi frak; serratura u skart u fdal tal-injam, kemm jekk magħqudin fi zkuk, trab tal-faħam ippressat, gerbub jew forom simili, inkluż il-laqx tal-injam tal-gomma, jew le.
4403	Injam mhux raffinat, biz-zokk u/jew il-linfa mqaxxin jew maqtuġh kwadru b'mod goff
4406	Travi tal-injam għal-linji tal-ferrovija jew injam simili
4407	Injam isserrat jew imlaqqax mit-tul, imfellel jew imqaxxar, inċanat jew le, xkatlat jew imminċottat fit-truf, bi ħxuna ta' iktar minn 6 mm
4408	Folji għall-fuljetta (inklużi dawk magħmulin bit-tiflil tal-injam laminat), folji għat-triplaj jew għal injam laminat simili u injam ieħor isserrat mit-tul, imfellel jew imqaxxar, inċanat, xkatlat, impalellat jew imminċottat fit-truf, mhux eħxen minn 6 mm
4409	Injam (inklużi strixxi u fregħi għal kisi tal-art bil-parkè, mhux immuntat) iffurmat kontinwament (b'tarf ilsien, bil-kanal, irbattut, ċanfrin, ġonot-V, imnaqqax, ittundjat jew simili) tul xi xifer, wiċċ jew tarf tiegħu jew bosta minnhom, sew jekk inċanat, xkatlat jew imminċottat fit-truf jew le
4410	Bord tal-injam mill-fraġ, bord tat-tip oriented strand board (OSB) u bord simili (pereżempju, waferboard) tal-injam jew ta' materjali oħrajn għudin, magħqudin, jew le, bir-rażi jew sustanzi organiċi oħrajn li jgħaqqdu
4411	Fibreboard tal-injam jew materjali oħrajn għudin, sew jekk magħqud bir-raża jew sustanzi organiċi oħra jew le
4412	Plajwud, pannelli miksiya u injam laminat simili
4414	Gwarniċi tal-injam għal pitturi, ritratti, mirja jew oġġetti simili
4415	Kontenituri għall-ippakkjar, kaxex, ċestuni, tankijiet u kontenituri simili, tal-injam; rukkelli tal-injam għall-kejbil; pallets, pallets forma ta' kaxxa jew twavel oħrajn għat-tagħbija, tal-injam; għenuq tal-pallets tal-injam
4416	Bittiji, bramel, tankijiet, tnellijiet u prodotti oħra tal-buttar, u partijiet tagħhom, inkluż injam imqawwes
4417	Għodod, partijiet u manek tal-għodod, il-parti prinċipali tal-ixkupilji, manek tal-ixkupi jew tal-ixkupilji, tal-injam; forom, għodod għat-tekabbir taż-żraben, tal-injam
4418	Xoġhol tal-mastrudaxxa u tal-karpenrija tal-injam għall-bennejja, inklużi pannelli ċellulari tal-injam, panelli mmuntati għall-art, twavel tal-kisi u shakes

9403.30	Għamara tal-injam tat-tip li tintuża fl-uffiċċji
9403.40	Għamara tal-injam tat-tip li tintuża fil-kċina
9403.50	Għamara tal-injam tat-tip li tintuża fil-kamra tas-sodda
9403.60	Għamara oħra tal-injam

## ANNEX II

### SISTEMA TAL-ASSIGURAZZJONI TAL-LEGALITÀ TAL-LIBERJA

#### 1. DAĦLA

Is-sistema tal-assigurazzjoni tal-legalità (LAS) tal-Liberja timmira sabiex tiżgura l-legalità tal-allokkazzjoni tad-drittijiet tal-użu tal-foresti u tal-ħsad, it-trasport, l-ipproċessar u l-bejgħ tal-injam. Hija bbażata fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali fis-seħħ u sistemi eżistenti ta' kontroll governattiv, u għet imfassla minn proċess ma' partijiet interessati nazzjonali multipli li inkluda rappreżentanti ta' komunitajiet, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (CSOs), aġenziji tal-gvern u s-settur privat. Dawn il-partijiet interessati ftiehem, permezz ta' proċess ta' konsultazzjonijiet u diskussjonijiet, dwar l-elementi tal-LAS deskritti hawn taħt:

- Id-definizzjoni tal-legalità;
- Il-verifika ta' konformità mad-definizzjoni tal-legalità;
- Is-sistema tal-katina tal-kustodja;
- Il-liċenzji FLEGT;
- L-awditjar indipendenti.

**Id-definizzjoni tal-legalità** tistabbilixxi r-rekwiżiti ewlenin tal-leġiżlazzjoni applikabbli għas-settur tal-foresti. Id-definizzjoni tal-legalità għet finalizzata u endorsjata minn partijiet interessati nazzjonali matul in-negozjati tal-VPA.

**Il-verifika tal-legalità** tiddetermina sistematikament il-konformità mar-rekwiżiti tad-definizzjoni tal-legalità. Din hija r-responsabbiltà tal-korpi tal-gvern maħtura mil-leġiżlazzjoni u mill-VPA.

**Is-sistema tal-katina tal-kustodja (COCS)** tiġi applikata sabiex tiġi kkontrollata l-katina tal-provvista tal-injam mill-foresta sal-punt tal-esportazzjoni jew il-bejgħ fis-suq domestiku. Is-COCS tinkludi l-kontrolli operattivi minn kumpaniji, il-verifika mill-maniġer tas-COCS u sistema ta' informazzjoni fejn id-dejta mill-attivitajiet tal-kontroll operattiv u tal-verifika jiġu maħżuna u analizzati. COCS li fil-biċċa l-kbira tagħha tikkonforma mar-rekwiżiti tal-LAS ilha topera minn qabel ma bdew in-negozjati tal-VPA. Tfasslet u qed tiġi operata minn fornitur tas-servizz estern u eventwalment se tiġi ttrasferita lill-Awtorità tal-Iżvilupp tal-Forestrija (FDA).

Il-Liberja toħroġ **liċenzji FLEGT** lill-konsenji kollha tal-esportazzjonijiet tal-prodotti tal-injam li jiġu prodotti skont id-definizzjoni tal-legalità u kkontrollati kif suppost mis-COCS.

**L-awditu indipendenti** żżid il-kredibilità lil-LAS billi jispezzjona kull komponent tas-sistema sabiex jiżgura li qed taħdem kif suppost. L-awditu se jitwettaq minn korp kompetenti li huwa indipendenti mill-korpi regolaturi tas-settur tal-foresti tal-Liberja u operaturi tas-settur privat. Ir-risultati tal-awditu jiġu rrapportati lill-Kumitat Konġunti tal-Implimentazzjoni u r-rapporti huma disponibbli pubblikament.

Il-verifika tal-legalità, il-liċenzjar u l-funzjonijiet tal-Awditjar Indipendenti ġew deskritti minn grupp ta' ħidma ta' parti interessata u se jiġu żviluppati aktar u jibdew joperaw matul l-implimentazzjoni tal-VPA.

Dan l-Anness jiddeskrivi kif, fil-prinċipju, l-LAS se taħdem fil-prattika.

## **2. AMBITU**

### **2.1. Sorsi tal-Injam**

L-injam u l-prodotti tal-injam kollha li jtkabbru domestikament ikkontrollati mil-LAS iridu joriġinaw minn żoni maħtura legalment li għall-użu tagħhom ġew allokatu drittijiet skont id-dispożizzjonijiet legali. Dawn is-sorsi tal-injam jistgħu jinkludu kemm foresti naturali kif ukoll foresti ta' pjantazzjonijiet taħt wieħed mit-tipi ta' permessi mogħtija mill-Awtorità tal-Iżvilupp tal-Foresti (FDA);

- il-kuntratt għall-ġestjoni tal-foresti (FMC);
- il-kuntratt għall-bejgħ tal-injam (TSC);
- il-permess għall-użu privat (PUP);
- il-permess għall-użu tal-foresti (FUP),
- il-permess għas-serrieq bil-katina.

It-tipi ta' permessi msemmija hawn fuq jiġu pprovduti mill-Liġi Nazzjonali tal-Liberja tar-Riforma tal-Foresti, il-Liġi tad-Drittijiet Komunitarji, ir-Regolament tas-Serrieq bil-Katina u regolamenti relatati oħra. Ir-Regolamenti tad-Drittijiet Komunitarji u r-Regolament tas-Serrieq bil-Katina qed jiġu abbozzati attwalment u, ladarba jitlestew, isiru emendi għal-LAS sabiex tiġi riflessa kwalunkwe żieda.

Injam tal-gomma u prodotti oħra tal-injam maħsuda skont ftehimiet ta' konċessjoni agrikola se jiġu koperti wkoll mil-LAS.

Injam abbandunat se jiġi inkorporat fis-sistema ladarba jkun ġie mibjugħ b'irkant u sjieda legali ġdida tkun ġiet stabbilita.

Fil-preżent, injam li jkun ġie kkonfiskat minħabba f'vjolazzjoni ma jistax jiddaħħal fis-sistema. Regolamenti li jitrattaw l-injam ikkonfiskat u kif se jiġi inkorporat fl-LAS se jiġu żviluppati fi żmien sentejn u qabel ma tibda topera l-liċenzja FLEGT.

Il-prodotti tal-injam importati kollha elenkati fl-Anness I għal dan il-Ftehim se jiġu kkontrollati wkoll mil-LAS. Aktar dettalji jingħataw fit-Taqsima 5.9 ta' dan l-Anness.

### **2.2. Il-prodotti**

Il-prodotti li ġejjin jiġu kkontrollati mil-LAS:

- Zkuk
- Kisi tal-art bil-parke

- Laqx tal-injam
- Travi għal-linji tal-ferrovija
- Injam isserrat
- Folji
- Triplaj
- Gwarniċi tal-injam
- Kontenituri/kaxex għall-ippakkjar
- Xogħol ta' mastrudaxxi
- Għamara

L-Anness I jispeċifika l-prodotti koperti minn dan il-Ftehim u l-kodiċijiet tas-Sistema Armonizzata (HS) użati għall-klassifika ta' komoditajiet fil-kummerċ internazzjonali.

Hekk kif tipproċedi l-implimentazzjoni, il-Liberja se tikkunsidra ż-żieda ta' prodotti oħra, inkluż il-faħam, mal-ambitu tal-LAS.

### 2.3. Destinazzjonijiet tas-suq

Il-verifika tal-legalità tiġi applikata kemm lil prodotti tal-injam mibjugħa fis-suq domestiku kif ukoll lil esportazzjonijiet, irrispettivament mill-pajjiż tad-destinazzjoni. Kontrolli fuq il-prodotti mibjugħa fis-suq domestiku se jiddaħħlu b'mod gradwali, wara skeda li se tiddependi fuq l-implimentazzjoni tal-Liġi tad-Drittijiet Komunitarji u r-Regolament tas-Serrieq bil-Katina u se jqisu t-trattati tal-kummerċ reġjonali ECOWAS u l-integrazzjoni tagħhom fil-LAS.


## 3. L-ARRANĠAMENTI ISTITUZZJONALI

Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mad-definizzjoni tal-legalità (LD) u tiġi operata s-COCS, l-FDA se tistabbilixxi dipartiment ġdid imsejjaħ id-Dipartiment Liberjan tal-Verifika (LVD). Fornitur tas-servizzi se jiġi kkuntrattat fuq bażi ta' 'ibni, opera u ttrasferixxi' (BOT) għall-ewwel ħames snin sabiex tiġi żviluppata l-metodoloġija meħtieġa tal-verifika u sabiex tinbena l-kapaċità tad-dipartimenti u d-diviżjonijiet tal-FDA involuti fl-implimentazzjoni tal-LAS.

L-LVD se jikkollabora ma' dipartimenti u diviżjonijiet oħra tal-FDA, l-Aġenzija tal-Protezzjoni tal-Ambjent (EPA), il-Ministeru tal-Kummerċ u l-Industrija, il-Ministeru tal-Finanzi, il-Ministeru tax-Xogħol u aġenziji rilevanti oħra tal-gvern responsabbli għal aspetti speċifiċ tar-regolament tas-settur tal-foresti. Dawn il-korpi tal-gvern se jissottomettu evidenza lil-LVD dwar il-konformità tal-operaturi mad-definizzjoni tal-legalità. Barra minn hekk, se jiġi stabbilit mezz ta' komunikazzjoni għal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (CSOs) sabiex jipprovdi lil-LVD u awtoritajiet rilevanti oħra bid-dejta tal-monitoraġġ dwar il-konformità tal-operaturi mar-rekwiżiti tal-LAS.

Sabiex jinħarġu liċenzji FLEGT għal esportazzjonijiet tal-prodotti tal-injam, l-FDA se tistabbilixxi dipartiment ġdid imsejjaħ id-Dipartiment tal-Liċenzji tal-Liberja (LLD). Esportaturi se japplikaw il-LLD għal liċenzji FLEGT (ara Figura 1).

Figura 1 Arranġament istituzzjonali għall-verifika u l-liċenzjar



## **4. IL-VERIFIKA TAL-LEGALITÀ**

### **4.1. Id-definizzjoni tal-legalità u proċeduri tal-verifika relatati**

Id-definizzjoni tal-legalità tikkonsisti minn 11-il prinċipju, kull wieħed minnhom maqsum f'numru ta' indikaturi li jirrappreżentaw ir-rekwiżit legali li jrid jiġi mħares. Kull indikatur jiġi mgħammar b'verifikaturi li jintużaw sabiex jiġi determinat jekk operatur tas-settur privat jew aġenzija tal-gvern jikkonformax mar-rekwiżiti legali koperti mill-indikatur ikkonċernat.

Appendiċi A għal dan l-Anness jinkludi d-definizzjoni tal-legalità u jiddeskrivi l-proċeduri tal-verifika sabiex il-ministeru responsabbli, l-aġenzija tal-gvern u l-LVD jiġu ggwidati fil-valutazzjoni tal-konformità. Dan il-qafas ta' verifika jispeċifika:

- l-għan li jiġi deskritt l-iskop ta' proċedura ta' verifika;
- il-kontroll regolatorju sabiex jiġu previsti r-rekwiżiti normattivi u/jew regolatorji u r-responsabbiltà għal indikatur partikolari;
- il-metodu tal-verifika sabiex jiġu previsti d-deskrizzjoni u l-mezzi tal-verifika, li se jikkonsistu mL-analiżi tad-dokument, l-ispezzjoni tal-qasam, il-konferma u/jew il-konsultazzjoni;
- il-frekwenza sabiex jiġi definit kemm-il darba l-konformità ma' indikatur jew ċerti aspetti minnu jridu jiġu vvalutati mil-LVD.

Proċeduri aktar dettaljati, inklużi listi ta' kontroll, sabiex tiġi valutata l-konformità mad-definizzjoni tal-legalità se jiġu żviluppata matul l-implimentazzjoni tal-VPA.

### **4.2. Il-ġestjoni tad-dejta**

Ir-riżultati tal-verifika se jiġu rrekordjati f'sistema tal-ġestjoni tad-dejta li tippermetti kontrolli immedjati fuq jekk operatur jikkonformax mad-definizzjoni tal-legalità. L-LVD se jkun responsabbli għall-ġestjoni tad-dejta, inkluż l-aġġornament tar-rekords bil-frekwenza stabbilita fil-proċeduri tal-verifika.

Is-sistema tal-informazzjoni tal-katina tal-kustodja (COCIS) tinkludi ċertu dejta dwar il-konformità legali li se tinġabar sabiex tiġi vvalutata l-konformità mad-definizzjoni tal-legalità tul il-katina tal-prodott. Dawn ir-rekords jintużaw biex jagħtu bidu sabiex jippermettu l-progress tul il-katina tal-prodott, bħall-bidu tal-operazzjonijiet tal-ħsad jew it-trasferiment taz-zkuk tul il-katina tal-provvista. Huwa prevvist li s-COCIS se tiffirma parti mis-sistema tal-ġestjoni tad-dejta meħtieġa għal skopijiet ta' verifika.

Is-sistema tal-ġestjoni tad-dejta għandha tiġi żviluppata sabiex tippermetti skambji ta' informazzjoni f'ħin immedjat sabiex kwalunkwe injam mhux konformi li jinstab matul il-verifika ikun jista' jiġi prevjenut milli jipprograssa, b'aktar kontrolli aktar 'l isfel fil-katina tal-provvista.

L-arkitettura u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għas-sistema tal-ġestjoni tad-dejta u proċeduri ddettaljati għall-ġestjoni tad-dejta se jiġu żviluppata matul l-implimentazzjoni tal-VPA.

### **4.3. Il-verifika tal-legalità ta' operaturi li qed jaħdmu taħt skema ta' ċertifikazzjoni indipendenti tal-ġestjoni tal-foresti**

Operaturi li qed jaħdmu taħt skema ta' ċertifikazzjoni indipendenti approvata mill-Gvern tal-Liberja jistgħu juru konformità legali mad-definizzjoni tal-legalità Liberjana billi jipprovdu lil-LVD u l-LLD b'ċertifikat validu tal-iskema.

Qabel l-aċċettazzjoni ta' skema ta' ċertifikazzjoni, il-Gvern tal-Liberja se jwettaq valutazzjoni ta' konsistenza sabiex ikun żgur li l-indikaturi kollha tad-definizzjoni tal-legalità Liberjana jiġu inklużi fl-iskema ta' ċertifikazzjoni, il-konformità magħhom tiġi awditjata sistematikament u l-proċess kollu ta' ċertifikazzjoni huwa affidabbli. Skemi li jkunu għaddew mill-valutazzjoni ta' konsistenza biss jistgħu jiġu integrati fil-LAS tal-Liberja.

F'konformità mal-leġiżlazzjoni Liberjana, l-operaturi kollha, inklużi dawk bis-sistemi ċertifikati tagħhom stess tal-katina tal-kustodja, se jibqgħu soġġetti għas-sistema nazzjonali tal-katina tal-kustodja.

## **5. IS-SISTEMA TAL-KATINA TAL-KUSTODJA**

### **5.1. Proċeduri standard tal-operat**

Sett ta' proċeduri standard tal-operat (SOP) ġie żviluppat sabiex jiġi stabbilit (a) kif il-kumpaniji tal-foresti jikkontrollaw il-katini tal-provvista tagħhom u (b) kif dawn l-attivitajiet tal-kumpanija jiġu verifikati bl-għajnuna tas-COCS:

- (a) proċedura ġenerali standard tal-operat 01 (GSOP 01) tipprovdi deskrizzjoni ġenerali ta' kif jitwettqu l-attivitajiet ta' kontroll u ta' verifika għall-injam u prodotti tal-injam li ġejjin mit-TSCs, l-FMCs u l-PUPs;
- (b) dettalji ta' kull attività jiġu ppreżentati f' numru ta' SOPs;
- (c) Il-GSOPs u l-SOPs se jiġu emendati sabiex jiġi rifless kwalunkwe tibdil fl-attivitajiet ta' kontroll u ta' verifika, inkluż l-introduzzjoni ta' sorsi ġodda tal-injam fis-COCS.

Il-kontroll u l-verifika tal-injam mis-sorsi li ġejjin se jiġu żviluppati fi żmien sentejn mill-firma tal-VPA:

- (a) foresti rregolati mill-Liġi tad-Drittijiet Komunitarji;
- (b) operazzjonijiet tal-qtuġ tas-siġar bis-serrieq bil-katina;
- (c) injam importat;
- (d) injam fi tranżitu;
- (e) injam ikkonfiskat.

It-taqsimiet li ġejjin u l-Appendiċi B jiddeskrivu l-punti ewlenin ta' kontroll u l-prinċipji ta' gwida tas-COCS.



## 5.2. Qabel il-ħsad

Id-demarkazzjoni taż-żona tal-kuntratt u tal-blokok tal-ħsad u l-enumerazzjoni tas-siġar (stħarriġ tal-istokk) huma r-responsabbiltà tad-detentur tal-kuntratt. Il-LVD jivverifika li l-mappa tal-blokok u l-istħarriġ tal-istokk huma preċiżi u jipprovdi lid-Dipartiment Kummerċjali tal-FDA bl-informazzjoni li jeħtieġ sabiex joħroġ aċċettazzjoni tax-xoġhol tal-istħarriġ tal-mappa tal-blokok u ċ-ċertifikat annwali tal-ħsad (AHC).

Il-persunal tal-FDA jivverifika li l-mappa tal-blokok u l-istħarriġ tal-istokk ikunu twettqu kif suppost u li l-formoli u l-mapep ikunu mtlew b'mod korrett mid-detenturi tal-kuntratt. Dan huwa proċess f'żewġ stadji, li jinkludi l-ewwel kontroll tal-uffiċċju sabiex jiġi żgurat li ma jkun sar l-ebda żball amministrattiv sempliċi u t-tieni, jekk l-ewwel kontroll jinstab li huwa sodisfaċenti, kontroll imwettaq fil-foresta fuq kampjun ta' mill-inqas 5 % taż-żona tal-istħarriġ tal-istokk sabiex tiġi verifikata l-lokazzjoni, id-dijametru, l-ispeċijiet u l-ġholi tas-siġar.

Is-COCIS awtomatikament tikkontrolla li:

- (a) ir-referenza taż-żona tal-kuntratt taqbel mal-identifikazzjoni tad-detentur tal-kuntratt;
- (b) l-erba' kantunieri tal-mapep tal-blokok jaqgħu ġoż-żona grossa tal-kuntratt;
- (c) in-numri ta' identifikazzjoni tas-siġar ġew allokatu lid-detentur tal-kuntratt għal użu f'din iż-żona tal-kuntratt bħala tikketti tas-siġar.

Il-mappa tal-blokok hija imbagħad ikkontrollata b'mod manwali mill-uffiċjali f'dak il-qasam tas-COC sabiex jiġi kkonfermat li:

- (a) ir-referenza taż-żona tal-kuntratt u l-identifikazzjoni tad-detentur tal-kuntratt jaqblu ma' dawk fil-formoli tal-istħarriġ tal-istokk sottomessi;
- (b) id-dati mistħarriġa jaqblu mad-dati fil-formoli tal-istħarriġ tal-istokk;
- (c) il-kordinati ġeografiċi tal-Universal Transverse Mercator (UTM) jaqblu ma' dawk fil-formoli tal-istħarriġ tal-istokk;
- (d) l-iskala hija mmarkata b'mod korrett fuq il-mappa, id-distanza bejn iċ-ċelloli hija korretta u d-distanzi huma mmarkati b'mod korrett fuq il-mappa;
- (e) id-direzzjoni tal-linja bażi iddaħħlet b'mod korrett u d-direzzjoni tal-vleġġa tat-tramuntana hija korretta meta mqabbla mal-linja bażi;
- (f) in-numri tal-linja tal-istħarriġ u n-numri tad-distanza huma denotati b'mod korrett;
- (g) il-bordura tal-blokok impinġija fuq il-mappa tal-blokok tikkorrispondi għall-mappa tal-lokazzjoni taż-żona tal-kuntratt u tidħol fil-konfini ġenerali taż-żona tal-kuntratt;
- (h) in-numri tas-siġar fuq il-mappa huma fiċ-ċelloli korretti, kif indikat mill-formoli tal-istħarriġ tal-istokk;
- (i) il-kodiċijiet tal-ispeċijiet huma korretti.

L-uffiċjal f'dak il-qasam tas-COC jimla formola COCIS standard, li għandha serje ta' kaxxi ta' kontroll u li se tiġi mġħoddija lill-iskrivan li jdaħħal id-dejta jew lill-operatur tas-COCIS sabiex tiddaħħal fis-COCIS.

Jekk kwalunkwe wieħed mill-kontrolli fil-formoli tal-istħarriġ tal-istokk jew mappa tal-blokok manwali ma jgħaddix, imbagħad l-operatur tas-COCIS se jistampa l-formoli/mapep li ma

għaddewx mill-kontrolli. Is-superviżur tad-dħul tad-dejta tas-COC jibgħathom lid-detentur tal-kuntratt għal korrezzjonijiet u l-proċess jiġi ripetut bid-dejta kkoreġuta.

### **5.3. Il-Ħsad**

Dan il-proċess jiddeskrivi l-proċeduri tat-tikkettjar, il-kejl u l-irrekordjar li jridu jiġu segwiti mid-detenturi tal-kuntratt matul it-twaqqiġ tas-siġar. Il-kejl u l-immarkar ta' zkk u l-biċċiet li jibqgħu fl-art wara li jitwaqqgħu s-siġar huwa meħtieġ sabiex in-numru tas-siġra oriġinali (allokata matul l-istħarriġ tal-istokk) tiġi konnessa maz-zkk li jirriżultaw mill-ħsad tas-siġar u mal-biċċa li tibqa' fl-art wara li titwaqqa' s-siġra li tithallaa' fil-foresta, b'hekk tiġi stabbilita t-traċċabbiltà.

Ladarba ċ-ċertifikat annwali tal-ħsad ikun inħareġ, id-detentur tal-kuntratt jiġi allokat marki taz-zkk bil-bar code u huwa jingħata permess li jibda l-ħsad fil-lokazzjonijiet indikati fil-mappa tal-blokok:

- (a) qabel ma titwaqqa' s-siġra, dak imqabbad mid-detentur tal-kuntratt sabiex ikejjel iz-zkk jirrekordja n-numru tal-marka ta' identifikazzjoni tas-siġra assenjat matul l-istħarriġ tal-istokk.
- (b) malli titwaqqa' s-siġra, dak li jkejjel iz-zkk iwaħħal u jirrekordja marka ġdida fit-tarf ta' isfel taz-zokk u oħra mal-biċċa li tibqa' fl-art wara li titwaqqa' s-siġra. Iz-zokk li jirriżulta li għandu t-tul tas-siġra jiġi mkejjel: id-dijametri ta' kemm it-tarf ta' isfel u t-tarf ta' fuq u t-tul taz-zokk sal-qasma fil-qurriegħa (sal-eqreb 10 ċm). Dak li jkejjel iz-zokk jirrekordja d-dejta fuq assistent personali diġitali (PDA) jew il-formola xierqa.

Imbagħad dak li jkejjel iz-zokk jipproċedi għas-siġra li jkun imiss sabiex titwaqqa' u jirrepeti l-istess proċedura. Id-dejta miġbura tiġi sottomessa u pproċessata minn skrivan tad-dħul tad-dejta tas-COC li jittrasferiha fis-COCIS.

### **5.4. Bitħa/post tal-ħatt għaz-zkk fil-foresta**

Dan il-proċess jiddeskrivi kif id-detentur tal-kuntratt ikejjel u jittikkettja s-siġar li jitwaqqgħu ladarba jkunu ġew estratti għall-post tal-ħatt għaz-zkk u inqatgħu trasversalment għat-tul. L-istess proċedura tiġi segwita wkoll jekk, fi stadju aktar tard, iz-zkk jinqatgħu trasversalment għal darb'oħra fi zkk iżgħar jew sempliċement jintlibsu (jiġifieri l-ewwel ftit pulzieri jitneħħew sabiex iz-zokk jidher aħjar għall-bejgħ jew l-esportazzjoni). Il-prinċipji prinċipali huwa li tikketta ta' identifikazzjoni titwaħħal ma kull zokk ġdid sabiex it-traċċabbiltà lura għaz-zokk, siġra u mappa tal-blokok oriġinali tkun possibbli.

Stimaturi taz-zkk (log scalers) tas-COCS jivverifikaw kampjun sabiex jikkonfermaw li z-zkk ikunu ġew ittikkettjati u mkejla b'mod preċiż mill-operatur. L-ispeċijiet, id-dijametri u t-tul taz-zokk se jiġu rrekordjati fis-COCIS, li awtomatikament jikkontrolla d-dejta taz-zokk fl-isfond tal-informazzjoni maħżuna mid-detentur tal-kuntratt.

## 5.5. It-Trasport taz-zkuk jew injam ipproċessat

Dan il-proċess jiddeskrivi l-proċedura li trid tiġi segwita meta z-zkuk u/jew il-prodotti tal-injam jiġu mgħobbija fuq trakk fil-post tal-ħatt għaz-zkuk fil-foresta, meta z-zkuk jiġu mgħobbija f'żona fejn ikunu qed jinżammu barra mill-port u meta prodotti tal-injam isserrati jiġu mgħobbija qabel il-konsenja lejn il-port u imbagħad ittrasportati. Ladarba s-COCS hija mfasla sabiex ikollha d-dejta f'ħin immedjat dwar fejn iz-zkuk jew il-prodotti tal-injam ikunu fil-katina tal-provvista, japplikaw il-miżuri li ġejjin:

- (a) Meta l-konsenja tkun lesta għat-tagħbija, il-persunal tal-operatur (jiġifieri dak li jkejjel iz-zkuk jew it-tally man tal-istabbiliment fejn jisserraw l-injam) jimla formola tal-polza tat-tagħbija billi:
  - jimla l-oqsma xierqa (il-bar code, l-ispeċijiet, id-dijametru u t-tul);
  - iwaħħal l-istikers bil-bar code mal-polza tat-tagħbija fil-postijiet xierqa;
  - jelenka n-numri bil-marka bil-bar code kollha jew it-tikketti bil-bar code imwaħħla mal-prodotti tal-injam inkluż fit-tagħbija – dawn in-numri jridu jiġu kkupjati bl-idejn;
  - iniżżel id-data u jiffirma l-polza tat-tagħbija.
- (b) Iz-zkuk jew il-prodotti tal-injam iridu jiġu mgħobbija b'mod li jippermetti li l-bar codes jinqraw minn skanner tal-PDA mingħajr ma titneħħa t-tagħbija mit-trakk. Għalhekk jew ikun irid jitħalla spazju bejn it-tarf taz-zkuk u l-parti ta' quddiem tat-trakk (skont it-tip ta' trakk) jew iz-zkuk kollha jkunu jridu jiġu mgħobbija bil-marki fit-tarf ta' wara, sabiex ikunu jidhru b'mod ċar. Dan sabiex jiġi faċilitat l-ikkontrollar tan-numri tal-marki mill-istimaturi taz-zkuk tas-COCS u l-FDA meta t-trakk ikun fit-triq.

L-LVD iwettaq 100% verifika dokumentarja tal-polza tat-tagħbija/noti tal-konsenja maħruġa u rċevuti u għandu timijiet mobbli ta' stimaturi/spetturi taz-zkuk li jikkontrollaw kampjun tat-tagħbijiet kollha ttrasportati. L-ispeċijiet, id-dijametru u t-tul taz-zokk jiġu rrekordjati. Fl-istess ħin, il-pulizija Liberjana se tikkontrolla li t-tagħbijiet kollha li jgħaddu mill-postijiet tal-kontroll għandhom il-poloż tat-tagħbija meħtieġa magħhom.

## 5.6. L-ipproċessar tal-injam

Proċeduri dettaljati li jiddeskrivu kif l-isserrar tal-injam u l-ipproċessar ieħor ta' prodotti tal-injam jiġu vvalutati se jiġu żviluppatti fl-ewwel tliet snin tal-implimentazzjoni tal-VPA. Fil-prinċipju, il-kontroll operattiv mill-operatur u l-verifika mis-COCS se jkopru (i) id-dħul ta' materji primi tal-injam fis-sit tal-istabbiliment, (ii) il-ħażna ta' materji primi tal-injam, (iii) l-ipproċessar, (iv) il-ħażna ta' prodotti pproċessati u (v) il-ħruġ ta' prodotti mis-sit tal-istabbiliment.

Il-miżuri ta' kontroll u ta' verifika li ġejjin se jiġu applikati:

- (a) l-operatur iżomm rekords tal-materji primi tal-injam kollha li jidħlu fis-sit tal-istabbiliment u jtella' d-dejta korrispondenti fis-COCIS;

- (b) l-operatur iżomm rekords tal-materji primi kollha tal-injam maħżuna fis-sit tal-istabbiliment u jtella' d-dejta korrispondenti fis-COCIS. Sistema ta' ġestjoni ta' inventarju li tirrekordja d-dħul u l-produzzjoni ta' materja prima minn żoni tal-ħażna trid tiġi applikata mill-operatur;
- (c) il-persunal tal-operatur jirrekordja l-materja prima li dieħla fl-istabbiliment tal-ipproċessar u l-prodotti kollha li ħerġin billi jdaħħal id-dejta f'formoli standard. Dan jagħti d-dejta bażi għal kull valutazzjoni ta' rkupru (għall-isserrar tal-injam dan ikun il-volum tal-injam isserrat li joħroġ mill-impjant espress bħala persentaġġ tal-volum taz-zkuk deħlin; f'każijiet oħra jista' jkun proporzjon tal-konverżjoni sempliċi, pereżempju  $x m^3$  ta' injam isserrat se jkun ugwali għal y unitajiet ta' saqajn tas-siġġijiet, eċċ);
- (d) l-operatur iżomm rekords tal-prodotti tal-injam ipproċessati kollha maħżuna fis-sit tal-istabbiliment u jtella' d-dejta korrispondenti fis-COCIS. Sistema ta' ġestjoni ta' inventarju li tirrekordja d-dħul (inputs) u l-produzzjoni ta' materja prima lejn u minn kull maħżen trid tiġi applikata mill-operatur;
- (e) l-operatur iżomm rekords tal-materji primi tal-injam kollha li joħroġu mis-sit tal-istabbiliment u jtella' d-dejta korrispondenti fis-COCIS;
- (f) lott ta' kampjun sħiħ tal-ipproċessar ta' prodott (pereżempju, xift wieħed fl-istabbiliment fejn jisserraw l-injam) irid jiġi mmonitorjat mill-persunal tal-LVD ladarba l-istabbiliment ikun lest sabiex jibda l-produzzjoni. Dan il-kampjun se jkun il-baży għar-‘rata ta' konverżjoni approvata’;
- (g) perjodikament u b'mod aleatorju, il-persunal tal-LVD se jivvaluta mill-ġdid ir-‘rata ta' konverżjoni approvata’. Dawn iż-żjarat lill-impjant tal-ipproċessar għandhom ikunu għall-għarrieda;
- (h) is-COCIS timmonitorja r-rata ta' konverżjoni bbażata fuq il-formoli standard sottomessi mill-operatur fl-isfond tar-‘rata ta' konverżjoni approvata’. Kwalunkwe varjazzjoni sinifikanti se tqanqal aktar investigazzjoni u/jew il-ħruġ ta' rapport ta' falliment;
- (i) il-LVD iwettaq kontrolli aleatorji fuq l-operazzjonijiet u s-sistemi taż-żamma tal-kotba kollha użati mill-operatur sabiex jikkontrolla l-flussi ta' materja prima tal-injam u prodotti proċessati fi ħdan is-sit tal-istabbiliment.

## 5.7. Esportazzjoni

Dan il-proċess jiddeskrivi kif il-prodotti diġà approvati għall-esportazzjoni mil-LVD jiġu kkonsenjati lejn il-port u mbagħad mgħobbija fuq il-bastiment.

Fil-punt tal-esportazzjoni, is-COCS tikkontrolla 100% tan-numri tal-marki u l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott fi ħdan is-COCIS u jitwettqu spezzjonijiet fiżiċi fuq kampjun tal-konsenja tal-esportazzjoni.

L-esportatur irid jinforma lis-COCS meta l-bastiment ikun lest għat-tagħbija, sabiex is-COCS tkun tista' twettaq il-kompitu tagħha li tibgħat tim sabiex jissorvelja t-tagħbija finali tal-bastiment. Filwaqt li kull zokk jew faxx qed jitgħabba fuq il-bastiment, l-ispettur tas-COCS se jikkontrollahom fl-isfond tal-ispeċifikazzjonijiet sabiex jiżgura ruħu li huma koperti mil-liċenzja FLEGT valida u se jirrekordjahom f'PDA jew fuq il-formola xierqa. Ir-rekords se jittellgħu fuq

is-COCIS u jiġu rikonċiljati mad-dejta maħżuna tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' qabel sabiex jinżamm rekord ta' liema prodott fil-fatt ġie esportat.

### **5.8. Is-suq domestiku**

Il-proċeduri ta' kontroll u ta' verifika deskritti fit-Taqsimiet 5.2 sa 5.7 huma applikabbli għas-suq domestiku, meta l-injam joriġina miż-żoni tal-produzzjoni koperti mill-FMCs, it-TSCs u l-PUPs. Proċeduri sabiex jiġu ġestiti katini tal-provvista għall-injam minn operazzjonijiet tal-qtugħ tas-siġar bis-serrieq bil-katina se jiġu żviluppati fi ħdan il-perjodu indikat fl-Anness VII għal dan il-Ftehim.

### **5.9. Injam importat**

L-importatur irid juri li l-injam importat jiġi minn sorsi legali u jiġi approvat mid-dwana skont il-leġislazzjoni Liberjana. Il-legalità tal-injam fil-pajjiż tal-ħsad tista' tintwera permezz ta' ċertifikati maħruġa taħt skemi ta' ċertifikazzjoni jew skemi ta' verifika tal-legalità oħra li ġew ivvalutati u approvati mill-Gvern tal-Liberja f'konsultazzjoni mal-gvernijiet ikkonċernati. Injam importat ikkontrollat mil-LAS ta' pajjiż ieħor kopert minn VPA li għandu skema ta' liċenzjar FLEGT operazzjonali se jiġi kkunsidrat legali fil-LAS Liberjana. Injam importat li jintwera li huwa legali huwa inkluż fis-COCS fil-fruntiera u wara jiġi kkontrollat u vverifikat bl-istess mod bħal injam li jitkabbar domestikament.

### **5.10. Injam fi tranżitu**

Injam fi tranżitu irid jinżamm segregat fiżikament minn injam domestiku jew importat u li jgħaddi mil-Liberja taħt il-kontroll doganali Liberjan. Injam fi tranżitu ma jiġix integrat fis-COCS u ma jkunx soġġett għall-ħruġ ta' liċenzja FLEGT Liberjana fil-punt tal-esportazzjoni. Il-pajjiż tal-orijini u l-pajjiż tal-ħsad iridu jiġu indikati b'mod ċar fil-polza tat-tagħbija u dokumenti oħra ta' trasport. Il-Liberja se tispeċifika dokumenti legali u kontrolli doganali relatati speċifiċi għall-injam fi tranżitu . Proċeduri dettaljati se jiġu żviluppati qabel ma tibda topera s-sistema tal-liċenzjar.

### **5.11. L-injam tal-gomma**

L-SOPs għall-ikkontrollar tal-ħsad, it-trasportazzjoni, il-formazzjoni tal-laqx u l-esportazzjonijiet ta' prodotti tal-injam tal-gomma se jiġu żviluppati matul l-implimentazzjoni tal-VPA.

### **5.12. Rikonċiljazzjoni tad-dejta**

Is-COCIS tintuża għar-rikonċiljazzjoni ta' dejta kwantitattiva bejn u fi ħdan id-diversi stadji tal-katina tal-provvista. Il-proċessi ta' rikonċiljazzjoni jimmiraw sabiex jiżguraw li l-kwantitajiet tal-injam skont l-ispeċijiet u d-dimensjonijiet huma konsistenti tul il-katina tal-provvista kollha, b'mod partikolari sabiex jiġi ppruvat li l-kwantità mibgħuta ma taqbiżx il-kwantità rċevuta u li matul l-ipproċessar il-proporzjon bejn il-kwantità ta' materji primi u l-kwantità ta' prodotti pproċessati huwa razzjonali.

Protokollu se jiġu żviluppata għar-rikonċiljazzjoni ta' dejta konsolidata matul diversi katini tal-provvista u tul iż-żmien bil-ħsieb li tiġi provduta evidenza tal-legalità tas-settur kollu tal-foresti fil-livell reġjonali jew nazzjonali.

Flimkien mar-rikonċiljazzjoni tad-dejta kwantitattiva, is-COCS tikkontrolla mal-bażi tad-dejta tal-LVD li hemm konformità sħiħa mal-LD qabel kull bejgħ sewwa jekk intenzjonat għall-esportazzjoni kif ukoll għall-bejgħ fil-Liberja.

## **6. NUQQAS TA' KONFORMITÀ MAL-LAS**

Liċenzji FLEGT ma jinħarġux ħliet jekk ikunu ġew imħarsa r-rekwiżiti kollha tal-LAS. Kwalunkwe nuqqas ta' konformità mal-LAS trid tiġi indirizzata. Proċeduri legali u sanzjonijiet eżistenti japplikaw għall-indirizzar ta' nuqqasijiet ta' konformità mal-LAS identifikati matul l-attivitajiet tal-verifika. Skont il-ksur, multi amministrattivi, azzjoni korrettiva, sospensjoni ta' attivitajiet u/jew prosekuzzjoni tal-operatur jistgħu japplikaw.

Gwida dettaljata dwar kif jiġi indirizzat il-ksur u kif jiġu imposti sanzjonijiet għal nuqqas ta' konformità se tiġi żviluppata qabel ma tibda topera s-sistema tal-liċenzji FLEGT.

In-nuqqasijiet kollha ta' konformità mad-definizzjoni tal-legalità, is-COCS u s-sanzjonijiet korrispondenti se jiġu rrekordjati fil-bażi tad-dejta tal-verifika (ara Taqsima 4.2).

## **7. IL-LIĊENZJAR**

Id-Dipartiment tal-Liċenzji tal-Liberja (LLD) se jiġi stabbilit sabiex joħroġ liċenzji FLEGT għal konsenji ta' esportazzjoni ta' prodotti tal-injam li jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha tal-LAS. Il-proċess tal-liċenzjar jikkonsisti mill-fażijiet li ġejjin:

- (a) L-esportatur japplika l-LLD għal liċenzja FLEGT għal kull konsenja ta' esportazzjoni. Formola ta' applikazzjoni standard se tiġi żviluppata fi żmien sentejn mill-firma tal-VPA sabiex tiġi speċifikata l-informazzjoni u d-dokumenti meħtieġa. L-LLD se jirreġistra l-applikazzjoni u jibgħat talba għal verifika lil-LVD.
- (b) Il-LVD jivverifika li l-esportatur u l-fornituri possibbilment assoċjati mal-konsenja ta' esportazzjoni kkonċernata jikkonformaw mad-definizzjoni tal-legalità Liberjana u li l-prodotti għall-esportazzjoni joriġinaw minn sorsi legali u huma rreġistrati kif mistħoqq fis-COCIS. Il-proċeduri ddettaljati u l-listi ta' kontroll għall-verifika mil-LVD se jiġu żviluppata fi żmien sentejn mill-firma tal-VPA.
- (c) Il-LVD imbagħad se jibgħat komunikazzjoni bil-miktub l-LLD sabiex jikkonferma r-riżultat tal-verifika. Il-format u l-proċess għal din il-komunikazzjoni se jiġu żviluppata fi żmien sentejn mill-firma tal-VPA.

- Jekk l-LVD jikkonferma li hemm konformità sħiħa mal-LD, l-LLD jgħid mingħajr dewmien liċenzja FLEGT lill-konsenja ta' esportazzjoni kkonċernata. Il-proċeduri dettaljati sabiex jiġi informat l-applikant u jinħarġu liċenzji FLEGT se jiġu żviluppati fi żmien sentejn mill-firma tal-VPA.
  - Jekk jiġi skopert kwalunkwe nuqqas ta' konformità f'dan l-istadju, l-LVD se jinnotifika l-LLD li l-ebda liċenzja FLEGT ma tista' tinħareġ, jindika r-raġunijiet għal dan ir-rifjut, u jirrekordja r-rifjut fis-COCIS. L-LLD jinnotifika lill-applikant li l-applikazzjoni għal liċenzja ġiet irrifjutata u bir-raġunijiet għal dan ir-rifjut. Il-proċeduri dettaljati sabiex jiġu indirizzati konsenji mhux konformi u sabiex l-applikant jiġi informat se jiġu żviluppati fi żmien sentejn mill-firma tal-VPA.
- (d) Ladarba l-liċenzja FLEGT tkun inħarġet, l-esportatur jibgħat kopja tal-liċenzja, inkluża l-ispeċifikazzjoni, lill-awtorità doganali u tal-port, b'notifika tad-data proposta tat-tagħbija. L-awtorità doganali u tal-port tikkontrolla li l-liċenzja hija konsistenti mad-dokumenti ta' esportazzjoni uffiċjali l-oħra u tissodisfa l-formats standard. L-LLD iżomm rekords tal-applikazzjonijiet kollha għal liċenzji FLEGT rċevuti, inkluż dawk li rriżultaw frifjut.

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għal liċenzji FLEGT, inkluż il-format tal-liċenzja u l-perjodu tal-validità, huma ppreżentati fl-Anness IV għal dan il-Ftehim.

## **8. L-AWDITJAR INDIPENDENTI**

L-għan tal-awditjar indipendenti (IA) huwa li jivvaluta jekk l-LAS hijiex qed tiffunzjona effettivament, b'mod xieraq u bi kredibilità u sabiex tidentifika dgħufijiet potenzjali u riskji fl-istrutturi u l-implimentazzjoni tas-sistema.

It-termini ta' referenza għall-IA, inkluż il-kompiti, il-kwalifiki meħtieġa u l-metodu, huma ppreżentati fl-Anness V għal dan il-Ftehim.

## APPENDIĊI A: ID-DEFINIZZJONI, IT-TABELLA U L-PROCĊEDURI TA' VERIFIKA TAL-LEGALITÀ

### 1. PJAN GĦALL-POLITIKA U R-RIFORMA TAL-LIĠI TAL-FORESTRIJA

Id-Definizzjoni tal-Legalità stipulata hawn taħt ġiet żviluppata permezz ta' proċess parteċipatorju ma' firxa wiesgħa ta' partijiet interessati. Matul l-iżvilupp tad-Definizzjoni tal-Legalità, il-partijiet interessati Liberjani identifikaw numru ta' ambigwitajiet, lakuni u inkonsistenzi fil-liġijiet, ir-regolamenti u l-politiki eżistenti li huma l-bażi tad-Definizzjoni tal-Legalità, u li dawn jeħtieġ li jiġu indirizzati sabiex tinkiseb il-governanza tajba mixtieqa fis-settur Liberjan tal-forestrija. Il-Gvern tal-Liberja għalhekk jippjana li jwettaq riformi legali u politiċi fir-rigward tas-settur tal-forestrija f'konsultazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti kollha. Huwa mistenni li dawn ir-riformi legali se jitlestew sal-2013, u li d-Definizzjoni tal-Legalità se tiġi aġġornata wara dan sabiex tirrifletti dawn l-emendi. Żoni li jeħtieġu r-riformi politiċi u legali jinkludu:

- (a) **Ftehimiet Soċjali:** L-istabbiliment ta' proċeduri sabiex jirregolaw negozjati ta' Ftehimiet Soċjali, inkluż (i) l-iskedar ta' negozjati; (ii) il-puntwalità ta' kemm il-pagamenti kif ukoll it-trasferimenti ta' fondi lil komunitajiet; (iii) il-kontenut minimu ta' ftehimiet soċjali u l-infurzar tad-dispożizzjonijiet; (iv) id-drittijiet komunitarji tal-utent fir-rigward ta' żoni ta' konċessjoni, u (v) l-impjieġ ta' ħaddiema mingħajr ħiliet, eċċ;
- (b) Il-promulgazzjoni ta' **regolament Komunitarju tal-forestrija** sabiex jiġu provduti linji gwida speċifiċi għall-ġestjoni komunitarja tal-foresti.
- (c) L-użu ta' **zkuk abbandunati** inkluż proċeduri għall-irkant tagħhom, ir-reġistrazzjoni tas-sjieda legali u d-dħul fil-LAS;
- (d) L-użu ta' **zkuk ikkonfiskati** mill-Gvern għar-raġuni li ġew maħsuda bi ksur tal-liġi;
- (e) L-integrazzjoni ta' **Skemi ta' Ċertifikazzjoni Indipendenti** fil-LAS: id-diskussjoni u l-ftehim mal-partijiet interessati dwar l-użu ta' skema/i ta' ċertifikazzjoni indipendenti fil-Liberja u identifikazzjoni tal-iskema/i ta' ċertifikazzjoni indipendenti li l-Liberja tirrikonoxxi għall-iskop li tistabbilixxi l-orijini legali ta' zkuk importati minn pajjiżi mhux VPA;
- (f) **Lista ta' Esklużjoni:** L-istabbiliment ta' lista ta' esklużjoni li tidentifika dawk l-individwi li kkontribwixxew għall-gwerra ċivili tal-Liberja u b'hekk huma pprojbti milli jaħdmu fis-settur tal-foresti, kif meħtieġ mir-Regolamenti eżistenti tal-FDA;
- (g) **Il-faċilitajiet tal-ipproċessar:** Regolament relatat ma' (i) l-istabbiliment ta' faċilitajiet tal-ipproċessar minn detenturi tal-FMCs, u (ii) linji gwida dwar l-operat ta' faċilitajiet tal-ipproċessar;
- (h) **Aċċess tal-Parti Terza** u l-Użu ta' Prodotti tal-Foresti: Regolamenti dwar l-aċċess ta' parti terza u l-użu ta' riżorsi tal-foresti f'żona ta' konċessjoni ta' parti oħra;
- (i) Il-validazzjoni u l-promulgazzjoni tar-**Regolamenti tas-Serrieq bil-katina:** sabiex jiġu ggwidati proċeduri ġodda għax-xogħol mas-settur informali.



## 2. IL-MATRIĊI TAL-LEGALITÀ

Fid-determinazzjoni ta' jekk l-injam jew prodotti tal-injam li jinbiegħu fis-suq Liberjan jew qed jiġu esportati mil-Liberja jissodisfawx l-istandard legali stipulat fid-definizzjoni ta' "injam legali", għandhom japplikaw il-prinċipji u l-indikaturi kif ukoll il-proċeduri dettaljati tal-verifika kif stipulati fit-tabella li ġejja. It-tabella tiddeskrivi l-format tal-Matriċi tal-Legalità (Prinċipji, Indikaturi, Verifikaturi, u Gwida ta' Verifika). Il-matriċi hija maqsuma fi 11-il prinċipju, b'indikaturi u verifikaturi elenkati taħt kull prinċipju, u l-gwida tal-verifika li tiddeskrivi kif l-indikaturi għandhom jiġu kkontrollati għall-konformità. Il-gwida tal-verifika (li tindika l-Għan, il-Kontroll Regolatorju, il-Metodu tal-Verifika, u l-Frekwenza) tirrifletti l-ħsieb attwali iżda tista' tkun soġġetta għal tibdil matul aktar żvilupp ta' sistemi u proċeduri.

<b>Il-Prinċipju tal-Legalità</b>	Id-definizzjoni tal-legalità Liberjana hija maqsuma fi 11-il prinċipju tal-legalità. Kull prinċipju tal-legalità jikkonsisti minn numru ta' indikaturi tal-legalità b'verifikaturi taħt kull indikatur. Proċedura ta' verifika ġiet żviluppata għal kull indikatur.
<b>Indikaturi tal-legalità</b>	Dan jiddeskrivi n-norma jew ir-rekwiżit li d-Dipartiment Liberjan tal-Verifika (LVD) jeħtieġ sabiex jikkontrolla l-konformità mal-prinċipju speċifiku tal-legalità.
<b>Verifikaturi tal-Legalità</b>	Il-verifikaturi huma evidenza li l-ispetturi/jew l-assessuri tal-LVD se jfittxu meta jevalwaw jekk in-norma jew l-indikatur speċifiku jkun sodisfatti. Din il-lista mhijiex eżawrjenti u l-assessur jista' juża mezzi addizzjonali sabiex jivverifika l-indikatur rilevanti jekk ikun meħtieġ.
<b>Gwida tal-Verifika</b>	Dawn il-prinċipji jiggwidaw l-ispetturi/jew l-assessuri tal-LVD fl-evalwazzjoni tagħhom ta' indikatur partikolari: <ol style="list-style-type: none"> <li>1. <b><u>L-għan</u></b>: L-għan jippreżenta l-iskop tal-proċedura tal-verifika.</li> <li>2. <b><u>Il-Kontroll Regolatorju</u></b>: Jipprovdi għar-rekwiżiti normattivi u/jew regolatorji fir-rigward ta' indikatur partikolari u korpi tal-gvern responsabbli.</li> <li>3. <b><u>Metodu tal-Verifika</u></b>: Jipprovdi għal deskrizzjoni u l-metodu tal-verifika u se jikkonsisti minn analiżi tad-dokument, spezzjoni fuq il-post, konferma u/jew konsultazzjoni.</li> <li>4. <b><u>Frekwenza</u></b>: Jipprovdi għall-frekwenza tal-verifika tal-indikatur jew ċerti aspetti minnu mil-LVD.</li> </ol>

## PRINĊIPJU 1: EŻISTENZA/RIKONOXXIMENT LEGALI U ELIĠIBBILTÀ SABIEX WIEĦED JOPERA FIS-SETTUR TAL-FORESTRJA

*Id-detentur tal-kuntratt jew il-permess tal-foresta huwa negozju rikonoxxut legalment, komunità jew individwu eliġibbli li jopera fis-settur tal-forestrija*

**Indikatur 1.1** Id-detentur tal-Kuntratt jew tal-permess huwa persuna naturali jew legali rreġistrata kif suppost mal-Gvern tal-Liberja u/jew rikonoxxuta mill-FDA

Verifikatur	Tip ta' Kuntratt jew Permess	
1.1.1. <i>Għal korporazzjonijiet u sħubiji, ċertifikat annwali kurrenti tar-Reġistrazzjoni tan-Negozju u liċenzja maħruġa mill-Ministeru tal-Kummerċ u l-Industrija (MOCI)</i>	<i>It-tipi kollha tal-kuntratti jew il-permessi li d-detentur tagħhom huwa negozju rreġistrat</i>	
1.1.2. <i>Għal entitajiet korporattivi, artikoli ta' inkorporazzjoni ffajljati mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin (MOFA)</i>	<i>It-tipi kollha tal-kuntratti jew il-permessi li d-detentur tagħhom hija korporazzjoni.</i>	
1.1.3. <i>Għal detenturi li mhumiex negozji rreġistrati, ċertifikat jew ittra ta' rikonoxximent maħruġa mill-FDA</i>	<i>FMC/TSC taħt il-liġi Komunitarja tal-Forestrija, FUP/PUP, permessi tas-serrieq bil-katina maħruġa lil persuna naturali jew proprjetaru uniku</i>	
Gwida tal-Verifika	Metodu tal-Verifika	Frekwenza tal-verifika
<p><u>L-għan:</u></p> <p>L-għan ta' din il-proċedura huwa li jivverifika li persuna li qed tfttex kuntratt jew permess tal-foresti għall-ħsad, l-ipproċessar jew l-esportazzjoni ta' zkuk jew kwalukwe prodott tal-injam ieħor fil-Liberja hija jew impriża ta' negozju rreġistrat kif mistħoqq jew waħda rikonoxxuta mill-FDA bħala kapaċi tikseb u żżomm kuntratt jew permess tal-foresti taħt il-liġi Liberjana.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u></p> <p>Il-liġi Liberjana tirrikjedi li kwalunkwe persuna li qed tmexxi u/jew twettaq negozju trid tirreġistra n-negozju mal-MOCI. Huwa ksur tal-liġi li wieħed ma jirreġistrax negozju. Biex tinvolvi ruħha fil-forestrija komunitarja il-komunità trid tiġi rikonoxxuta mill-FDA. Ir-reġistrazzjoni tan-negozju tiskadi kull sena fid-data tar-reġistrazzjoni u trid tiġġedded. L-NFRL jipprovdi wkoll li kwalunkwe persuna eliġibbli tista' tikseb u żżomm kuntratt tal-foresta. It-terminu "persuna" huwa definit sabiex jinkludi kemm persuna naturali kif ukoll legali, u entitajiet inkorporati u mhux inkorporati.</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u></p> <p>L-eżistenza ta' dokument validu ta' reġistrazzjoni tan-negozju hija verifikata mil-LVD. Fil-każ li ċ-ċarezza hija meħtieġa l-LVD jista' jikseb informazzjoni addizzjonali mill-MOCI u d-Dipartimenti Kummerċjali u Legali tal-FDA. Fil-każ tal-forestrija komunitarja, il-verifika tar-rikonoxximent tal-komunità tal-FDA tista' tinkiseb mid-Dipartiment Legali u Komunitarju tal-Forestrija tal-FDA.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u></p> <p>1. 1. L-analiżi tad-dokument</p>	<b>Kull sena</b>

	2. 2. Konsultazzjoni mal-MOCI u d-Dipartimenti Kummerċjali, Legali u Komunitarju tal-Forestrija tal-FDA.	
Referenzi: GBL (4.3 sa 4.5); COCS SOP (4)		

<b>Indikatur 1.2 Is-sid(sidien) attwali jew il-partijiet interessati ta' detentur ta' kuntratt jew permess ma jinkludix(jinkludux) il-President u l-Viċi President attwali tal-Liberja, Membri tal- Leġiżlatura, Membri tal-kabinet, Diretturi u Maniġers tal-FDA, is-Supretendenti attwali tal-kontea jew kwalunkwe persuna speċifikament ipprojbta milli tipossjedi kuntrattur tal-foresti jew interess f'kuntratt tal-foresti</b>		
<b>Verifikatur</b>	<b>Tip ta' Kuntratt jew Permessa</b>	
<i>1.2.1 Għal detentur ta' kuntratt li huwa negozju rreġistrat, ġurament notarili esegwit mis-CEO tiegħu li jiddikjara li s-sidien tiegħu ma jinkludux persuni pprojbti</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i>	
<i>1.2.2 It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi Lista attwali mħejjija mill-FDA ta' uffiċjali tal-Gvern anzjani ipprojbti milli jżommu liċenzja tal-foresti skont it-Taqsima 5.2(b) tal-NFRL</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i>	
<i>1.2.3 Lista attwali ta' partijiet interessati u sidien benefiċjarji ta' kuntratt korporattiv jew detentur tal-permessi</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i>	
<b>Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.1.2)</b>	<b>Metodu tal-Verifika</b>	<b>Frekwenza tal-verifika</b>

<p><u>L-għan:</u></p> <p>L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi żgurat li l-applikanti kollha għal-liċenzjar u/jew konċessjonijiet tal-foresti huma eliġibbli li jżommu liċenzja tal-foresti.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u></p> <p>Id-detenturi ta' ċerti pożizzjonijiet fil-Gvern huma pprojbiti mit-Taqsima 5.2b tal-NFRL li jmexxu operazzjonijiet kummerċjali tal-foresti minħabba f'kunflitt ta' interess attwali jew potenzjali. Interess regulatorju ewlieni huwa li jsir kontro-kontroll tas-sid attwali ta' detentur tal-kuntratt mal-lista attwali tal-uffiċjali anzjani tal-gvern ipprojbiti miżmuma mill-FDA. Minħabba li r-responsabbiltà primarja hija tad-detentur tal-kuntratti li jiżgura li s-sidien tiegħu huma persuni eliġibbli, id-detentur tal-kuntratt għandu jagħmel gúrament li huwa f'konformità.</p> <p>Il-veraċità tal-affidavit b'gúrament se tiġi kkontrollata ma' records disponibbli fir-rigward tas-sidien tad-detentur tal-kuntratt. Il-lista ta' persuni pprojbiti kif ukoll tal-partijiet interessati attwali tan-negozji rreġistrati fil-pussess ta' kuntratt jew liċenzji se titqiegħed fid-dominju pubbliku, kif iddikjarat taħt l-Anness IX ta' dan il-Ftehim.</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u></p> <p>Sabiex jiġi żgurat li ġew issodisfatti r-rekwiżiti msemmija hawn fuq, l-LVD irid jirrevedi r-rekords tas-sjieda tad-detentur tal-kuntratt sabiex jivverifika li l-applikant mhux persuna pprojbita jew entità li s-sid(sidien) tiegħu jinkludi(u) persuna(i) pprojbita(i).</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u></p> <ol style="list-style-type: none"> <li>3. 1. Konsultazzjoni mal-FDA</li> <li>4. 2. L-analiżi tad-dokument</li> </ol>	<p><b>Kull konsenja</b></p>
<p>Referenzi: NFRL (5.2b); Regolament 103-7(21-22) Regolament 104-07(62); Taqsimiet 44, Att dwar il-PPC</p>		

<b>Indikatur 1.3 Id-detentur tal-Kuntratt mhuwiex eskluż milli joffri jew japplika għal liċenzja tal-foresti jew kwalunkwe kuntratt/konċessjoni oħra tal-gvern minħabba f'vjolazzjonijiet tal- Att dwar l-Akkwist Pubbliku u l-Konċessjonijiet (PPCA)</b>		
<b>Verifikatur</b>	<b>Tip ta' Kuntratt jew Permess</b>	
<i>1.3.1 Il-Kummissjoni tal-Konċessjoni tal-Akkwist Pubbliku (PPCC) tiżviluppa u żżomm Lista ta' Esklużjoni ta' persuni li nstabu ħatja li kisru l-Att dwar il-PPC u/jew ir-regoli u l-linji gwida stabbiliti tiegħu</i>	<i>FMC, TSC u FUP li għandhom valur ta' aktar minn USD 10 000,00</i>	
<b>Gwida/Proċedura tal-Verifika:</b>	<b>Metodu tal-Verifika</b>	<b>Frekwenza tal-Verifika</b>
<p><u>L-għan:</u> L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi żgurat li l-applikanti kollha għal kuntratti jew permessi tal-foresti mhumiex qed jiksru l-Att dwar il-PPC li jirregola l-għotja tal-konċessjonijiet u kuntratti oħra.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u> Applikant għal-liċenzjar tal-foresti ma jridx jiġi eskluż milli joffri għal konċessjoni u kuntratti pubbliċi oħra minħabba fi vjolazzjonijiet ta' regoli tal-offerti stabbiliti mill-PPCC. Offerenti li jirnexxu jridu jiġu kkontrollati mal-lista ta' esklużjoni attwali/aġġornata li hija prodotta u miżmuma mill-PPCC taħt it-taqsim 44 tal-Att dwar il-PPC, li tipprekludi ċerti entitajiet milli jingħataw konċessjoni bħala riżultat tal-preżenza ta' ċerti kondizzjonijiet wara applikazzjoni u/jew offerta li tirnexxi.</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u> Sabiex jiġi żgurat li jkunu ġew sodisfatti r-rekwiżiti hawn fuq, l-LVD irid jivverifika li l-applikant mhuwiex fuq il-lista tal-esklużjoni tal-PPCC. Il-lista tal-esklużjoni tal-PPCC għandha tkun waħda mid-dokumenti mqiegħda fid-dominju pubbliku kif indikat fl-Anness IX ta' dan il-Ftehim.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u> 5. 1. Konsultazzjoni mal-PPCC 6. 2. L-analiżi tad-dokument</p>	<p>Darba matul il-perjodu tal-kuntratt</p>
Referenzi: Taqsimiet 44, Att dwar il-PPC		

## PRINĊIPJU 2: L-ALLOKAZZJONI TAL-FORESTA

*Id-Drittijiet tal-Użu tal-Foresti kopert mill-kuntratt ingħata skont il-Liġi Nazzjonali tar-Riforma tal-Foresti u l-Liġi tad-Drittijiet Komunitarji*

**Indikatur 2.1** Il-komunitajiet kollha fir-raġġ ta' 3.0 kilometri taż-żona proposta għall-konċessjoni (imsejħa “komunitajiet affettwati”) għew ikkonsultati mill-FDA u taw il-kunsens infurmat tagħhom għall-konċessjoni proposta.

Verifikatur	Tip ta' Kuntratt jew Permess	
2.1.1 <i>Rapport tal-istħarriġ soċjo-ekonomiku imħejji mill-FDA</i>	<i>FMC, TSC, u FUP li għandhom valur ta' aktar minn USD 10 000,00</i>	
2.1.2 <i>Avviżi bil-miktub tal-laqgħa (laqgħat) ta' konsultazzjoni (avviżi fuq ir-Radju u fil-Gazzetti)</i>	<i>FMC, TSC, u FUP li għandhom valur ta' aktar minn USD 10 000,00</i>	
2.1.3 <i>Minuti u lista ta' attendenza tal-laqgħat li juru l-punti ewlenin diskussi u l-ftehimiet li ntlaħqu</i>	<i>FMC, TSC, u FUP li għandhom valur ta' aktar minn USD 10 000,00</i>	
2.1.4 <i>Itra ta' bona fede iffirmata minn komunitajiet li qed jimpenjaw ruħhom sabiex jinneozjaw in bona fede ma' detentur tal-kuntratt eventwali</i>	<i>FMC, TSC, u FUP li għandhom valur ta' aktar minn USD 10 000,00</i>	
Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.2.1)	Metodu tal-Verifika	Frekwenza tal-Verifika
<p><u>L-għan:</u></p> <p>Il-liġi tenfasizza r-rwol essenzjali ta' parteċipazzjoni pubblika fil-governanza parteċipatorja, it-trasparenza u l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. L-iskop ta' din il-proċedura huwa li tiżgura li tingħata aderenza adegwata lil dan l-aspett fid-determinazzjoni u l-allokazzjoni ta' riżorsi tal-forestrija fil-Liberja.</p> <p><u>Il-Kontroll Regolarju:</u></p> <p>L-FDA ingħatat il-mandat li tiddeċiedi dwar l-użu u l-allokazzjoni ta' riżorsi tal-forestrija miżmuma bħala sehem fiduċjarju mill-Gvern. Fid-deċiżjoni tal-ippjanar tal-użu tal-art u l-validazzjoni ta' riżorsi tal-forestrija, il-parteeipazzjoni pubblika tissodisfa rwol ewlieni u jeżisti dmir fuq l-FDA sabiex tinvolvi ruħha mal-komunitajiet affettwati rilevanti. Bil-ħsieb li tiġi żgurata parteċipazzjoni adegwata, jitpoġġew rekwiżiti fuq l-FDA f'termini tan-notifika, l-infurmar, t-tmexxija ta' laqgħat, l-irrekordjar ta' kummenti u l-konsiderazzjoni tal-input ta' dawn il-komunitajiet. Dan l-approċċ parteċipatorju jiżgura li jitqiesu l-opinjoni ta' partijiet interessati rilevanti u li tittieħed deċiżjoni infurmata f'termini tal-ippjanar tal-użu tal-art u l-validazzjoni ta' riżorsi tal-forestrija. Skont</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u></p> <p>L-LVD għandu jivverifika li l-FDA tippjana l-użu tal-art tal-foresti tagħha permezz ta' konsultazzjonijiet meħtieġa b'mod statutorju ma' komunitajiet u partijiet interessati oħra. Fil-każ ta' konsultazzjonijiet ma' komunitajiet, l-LVD għandu jikkonferma l-fatt u l-kwalità tal-konsultazzjonijiet permezz ta' revizzjoni tad-dokumentazzjoni, inkluż ir-rapport tal-istħarriġ soċjo-ekonomiku u l-ħin u l-arranġamenti relatati mat-tmexxija u d-diskussjonijiet fil-laqgħat. Jekk ikun meħtieġ, l-aġenziji l-oħra tal-gvern bħall-Ministeru tal-Affarijiet Interni u l-komunitajiet affettwati rilevanti jistgħu jiġu kkonsultati.</p>	<p>Darba matul il-perjodu tal-</p>

manwal approvat maħruġ mill-FDA wara proċess ta' thejjiġa parteċipatorja, il-komunitajiet affettwati jinkludu dawk f'raġġ ta' 3.0 kilometri miż-żona tal-konċessjoni.	<u>Mezzi ta' verifika:</u> 7. 1. Konsultazzjoni mal-FDA u, jekk ikun meħtieġ, il-Ministeru tal-Affarijiet Interni u komunitajiet affettwati 8. 2. L-analiżi tad-dokument	kuntratt
Referenzi: NFRL (4.1-4.5); Regolament 102-07(21-22) Regolament 104-07(62) Taqsima 87 tal-Att dwar il-PPC		
<b>Indikatur 2.2 Qabel l-allokazzjoni tal-kuntratt tal-foresti, l-FDA kisbet Ċertifikat tal-Konċessjoni mill-Ministeru tal-Ippjanar u l-Affarijiet Ekonomiċi, li japprova il-pjan ta' konċessjoni sottomess mill-FDA u jikkonferma li l-konċessjoni proposta hija konsistenti mal-għanijiet tal-iżvilupp nazzjonali</b>		
<b>Verifikatur</b>	<b>Tip ta' Kuntratt jew Permess</b>	
2.2.1 Pjan ta' konċessjoni sottomess mill-FDA lill-Ministeru tal-Ippjanar u l-Affarijiet Ekonomiċi (MPEA) fir-rigward tal-konċessjoni tad-detentur tal-kuntratt	FMC, TSC, u FUP li għandhom valur ta' USD 10 000,00 jew aktar	
2.2.2 Ċertifikat tal-konċessjoni (jew approvazzjoni bil-miktub) maħruġ mill-MPEA lil FDA, li jawtorizza lil FDA sabiex tibda attività tal-allokazzjoni tal-konċessjoni/ kuntratt għaż-żona tal-foresta speċifikata	FMC, TSC, u FUP li għandhom valur ta' USD 10 000,00 jew aktar	
<b>Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.2.2)</b>	<b>Metodu tal-Verifika</b>	<b>Frekwenza tal-Verifika</b>
<p><u>L-għan:</u></p> <p>Il-proċedura timmira sabiex tivverifika li l-għanijiet tal-forestrija tal-Liberja jinqabdu fil-pjan tal-iżvilupp ġenerali tal-pajjiż kif endorsjat mill-MPEA permezz tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-konċessjoni.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u></p> <p>L-FDA trid tiżgura li l-foresta li trid tiġi allokata hija adattata għall-forestrija kummerċjali u li ġie żviluppat pjan ta' konċessjoni sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti kollha provduti mill-NFRL u l-Att dwar il-PPC, li jirrispetta ż-żoni protetti u d-drittijiet ta' komunitajiet affettwati speċjalment għall-użu ta' prodotti tal-foresti li mhumiex tal-injam.</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u></p> <p>L-LVD irid jivverifika li l-MPEA fil-fatt ħareġ ċertifikat tal-konċessjoni lill-FDA abbażi ta' revizzjoni tal-pjan tal-konċessjoni żviluppat u sottomess mill-FDA sabiex jiġi żgurata li r-rekwiżiti għal proċedura ta' offerti kompetittivi jiġu sodisfatti kif provdut mill-NFRL u l-Att dwar il-PPC. Dan isir permezz tal-konsultazzjoni mad-Dipartiment Legali u/jew Kummerċjali tal-FDA</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u></p> <p>9. 1. Konsultazzjoni mal-PPCC u/jew id-Dipartimenti Legali u Kummerċjali tal-FDA 10. 2. L-analiżi tad-dokument</p>	Darba matul il-perjodu tal-kuntratt
Referenzi: Regolament 104-07 (5.2(a)(i)) l-Att dwar il-PPC (46)		

<b>Indikatur 2.3 Id-detentur tal-Kuntratt ikkonforma ma' rekwiżiti statutorji ta' prekwalfikazzjoni u kkwalifika kif mistħoqq mill-FDA sabiex (i) jopera fis-settur tal-forestrija, u fil-każ tal-TSC u FMC, (ii) jiffa' offerta għall-kuntratt</b>		
<b>Verifikatur</b>	<b>Tip ta' Kuntratt jew Permess</b>	
2.3.1 <i>Rapport tal-kumitat ta' prekwalfikazzjoni fir-rigward tal-proċess tal-prekwalfikazzjoni</i>	FMC, TSC u FUP li għandhom valur ta' USD 10 000,00 jew aktar	
2.3.2 <i>Ċertifikat validu ta' prekwalfikazzjoni maħruġ mid-detentur tal-kuntratt</i>	FMC, TSC u FUP li għandhom valur ta' USD 10 000,00 jew aktar	
2.3.3 <i>Ikklijjar tat-taxxa li ma juri l-ebda arrettrati tat-taxxa fid-data tas-sottomissjoni</i>	FMC, TSC u FUP li għandhom valur ta' USD 10 000,00 jew aktar	
2.3.4 <i>Garanzija ta' likwidità minn bank b'reputazzjoni fid-data tas-sottomissjoni</i>	FMC, TSC u FUP li għandhom valur ta' USD 10 000,00 jew aktar	
2.3.5 <i>Iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tan-negozju kien jeżisti qabel iċ-ċertifikat tal-prekwalfikazzjoni</i>	FMC, TSC u FUP li għandhom valur ta' USD 10 000,00 jew aktar	
<b>Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.2.3)</b>	<b>Metodu tal-Verifika</b>	<b>Frekwenza tal-Verifika</b>
<p><u>L-għan:</u> L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi vverifikat li kumpanija li qed tapplika għal liċenzja tkun ikkonformat mar-rekwiżiti kollha ta' prekwalfikazzjoni rilevanti u għalhekk tissodisfa l-kriterji tal-proċess tal-offerti.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u> L-FDA trid tiżgura li r-rekwiżiti kollha ta' prekwalfikazzjoni ġew sodisfatti minn detentur ta' kuntratt partikolari qabel il-proċess tal-offerti u/jew il-kisba tar-riżors tal-foresti. Ir-rekwiżiti ta' prekwalfikazzjoni fost affarijiet oħra jinkludu: (1) Artikoli ta' inkorporazzjoni mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin (MOFA), (2) Ċertifikat ta' reġistrazzjoni tan-negozju mill-MOCI, (3) L-ikklijjar tat-taxxa mill-Ministeru tal-Finanzi (MOF), u (4) Garanzija ta' likwidità minn bank b'reputazzjoni.</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u> L-LVD irid jivverifika li r-rekwiżiti ġew sodisfatti fil-ħin stabbilit mil-liġi. Dan ifisser li ċ-Ċertifikat ta' Prekwalfikazzjoni irid ikun ġie ddatat qabel mid-detentur tal-kuntratt jew iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tan-negozju tal-proċessur, l-ikklijjar tat-taxxa, u l-garanzija tal-bank meħtieġa.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u> 11. 1. Konsultazzjoni mal-FDA, l-MOF, l-MOFA u l-MOCI. 12. 2. L-analiżi tad-dokument</p>	Once during the Contract period
Referenzi: NFRL (5.2(a)(i); Regolament 103-07 (41-46)		
<b>Indikatur 2.4 Il-kuntratt tal-foresti inħareġ għall-offerti skont il-proċess tal-offerti kompetittiv u r-regoli stabbiliti mill-Att dwar l-Akkwist Pubbliku u l-Konċessjonijiet u r-Regolamenti maħruġa mill-FDA</b>		
<b>Verifikatur</b>	<b>Tip ta' Kuntratt jew Permess</b>	



2.4.1	Avviż ta' offerta pubblika	FMC, TSC u FUP li għandhom valur ta' aktar minn USD10 000	
2.4.2	Rapport tal-bord tal-evalwazzjoni tal-offerta għall-konċessjoni	FMC, TSC u FUP li għandhom valur ta' aktar minn USD10 000	
2.4.3	Rapport tad-diliġenza dovuta mill-FDA	FMC, TSC u FUP li għandhom valur ta' aktar minn USD10 000	
2.4.4	Rapport finali tal-bord tal-evalwazzjoni tal-offerta lill-Kumitat Inter-Ministerjali tal-Konċessjonijiet (IMCC)	FMC, TSC u FUP li għandhom valur ta' aktar minn USD10 000	
2.4.5	Rakkomandazzjonijiet tal-IMCC lill-President	FMC, TSC u FUP li għandhom valur ta' aktar minn USD10 000	
<b>Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.2.4)</b>		<b>Metodu tal-Verifika</b>	<b>Frekwenza tal-Verifika</b>
<p><u>L-għan:</u> L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi vverifikat li l-liċenzja tal-foresti għal operazzjonijiet kummerċjali tal-foresti nġhatat abbażi ta' proċess kompetittiv tal-offerti kif rikjest mil-liġi.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u> Il-liġi tirrikjedi li ladarba tiġi sottomessa offerta, l-offerti jiġu evalwati mill-bord tal-evalwazzjoni tal-offerta għall-konċessjoni, li imbagħad jissottometti rapport tal-evalwazzjoni tal-offerta fi żmien 60 jum lill-entità tal-konċessjoni (f'dan il-każ l-FDA). Wara dan, l-FDA tista' tikkonkludi rapport ta' diliġenza dovuta dwar l-offerti kollha rakkomandati. Imbagħad il-bord tal-evalwazzjoni tal-offerta għall-konċessjoni se jissottometti rapport finali lill-IMCC. L-IMCC imbagħad se jirrevedi r-rapport u jissottometti r-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-President għad-deċiżjoni finali.</p>		<p><u>Id-deskrizzjoni:</u> L-LVD irid jivverifika li r-rekwiżiti msemija hawn fuq ġew sodisfatti billi l-ewwel jikkonsulta u jivverifika l-eżistenza u l-validità tad-dokumenti meħtieġa mad-Dipartiment Kummerċjali u/jew id-Dipartiment Legali tal-FDA. Jekk tinħtieġ aktar kjarifika, l-LVD jista' jikkonsulta mal-Kumitat tal-Evalwazzjoni tal-Offerta għall-Konċessjoni u/jew mal-IMCC.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u> 13. 1. Konsultazzjoni mal-FDA, l-IMCC u l-PPCC 14. 2. L-analiżi tad-dokument</p>	Darba matul il-perjodu tal-kuntratt
Referenzi: NFRL (3.3 & 5.2(a)); l-Att dwar il-PPC (115(1)&(2) u 116); u r-Regolamenti tal-FDA 104, Taqsima 31-36			
<b>Indikatur 2.5: F'każ ta' permess tal-użu privat (PUP), il-kuntratt ingħata mal-permess bil-miktub tas-sid ivverifikat tal-art</b>			
<b>Verifikatur</b>		<b>Tip ta' Kuntratt jew Permess</b>	
2.5.1	L-att validu tal-proprjetà tas-sid tal-art privata	PUP	
2.5.2	Il-permess bil-miktub tas-sid tal-art privata	PUP	
<b>Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.2.5)</b>		<b>Metodu tal-Verifika</b>	<b>Frekwenza tal-Verifika</b>

<p><u>L-għan:</u> L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi żgurat li l-PUP jingħata biss fejn is-sjieda tal-art privata hija stabbilita b' mod ċar u mal-approvazzjoni bil-miktub tas-sid tal-art.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u> L-LVD huwa meħtieġ li jivverifika lis-sid ta' art privata maħsuba li tkun is-suġġett ta' PUP. Dan se jinvolvi l-ikkontrollar tal-att tal-proprjetà sottomess mar-rekords pubbliċi fiċ-Ċentru għar-Rekords u d-Dokumentazzjoni Nazzjonali (CNDRA).</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u> L-LVD irid jivverifika li r-rekwiżiti msemmija hawn fuq ġew sodisfatti l-ewwel billi jirrevedi t-titolu tal-proprjetà, u imbagħad billi jikkonferma li l-permess bil-miktub huwa fil-fatt mis-sid tal-art.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u> 15. 1. Konsultazzjoni mal-CNDRA 16. 2. L-analiżi tad-dokument</p>	<p>Darba matul il-perjodu tal-kuntratt</p>
<p>Referenzi: NFRL Taqsima 5.6</p>		
<p><b>Indikatur 2.6 F'konsultazzjoni mal-partijiet interessati u abbażi tar-rapport tal-istħarriġ soċjo-ekonomiku tagħha, l-FDA ħejjiet mappa integrata li turi ż-żona tal-kuntratt u żoni tal-art maġenbha bħal konċessjonijiet oħra, żoni protetti tal-foresta u art privata.</b></p>		
<b>Verifikatur</b>	<b>Tip ta' Kuntratt jew Permess</b>	
<p>2.6.1 <i>Il-mappa tal-FDA li turi ż-żona tal-konċessjoni inkwistjoni u tindika artijiet maġenbha</i></p>	<p>FMC, TSC, FUP</p>	
<p>2.6.2 <i>Ir-rapport tal-infurzar tal-FDA (ir-Rapport ta' Verifika tal-konformità mal-FDA)</i></p>	<p>FMC, TSC, FUP</p>	
<b>Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.2.6)</b>	<b>Metodu tal-Verifika</b>	<b>Frekwenza tal-Verifika</b>
<p><u>L-għan:</u> L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi vverifikat li ż-żona tal-konċessjoni mogħtija lid-dententur tal-kuntratt ma taffettwax l-art fil-pussess ta' detentur(i) ieħor(oħra) tal-kuntratt jew żona protetta tal-foresta.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u> Huwa essenzjali li kull żona tal-kuntratt tiġi demarkata kif suppost sabiex jiġi evitat li żoni ta' konċessjoni jirkbu fuq xulxin jew jaffettwaw żoni protetti tal-foresti</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u> L-LVD għandu jivverifika li dawn ir-rekwiżiti ġew sodisfatti billi jikkontrolla l-validità tal-mappa tal-konċessjoni mad-Dipartiment tar-Riċerka u l-Iżvilupp u d-Dipartiment tal-Infurzar tal-Liġi tal-FDA.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u> 17. 1. Konsultazzjoni mad-Dipartimenti tar-Riċerka u l-Iżvilupp u tal-Infurzar tal-Liġi tal-FDA 18. 2. L-analiżi tad-dokument</p>	<p>Darba matul il-perjodu tal-kuntratt</p>
<p>Referenzi: COCS SOP (7, 8, 19, 20 &amp; 21) Regolament 109-07</p>		

<b>Indikatur 2.7 Id-detentur tal-foresti issottometta garanzija tal-offerent flimkien mal-offerta tiegħu għall-kuntratt tal-foresta lill-FDA</b>		
<b>Verifikatur</b>	<b>Tip ta' Kuntratt jew Permess</b>	
<i>2.7.1 L-irċevuta tal-garanzija tal-offerent maħruġa mill-FDA</i>	<i>FMC u TSC</i>	
<b>Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.2.7)</b>	<b>Metodu tal-Verifika</b>	<b>Frekwenza tal-Verifika</b>
<p><u>L-għan:</u> L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi vverifikat li l-offerent ikun issottometta l-garanzija statutorju meħtieġ u ssodisfa r-rekwiżiti rilevanti.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u> Ir-Regolamenti tal-FDA 104-07 jirrikjedu li l-offerenti għall-FMC u t-TSC jissottomettu garanzija ta' offerta flimkien mal-offerta tagħhom. Il-garanzija għandha tkun valida għal mill-inqas 12-il xahar u fl-ammont ugwali għal 1/6 tal-miżata annwali taż-żona determinata għal kuntratt partikolari. Barra minn hekk, il-garanzija trid tinħareġ minn istituzzjoni kompetenti u awtorizzata fil-Liberja.</p> <p>Skont it-Taqsima 43 tar-Regolament 104-07, fi żmien 30 jum wara l-għażla tal-offerent ir-rebbieħ, l-offerent ir-rebbieħ jista' jitlob lura l-garanzija oriġinali billi jiddepożita ammont tal-garanzija fi flus mal-Bank Ċentrali tal-Liberja jew bank ieħor maħtur uffiċjalment sabiex iżomm il-kontijiet tal-FDA u jippreżenta l-prova tad-depożitu lill-FDA. Ir-Regolament jipprovdi wkoll li mal-preżentazzjoni fil-ħin tal-prova tad-depożitu tal-valur tal-garanzija mal-Bank Ċentrali tal-Liberja, l-FDA għandha tiritorna l-garanzija oriġinali lill-offerent ir-rebbieħ. Madankollu, jekk l-offerent ir-rebbieħ jonqos milli joffri prova ta' depożitu fi żmien 30 jum wara l-għażla, l-FDA għandha tiġbed mill-garanzija u tiddepożita l-fondi mal-Bank Ċentrali tal-Liberja jew bank ieħor iddeżinjat uffiċjalment sabiex iżomm il-kontijiet tal-Awtorità. Fl-aħħarnett, jekk l-offerent ir-rebbieħ u l-Gvern jeżegwixxu l-kuntratt fir-rigward ta' liema ġie sottomess il-garanzija, l-FDA għandha tirranġa li tikkredita l-fondi depożitati lejn kwalunkwe ammonti li l-offerent ir-rebbieħ għandu jagħti lill-Gvern skont il-kuntratt.</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u> L-LVD irid jivverifika li r-rekwiżiti ġew sodisfatti billi jikkonsulta ma', u jivverifika l-validità tal-Irċevuta tal-Garanzija tal-Offerenti mad-Dipartiment Kummerċjali u/jew Finanzjarju tal-FDA.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u> 19. 1. Konsultazzjoni mad-dipartimenti Kummerċjali / Finanzjarji tal-FDA 20. 2. L-analiżi tad-dokument</p>	Darba matul il-perjodu tal-kuntratt
Referenzi: Regolament 104-07 (43 & 61(b)) COCS SOP (9)		
<b>Indikatur 2.8 Id-detentur tal-kuntratt jiddepożita garanzija ta' prestazzjoni inizjali fil-perjodu speċifikat mil-liġi wara l-konklużjoni tan-negozjati tal-kuntratt</b>		
<b>Verifikatur</b>	<b>Tip ta' Kuntratt jew Permess</b>	
<i>2.8.1 Kopja tal-garanzija tal-prestazzjoni ddepożitat fi żmien 90 jum mill-konklużjoni tan-negozjati</i>	<i>FMC</i>	
<i>2.8.2 Kopja tal-garanzija tal-prestazzjoni ddepożitat fi żmien 30 jum mill-konklużjoni tan-negozjati</i>	<i>TSC</i>	

Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.2.8)	Metodu tal-Verifika	Frekwenza tal-Verifika
<p><u>L-għan:</u> L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi vverifikat li l-garanzija tal-prestazzjoni meħtieġa ġiet ddepożitata fil-perjodu taż-żmien meħtieġ.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u> Ir-Regolament 104-07 jirrikjedi li d-detenturi tal-kuntratt tal-FMC u t-TSC (iżda mhux l-FUP jew il-PUP) jissottomettu garanzija tal-prestazzjoni fil-perjodu taż-żmien meħtieġ:</p> <p>1. FMC: il-garanzija tal-prestazzjoni trid tiġi sottomessa fi żmien 90 jum fl-ammont ta' 150 000 USD (inqas minn 10 000ħa) jew sa 250 000USD (aktar minn 100 000 ħa)</p> <p>2. TSC: il-garanzija tal-prestazzjoni fi żmien 30 jum fl-ammont ta' 25 000 USD.</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u> L-LVD irid jivverifika li r-rekwiżiti msemija hawn fuq ġew sodisfatti billi jikkonsulta ma' u jivverifika l-eżistenza u l-validità tal-garanzija tal-prestazzjoni mad-Dipartiment Kummerċjali u/jew Finanzjarju tal-FDA.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u> 21. 1. Konsultazzjoni mad-Dipartimenti Kummerċjali u/jew Finanzjarji tal-FDA 22. 2. L-analiżi tad-dokument</p>	<p>Darba fil-bidu tal-perjodu tal-kuntratt</p>
Referenzi: Regolament 104-07(61(b)); COCS SOP (9)		
<b>Indikatur 2.9 Il-kuntratt tal-foresti ġie ffirmat mid-detentur tal-kuntratt u l-FDA u, fejn applikabbli, ratifikat kif mistħoqq f'konformità mal-liġi</b>		
<b>Verifikatur</b>	<b>Tip ta' Kuntratt jew Permess</b>	
2.9.1 <i>L-Att li jirratifika l-kuntratt tal-foresti, li huwa ffirmat mill-President u stampat f'hand bills</i>	<i>FMC u konċessjonijiet/pjantazzjonijiet agrikoli</i>	
2.9.2 <i>Il-kuntratt iffirmat mid-detentur tal-kuntratt u d-Direttur Amministrattiv tal-FDA</i>	<i>TSC, FUP, PUP, permessi tas-Serrieg bil-katina</i>	
Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.2.9)	Metodu tal-Verifika	Frekwenza tal-Verifika
<p><u>L-għan:</u> L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi vverifikat li l-kuntratti tal-foresti kollha jiġu konklużi f'konformità mal-liġi. Fir-rigward tal-FMCs, l-għan huwa li jiġi żgurat li barra milli jiġi ffirmat mid-detentur tal-kuntratt u l-Gvern tal-Liberja, att li jirratifika lill-FMC jiġi mgħoddi wkoll miż-żewġ ikmamar tal-Leġiżlatura u approvat mill-President. Fir-rigward tal-kuntratti l-oħra kollha, l-għan huwa li jiġi żgurat li jiġu ffirmati kif suppost bejn id-detentur tal-kuntratt u l-ġestjoni tal-FDA.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u> Ladarba FMC jiġi ffirmat ma' offerent li jirnexxi, l-FMC għandu jiġi ratifikat mil-Leġiżlatura u l-att tal-Leġiżlatura li jirratifika l-FMC approvat mill-President. Il-kuntratti tal-foresti u l-liċenzji l-oħra kollha jiġu ffirmati bejn id-detentur tal-kuntratt u l-FDA.</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u> L-LVD jivverifika li (1) kull FMC ikun ġie ffirmat u rratifikat, u (2) il-liċenzji tal-foresti l-oħra kollha jiġu ffirmati mid-detentur rilevanti tal-kuntratt u d-Direttur Amministrattiv tal-FDA mal-approvazzjoni mill-Bord tal-FDA. L-LVD irid jivverifika li r-rekwiżiti msemija hawn fuq ikunu ġew sodisfatti billi jikkonsulta mad-Dipartimenti Kummerċjali u Legali tal-FDA.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u> 23. 1. L-analiżi tad-dokument 24. 2. Konsultazzjoni mad-Dipartiment</p>	<p>Darba fil-bidu tal-perjodu tal-kuntratt</p>

	Kummerċjali jew Legali tal-FDA	
Referenzi: NFRL (5.3); Regolamenti 104-07 (62); COCS SOP (5)		

### PRINĊIPJU 3: OBBLIGI SOĊJALI U L-QSIM TAL-BENEFIĊĊJI

*Id-detentur tal-kuntratt huwa f'konformità mar-rekwiżiti tal-obbligi soċjali u l-qsim tal-benefiċċji stabbiliti bil-Liġi*

**Indikatur 3.1** Id-detentur tal-kuntratt innegożja ftehim soċjali mar-rappreżentanti awtorizzati ta' komunitajiet affettwati fir-raġġ 3.0 kilometri miż-żona proposta tal-konċessjoni jew il-permess wara avviż bil-quddiem lil dawn il-komunitajiet affettwati

Verifikatur	Tip ta' Kuntratt jew Permess	
3.1.1 <i>Il-minuti tal-laqgħa li jirriflettu diskussjonijiet u ftehimiet attwali li ntlaħqu mid-detentur tal-kuntratt u rappreżentanti awtorizzati ta' komunitajiet affettwati identifikati aktar qabel mill-FDA matul l-istħarriġ soċjo-ekonomiku tagħha</i>	<i>FMC, TSC, FUP li għandhom valur ta' aktar minn USD 10 000,00</i>	
3.1.2 <i>Avviż imwassal jew ippubblikat tal-intenzjoni ta' negozju ma' komunitajiet affettwati (avviżi bir-radju jew riklami fil-gazzetti)</i>	<i>FMC, TSC, FUP li għandhom valur ta' aktar minn USD 10 000,00</i>	
3.1.3 <i>Evidenza li ma ġie ppreżentat l-ebda ilment mal-FDA minn komunità affettwata li jallega esklużjoni minn negozjat jew nuqqas ta' negozjar min-naħa tad-detentur tal-kuntratt</i>	<i>FMC, TSC, FUP li għandhom valur ta' aktar minn USD 10 000,00</i>	
Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.3.1)	Metodu tal-Verifika	Frekwenza tal-Verifika
<p><u>L-għan:</u> L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi żgurat li detentur tal-kuntratt jaderixxi mar-rekwiżiti statutorji u tal-FDA, rilevanti kollha li jappartjenu għal obbligi soċjali qabel ma jikseb iċ-Ċertifikat Annwali tal-Ħsad tiegħu għall-FMC, it-TSC, jew l-FUP.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u> L-NFRL u r-Regolamenti 105-07 promulgati taħt l-NFRL it-tnejn ipoġġu dmir fuq id-detenturi tal-FMC, it-TSC u l-FUPs prinċipali sabiex jinnegożjaw 'Ftehim Soċjali' ma' komunitajiet affettwati permezz tar-rappreżentanti</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u> L-LVD irid jivverifika li r-rekwiżiti jiġu sodisfatti permezz ta' konsultazzjoni u verifika mad-Dipartiment tal-Forestrija Komunitarja tal-FDA.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u></p>	

<p>awtorizzati tagħhom fir-rigward ta' foresti li jridu jiġu maħsuda.</p> <p>Ir-Regolament jiddefinixxi komunitajiet affettwati bħala “komunità li tinkludi inqas minn distrett statutorju (inkluż chiefdoms, klannijiet, bliet żgħar, bliet, irħula, u abitazzjonijiet umani) li l-interess tagħhom x'aktarx jiġi affettwat mill-operazzjonijiet imwettqa taħt liċenzja ta' riżorsi tal-foresti. “Interessi” għall-iskopijiet ta' din id-definizzjoni jistgħu jkunu ta' natura ekonomika, tas-saħħa ambjentali, tal-għixien, estetika, kulturali, spiritwali jew reliġjuża.” Fil-prattika, il-komunitajiet affettwati jiġu definiti u identifikati mill-FDA matul l-ippjanar tal-użu tal-foresti u l-istħarriġ soċjo-ekonomiku ta' qabel l-allokazzjoni tagħha.</p> <p>Skont ir-Regolamenti 105-07 it-tul ta' żmien ta' dawn il-ftehimiet soċjali huwa ta' ħames (5) snin għall-FMCs u l-FUPs, u tliet (3) snin għat-TSCs. L-iffirmar ta' ftehim soċjali huwa rekwiżit ta' qabel it-twaqqigħ tas-siġar għal FMCs u TSCs.</p>	<p>25. 1. Konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Forestrija Komunitarja tal-FDA u komunitajiet affettwati</p> <p>26. 2. L-analiżi tad-dokument</p>	<p>Kull Ċiklu<sup>19</sup></p>
<p>Referenzi: Regolament 105-07 (31&amp;32); NFRL, Taqsima 5.6(d)(vi)</p>		
<p><b>Indikatur 3.2 Ftehim soċjali nneozjat b'mod reċiproku ġie ffirmat bejn id-detentur tal-kuntratt u l-komunitajiet affettwati KOLLHA permezz tar-rappreżentanti awtorizzati tagħhom, u il-ftehim isir effettiv qabel il-bidu tal-operazzjonijiet tat-twaqqigħ tas-siġar</b></p>		
<p><b>Verifikatur</b></p>	<p><b>Tip ta' Kuntratt jew Permess</b></p>	
<p>3.2.1 Ftehim Soċjali esegwit iffirmit mid-detentur tal-kuntratt u kull komunità affettwata permezz tal-Komunitarju tal-Iżvilupp tal-Forestrija (CFDC)</p>	<p>FMC, TSC, u FUP li għandhom valur ta' aktar minn USD 10 000,00</p>	
<p>3.2.2 Ftehim Soċjali li kien jeżisti qabel iċ-Ċertifikat Annwali tal-Ħsad ta' detentur tal-kuntratt</p>	<p>FMC, TSC, u FUP li għandhom valur ta' aktar minn USD 10 000,00</p>	
<p>3.2.3 Lista ta' CFDC identifikata minn jew irreġistrata mal-FDA</p>	<p>FMC, TSC, u FUP li għandhom valur ta' aktar minn USD 10 000,00</p>	
<p><b>Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.3.2)</b></p>	<p><b>Metodu tal-Verifika</b></p>	<p><b>Frekwenza tal-Verifika</b></p>
<p><u>L-għan:</u> L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi żgurat li detentur ta' FMC, TSC u/jew FUP li għandu valur ta' aktar minn USD 10 000,00 ikun iffirma ftehim soċjali mal-komunitajiet affettwati kollha qabel l-operazzjonijiet tal-qtugħ tas-</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u> L-LVD irid jivverifika li r-rekwiżiti msemmija hawn fuq ġew sodisfatti permezz ta' konsultazzjoni ma' u l-</p>	

<sup>19</sup> Ċiklu: 5 snin għal FMC u FUP; 3 snin għal TSC.

<p>siġar.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u></p> <p>Id-detentur u/jew il-kumpanija jistgħu jinnegozjaw biss il-Ftehim Soċjali mas-CFDC li jaġixxi f'isem il-komunitajiet affettwati. Is-CFDC irid ikun rappreżentant tal-komunitajiet kollha affettwati mill-attivitajiet tal-qtugħ tas-siġar tad-detenturi tal-kuntratt. Jista' jkun hemm iktar minn CFDC wieħed li jirrappreżenta komunitajiet affettwati. Titwettaq verifika annwali mill-FDA sabiex tiġi monitorjata, ivvalutata u żgurata l-konformità mal-kondizzjonijiet ta' FMC, TSC u FUP li għandhom valur ta' aktar minn USD 10 000,00.</p> <p>It-Taqsima 31 (b) (1) tar-Regolamenti 105-07 tiddikjara li d-detentur tal-kuntratt “għandu jiżgura li f'kull ħin, għat-tul ta' żmien tal-liċenzja tar-riżorsi tal-foresti, ikun fis-seħħ ftehim soċjali għall-benefiċċju tal-komunitajiet affettwati kollha fir-rigward taż-żona fejn se jsir il-qtugħ tas-siġar”. It-Taqsima 31 (b) (2) tipprovdi wkoll li d-detentur tal-kuntratt ma jistax iwaqqa' s-siġar ħlief jekk ikun fis-seħħ ftehim soċjali għall-benefiċċju tal-komunitajiet affettwati kollha fir-rigward taż-żona fejn se jsir il-qtugħ tas-siġar taħt Liċenzja tar-riżorsi tal-foresti.”</p>	<p>verifika tal-ftehim soċjali esegwit mad-Dipartiment Komunitarju tal-Forestrija tal-FDA.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u></p> <p>27. 1. Konsultazzjoni mad-Dipartiment Komunitarju tal-Forestrija tal-FDA u komunitajiet affettwati.</p> <p>28. 2. L-analiżi tad-dokument</p> <p>29. 3. Spezzjoni fuq il-post</p>	<p>Kull Ċiklu</p>
<p>Referenzi: Regolament 105-07 (31)</p>		
<p><b>Indikatur 3.3 It-termini tal-ftehim soċjali bejn id-detentur tal-kuntratt/il-permess u l-komunitajiet affettwati jinkludu kodiċi ta' kondotta li tirregola l-partijiet fil-ftehim, mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim, flimkien ma' (i) deskrizzjoni ta' ammonti ta' benefiċċji finanzjarji pagabbli lill-komunità mid-detentur tal-kuntratt u (ii) rekwiżit li d-detentur tal-kuntratt/il-permess iħallas l-ammonti kull tliet xhur f'kont li jagħti l-interessi miżmum minn terzi (escrow) li d-detentur tal-kuntratt/ il-permess għandu jżomm b'fiduċja f'isem il-komunitajiet affettwati kollha.</b></p>		
<p><b>Verifikatur</b></p>	<p><b>Tip ta' Kuntratt jew Permess</b></p>	
<p>3.3.1 <i>Il-kodiċi ta' kondotta li tirregola d-drittijiet u r-responsabbiltajiet ta' komunitajiet affettwati u d-detentur tal-kuntratt/ il-permess</i></p>	<p><i>FMC, TSC, u FUP li għandhom valur ta' aktar minn USD 10 000,00</i></p>	
<p>3.3.2 <i>Id-deskrizzjoni tal-miżata minima kull metru kubiku li d-detentur tal-kuntratt/ il-permess se jħallas fuq bażi ta' kull tliet xhur lill-komunitajiet affettwati (jekk ikun hemm oħrajn, speċifika)</i></p>	<p><i>FMC, TSC u FUP li għandhom valur ta' aktar minn USD 10 000,00</i></p>	
<p>3.3.3 <i>Il-ktieb tal-bank jew rekords oħra tal-kont li jagħti l-interessi u miżmum minn terzi miftuħ mid-detentur tal-kuntratt/il-permess b'fiduċja għall-komunitajiet affettwati</i></p>	<p><i>FMC, TSC u FUP li għandhom valur ta' aktar minn USD 10 000,00</i></p>	
<p>3.3.4 <i>Il-mekkaniżmu tas-soluzzjoni tat-tilwim stabbilit</i></p>	<p><i>FMC, TSC u FUP li għandhom valur ta' aktar minn USD 10 000,00</i></p>	
<p><b>Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.3.3)</b></p>	<p><b>Metodu tal-Verifika</b></p>	<p><b>Frekwenza tal-Verifika</b></p>



<p><u>L-għan:</u> L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi żgurat li r-rekwiżiti statutorji kollha qed jiġu sodisfatti u li l-kondizzjonijiet u/jew l-elementi preskritti huma inklużi fil-ftehim soċjali nnegożjat.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u> Kwalunkwe ftehim soċjali nnegożjat bejn CFDC wieħed jew aktar irid fost affarijiet oħra jinkudi: 1. Deskrizzjoni tad-drittijiet u r-responsabbiltajiet ta' membri ta' komunitajiet affettwati kif ukoll id-detentur; 2. Deskrizzjoni tal-benefiċċji finanzjarji li komunità affettwata se tirċievi; 3. Rekwiżit li d-detentur tal-kuntratt/ il-permess iħallas benefiċċji finanzjarji fuq bażi ta' kull tliet xhur f'kont li jagħti l-interessi miżmum minn terzi b'fiduċja għall-komunità. 4. Rekwiżit li l-fondi jiġu rilaxxati biss f'benefiċċju, mat-talba bil-miktub ta' CFDC, basta din it-talba tiġi approvata mill-FDA.</p> <p>It-taqsima 33(a) tar-Regolamenti 105-07 tipprovdi li l-FDA għandha tagħmel kodiċijiet tal-kondotta mudell disponibbli liberament fuq l-Internet u għandha, fuq talba, tipprovdi kopji fuq karta jew elettroniċi ta' kodiċijiet tal-kondotta mudell lil detenturi tal-kuntratt/ il-permess, is-CFDCs, u komunitajiet affettwati.</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u> L-LVD irid jivverifika li r-rekwiżiti msemmija hawn fuq ġew sodisfatti permezz ta' konsultazzjoni u verifika tal-kontenuti tal-ftehim soċjali ffirmat mad-Dipartiment Komunitarju tal-Forestrija tal-FDA.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u> 30. 1. L-analiżi tad-dokument 31. 2. Żjara fuq il-post mal-komunitajiet</p>	<p>Kull ċiklu<sup>20</sup></p>
<p>Referenzi: NFRL (5.3(b) &amp; 5.6(d)), Regolament 105-07 (33)</p>		
<p><b>Indikatur 3.4 Il-ftehim soċjali bejn id-detentur tal-kuntratt u l-komunità jew il-komunitajiet ġie attestat mill-FDA</b></p>		
<p><b>Verifikatur</b></p>	<p><b>Tip ta' Kuntratt jew Permess</b></p>	
<p>3.4.1 Ftehim soċjali attestat mill-FDA bejn id-detentur tal-kuntratt u l-komunità affettwata</p>	<p>FMC, TSC, u FUP li għandhom valur ta' aktar minn USD 10 000,00</p>	
<p><b>Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.3.4)</b></p>	<p><b>Metodu tal-Verifika</b></p>	<p><b>Frekwenza tal-Verifika</b></p>
<p><u>L-għan:</u> L-għan ta' din il-proċedura huwa sabiex jiġi żgurat u/jew ivverifikat li l-ftehim soċjali jkun ġie approvat mill-FDA.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u> Kwalunkwe ftehim soċjali nnegożjat irid jiġi sottomess lill-FDA għall-attestazzjoni. Mal-irċevuta tad-dokument, l-</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u> L-LVD irid jivverifika li r-rekwiżiti msemmija hawn fuq ġew sodisfatti permezz ta' konsultazzjonijiet ma' u verifika tal-eżistenza u l-validità tal-ftehim soċjali attestat mad-Dipartiment Komunitarju tal-Forestrija tal-FDA.</p>	

<sup>20</sup>

Ċiklu: 5 snin għal FMC u FUP; 3 snin għal TSC.

<p>FDA se tirrevedi l-ftehim sabiex tiddetermina l-kompletezza, il-preċiżjoni u l-konformità tagħha mal-liġi. Jekk il-ftehim ma jissodisfax il-kriterji rilevanti, l-FDA trid tirrifjutah u tipprovdi raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha. Id-detentur jista' jirrimedja kwalunkwe deficijenza u jissottometti mill-ġdid il-ftehim soċjali lill-FDA għal konsiderazzjoni mill-ġdid. L-FDA se tattesta għall-ftehim soċjali jekk tkun sodisfatta li l-ftehim huwa komplet, preċiż u jikkonforma mal-liġijiet rilevanti.</p>	<p><u>Mezzi ta' verifika:</u>  32. 1. Konsultazzjoni mad-Dipartiment Komunitarju tal-Forestrija tal-FDA  33. 2. L-analiżi tad-dokument  34. 3. Żjara fuq il-post ma' komunitajiet magħżula</p>	<p>Kull ċiklu</p>
<p>Referenzi: Regolament 105-07 (36) COCS SOP (9)</p>		
<p><b>Indikatur 3.5 Il-miżati stipulati dovuti lill-komunitajiet mid-detentur tal-kuntratt taħt il-ftehim soċjali jridu jitħallsu mid-detentur tal-kuntratt (i) fil-perjodi taż-żmien preskritti u (ii) f'kont miżmum minn terzi miftuħ mid-detentur tal-kuntratt għal dan l-iskop</b></p>		
<p><b>Verifikatur</b></p>	<p><b>Tip ta' Kuntratt jew Permess</b></p>	
<p>3.5.1 <i>Dikjarazzjonijiet awtentikati tal-bank kull tliet xhur tal-kont miżmum minn terzi</i></p>	<p>FMC, TSC u FUP li għandhom valur ta' aktar minn USD 10 000,00</p>	
<p>3.5.2 <i>Verifika ta' Konformità mal-FDA</i></p>	<p>FMC, TSC u FUP li għandhom valur ta' aktar minn USD 10 000,00</p>	
<p><b>Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.3.5)</b></p>	<p><b>Metodu tal-Verifika</b></p>	<p><b>Frekwenza tal-Verifika</b></p>
<p><u>L-għan:</u>  L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi vverifikat li l-miżati rilevanti dovuti lill-komunità jkunu tħallsu fi żmien xieraq.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u>  Il-ftehim soċjali jinkludi termini finanzjari tal-prestazzjoni li huma importanti għall-ftehimiet. Huwa għalhekk essenzjali li l-ħlas fi żmien xieraq tal-miżati mifthiema u pprovduti fil-ftehimiet soċjali jiġi vverifikat. Fil-livell operattiv, punti ta' kontroll jistgħu jinkludu dikjarazzjonijiet ta' kont miżmum minn terzi, u rapporti ta' verifika annwali mill-FDA li jkejlu l-konformità ta' detenturi tal-kuntratt.</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u>  L-LVD irid jivverifika li r-rekwiżiti msemmija hawn fuq ġew sodisfatti permezz ta' konferma. Fil-każ li tinħtieġ aktar kjarifika, id-Dipartimenti Kummerċjali u Komunitarji tal-Forestrija tal-FDA jistgħu jiġu kkonsultati.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u>  35. 1. Konsultazzjoni mad-dipartiment Komunitarju tal-forestrija tal-FDA  36. 2. L-analiżi tad-dokument  37. 3. Spezzjonijiet fuq il-post</p>	<p>Kull konsenja</p>
<p>Referenzi: Regolament 105-07(36)10 Regolament 107-07 (33);</p>		

## PRINĊIPJU 4: L-OPERAZZJONIJIET TA' ĠESTJONI U L-ĦSAD TAL-FORESTI

*Operazzjonijiet ta' ġestjoni u l-ħsad tal-foresti jikkonformaw mal-liġijiet applikabbli kollha*

**Indikatur 4.1** Id-detentur tal-kuntratt jew il-permess lesta pjan operazzjonali annwali u fejn huwa applikabbli, pjan ta' ġestjoni tal-foresti

Verifikatur	Tip ta' Kuntratt jew Permess
4.1.1 <i>Iċ-Ċertifikat Annwali tal-Ħsad</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi ħlief konċessjonijiet/pjantazzjonijiet agrikoli</i>
4.1.2 <i>Pjan operazzjonali annwali approvat</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi ħlief konċessjonijiet/pjantazzjonijiet agrikoli</i>
4.1.3 <i>Pjan approvat tal-ġestjoni tal-foresti</i>	<i>FMC</i>
4.1.4 <i>Permess bil-miktub mis-sid tal-art</i>	<i>PUP</i>

Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.4.1)	Metodu tal-Verifika	Frekwenza tal-Verifika
<p><u>L-għan:</u> L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi żgurat li kull detentur tal-kuntratt jikkonforma mal-prerekwiżiti statutorji rilevanti qabel ma jibdew l-operazzjonijiet tat-twaqqiġ tas-siġar.</p> <p><u>II-Kontroll Regulatorju:</u></p> <ol style="list-style-type: none"> <li>FMC: Kuntratti jingħataw fuq l-art tal-foresti vvalidati u f'konformità mar-rekwiżiti tal-Att dwar il-PPC. L-FMC huwa kuntratt ta' 25 sena u huwa soġġett għal pjan ta' ġestjoni, Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali (EIA), pjan tan-negozju, Ftehimiet Soċjali, u pjanijiet annwali operattivi.</li> <li>TSC: kuntratti ta' tliet snin mogħtija f'konformità mal-Istrateġija Nazzjonali tal-Ġestjoni tal-Foresti, ivalidati u jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Att dwar il-PPC u soġġetti għal pjanijiet annwali operazzjonali.</li> <li>F'xi każijiet iżolati, jista' jkun hemm każijiet fejn l-FUP jaqbeż ir-rekwiżiti antiċipati fuq skala żgħira u jiġi vvalidat formalment. F'xi istanzi l-LVD jista' jinħtieġ li jevalwa kwalunkwe rekwiżit ta' qabel il-ħsad li jista' jaderixxi ma' dan l-FUP.</li> <li>PUP: għall-użu kummerċjali kollu ta' riżorsi tal-foresti fuq art privata, operatur jista' jkun is-sid tal-art jew ikollu l-permess tas-sid tal-art u jżomm PUP validu maħruġ mill-FDA. Detentur ta' PUP ma jistax</li> </ol>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u> L-LVD irid jivverifika li r-rekwiżiti msemmija hawn fuq ġew sodisfatti permezz ta' konsultazzjoni mal-FDA u l-EPA inkluż id-Dipartimenti Kummerċjali u Komunitarji tal-Forestrija.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u> 38. 1. Konsultazzjoni mal-FDA u l-EPA 39. 2. L-analiżi tad-dokument 40. 3. spezzjoni fuq il-post</p>	<p>Kull sena (għal pjan operazzjonali);</p> <p>Kull ċiklu (pjan ta' ġestjoni)</p>

jibda t-twaqqigħ tas-siġar ħlief jekk ikollu ċertifikat annwali tal-ħsad u pjan annwali operazzjonali approvati.		
Referenzi: NFRL (4.5, 5.3,5.4, 5.6) Regolament 104-07 (62a); EPML (23) ; COCS SOP (9)		
<b>Indikatur 4.2 Id-detentur tal-kuntratt jew il-permess jikkonforma mat-termini tal-pjan annwali operazzjonali tiegħu u r-rekwiżiti tal-liġi fir-rigward tal-ispeċijiet u l-kwantitajiet li għandu l-permess li jaħsad.</b>		
<b>Verifikatur</b>	<b>Tip ta' Kuntratt jew Permess</b>	
4.2.1 <i>Blokk annwali approvati</i>	FMC	
4.2.2 <i>Kompartiment u coupe annwali</i>	Il-kuntratti kollha tal-foresti ħlief FMC	
4.2.3 <i>Verifika tad-dejta tas-siġar imwaqqgħin (SOP 11)</i>	It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi ħlief il-konċessjonijiet/pjantazzjonijiet agrikoli	
4.2.3 <i>Rapport ta' verifika ta' konformità annwali tal-FDA</i>	It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi ħlief il-konċessjonijiet/pjantazzjonijiet agrikoli	
<b>Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.4.3)</b>	<b>Metodu tal-Verifika</b>	<b>Frekwenza tal-Verifika</b>
<p><u>L-għan:</u> L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi żgurat li detentur tal-kuntratt jew il-permess jikkonforma mal-allokazzjonijiet u l-obbligi annwali tiegħu tal-ħsad kif approvat mill-FDA.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u></p> <ol style="list-style-type: none"> <li>1. Iċ-ċertifikat annwali approvat tal-ħsad jipprovi l-parametri li fihom irid jaħdem operatur partikolari, kif ukoll ir-rekwiżiti li jridu jiġu mħarsa, fi ħdan il-perjodu annwali speċifikat.</li> <li>2. L-FDA għandha żewġ mekkaniżmi operazzjonali ta' kontroll: <ol style="list-style-type: none"> <li>2.1. Monitoraġġ kontinwu fuq il-post, u</li> <li>2.2. Awditjar annwali ta' konformità mmexxija mill-FDA sabiex tiġi monitorjata, ivvalutata u żgurata l-konformità mal-kondizzjonijiet ta' FMC, TSC, FUP u/jew PUP uniku.</li> </ol> </li> </ol>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u> Dan ir-rekwiżit jiġi vverifikat fid-dettall mill-LVD. L-LVD irid jivverifika li r-rekwiżiti msemmija hawn fuq ġew sodisfatti permezz ta' konsultazzjoni mad-Dipartiment Kummerċjali tal-FDA.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u></p> <ol style="list-style-type: none"> <li>41. 1. Konsultazzjoni mad-Dipartiment Kummerċjali tal-FDA</li> <li>42. 2. Spezzjoni fuq il-post</li> </ol>	Kull sena
Referenzi: NFRL (3.2;3.4) & COCS SOP (7-11)		

## PRINĊIPJU 5: OBBLIGI AMBJENTALI

*Id-Detentur tal-Kuntratt u l-Proċessur tal-Injam issodisfaw l-obbligi ambjentali kollha meħtieġa mil-liġi*

**Indikatur 5.1** Id-detentur tal-Kuntratt jew il-permess u l-proċessur tal-injam temmew Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali li hija approvata mill-EPA.

Verifikatur	Tip ta' Kuntratt jew Permess	
5.1.1 <i>Ir-rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali imħejji minn jew għad-detentur tal-kuntratt jew il-proċessur tal-injam</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i>	
5.1.2 <i>l-Liċenzja tal-Impatt Ambjentali maħruġa mill-EPA lid-detentur tal-kuntratt jew il-proċessur tal-injam qabel il-bidu tal-operazzjonijiet tal-ħsad</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i>	
5.1.3 <i>Il-Permess tal-Impatt Ambjentali maħruġ mill-EPA lid-detentur tal-kuntratt jew il-proċessur tal-injam li jiddikjaral-kondizzjoni(jiet), jekk ikun hemm, tal-Liċenzja tal-Impatt Ambjentali elenkata bħala Verifikatur 5.1.2</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i>	
Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.5.1)	Metodu tal-Verifika	Frekwenza tal-Verifika
<p>L-għan:</p> <p>L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi vverifikat li r-rekwiżiti rilevanti jkunu ġew issodisfatti fir-rigward tal-proċess tal-applikazzjoni tal-EIA.</p> <p>Il-Kontroll Regulatorju:</p> <p>Liċenzja tal-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali (EIA) hija meħtieġa mil-Liġi tal-Protezzjoni u l-Ġestjoni Ambjentali (EPML) tal-2002 għal attivitajiet elenkati u/jew identifikati fl-Anness 1 għall-Att. Fir-rigward tal-attivitajiet tal-forestrija, dawn li ġejjin jeħtieġu EIA: (1) il-qtugħ tas-siġar u/jew l-ipproċessar tal-injam, (2) il-forestrija ta' pjantazzjoni. Flimkien mal-Liċenzja Ambjentali, l-EPA toħroġ Permess tal-Impatt Ambjentali li jiddikjara l-kondizzjonijiet li jiġu mal-Liċenzja u li d-detentur tal-liċenzja ambjentali jrid iħares.</p> <p>Qabel ma toħroġ il-liċenzja, l-FDA tipprovdi l-konsiderazzjoni meħtieġa u tagħti l-input tagħha fl-evalwazzjoni tal-</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u></p> <p>L-LVD irid jikkonferma mal-FDA u l-EPA li d-detentur tal-kuntratt jew il-permess għandu mhux biss liċenzja EI iżda anke permess EI li jindika bi speċifiċità l-kondizzjonijiet li d-detentur tal-liċenzja EI irid iħares.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u></p> <p>43. 1. Konsultazzjoni mal-EPA u l-FDA</p> <p>44. 2. L-analiżi tad-dokument</p>	<p>Darba matul il-validità tal-Liċenzja u l-Permess EI</p>

EPA.		
Referenzi: EPML (6,21-23); Reg (105-107) COCS SOP (9)		

<b>Indikatur 5.2</b> Id-detentur tal-kuntratt jew il-permess jew il-proċessur tal-injam jimplimenta l-miżuri ta' mitigazzjoni identifikati fl-EIA tiegħu kif indikat fil-permess EI		
<b>Verifikatur</b>	<b>Tip ta' Kuntratt jew Permess</b>	
5.2.1 <i>Ir-rapporti ta' monitoraġġ ambjentali tal-EPA</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i>	
5.2.2 <i>Ir-rapporti ta' spezzjoni tal-EIA tal-FDA</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i>	
<b>Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.5.2)</b>	<b>Metodu tal-Verifika</b>	<b>Frekwenza tal-Verifika</b>
<p><u>L-għan:</u></p> <p>L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi żgurat li kwalunkwe kondizzjoni u/jew miżura ta' mitigazzjoni identifikata u imposta mill-EPA tiġi implimentata mid-detentur tal-kuntratt jew il-permess jew il-proċessur tal-injam u li ma hemm l-ebda transgressjoni ambjentali inkonsistenti mal-permess EI.</p> <p>Il-Kontroll Regulatorju:</p> <p>Rekord ta' deċizzjoni u/jew awtorizzazzjoni ambjentali jrid jinħareġ lid-detentur tal-kuntratt jew il-permess qabel il-bidu tal-operazzjonijiet tal-qtugħ tas-siġar. L-EPA u l-FDA jimmonitorjaw il-konformità mal-kondizzjonijiet ta', u/jew il-miżuri ta' mitigazzjoni identifikati permezz ta' verifiki regolari u/jew fuq il-post. Id-detentur tal-liċenzja EIA għandu d-dmir li jissottometti notifikati lil EPA jekk ikun hemm bidla materjali fil-proġett jew l-attività li jista' jkollha impatt fuq l-ambjent. L-EPA tista' ddaħħal aktar azzjoni ta' infurzar fil-każ ta' nuqqasijiet ta' konformità.</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u></p> <p>L-LVD irid jikkonsulta, u jivverifika mad-Diviżjoni tal-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali tal-FDA, u d-Dipartiment tal-Monitoraġġ tal-EPA kif ukoll id-Dipartiment tal-Outstation u l-Ispettorati li d-detentur tal-kuntratt jikkonforma mal-kondizzjonijiet tal-permess EI.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u></p> <p>45. 1. Konsultazzjoni mal-EPA u l-FDA 46. 2. L-analiżi tad-dokument 47. 3. Spezzjonijiet fuq il-post</p>	Kull sena
Referenzi: EPML (24-27), EPAA		
<b>Indikatur 5.3</b> Id-detentur tal-kuntratt jew il-permess jew il-proċessur tal-injam ħeles mit-tagħmir, il-karburant, l-iskart tal-injam u skart relatat li jirriżulta mill-operazzjonijiet tiegħu f' manjiera legali u ambjentalment xierqa.		
<b>Verifikatur</b>	<b>Tip ta' Kuntratt jew Permess</b>	

5.3.1	<i>Ir-rapport tal-ispezzjoni tal-EPA</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i>	
5.3.2	<i>Ir-rapport annwali tal-awditjar tal-konformità tal-FDA</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i>	
<b>Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.5.3)</b>		<b>Metodu tal-Verifika</b>	<b>Frekwenza tal-Verifika</b>
<p><u>L-għan:</u> L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi żgurat li l-iskart kollu qed jiġi mormi b'mod legali f'manjiera ambjentalment xierqa.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u></p> <ol style="list-style-type: none"> <li>Evidenza ta' rekord ta' deċiżjoni u/jew liċenzja tal-impatt ambjentali pożittivi inħarġet lid-detentur tal-kuntratt qabel il-bidu tal-operazzjonijiet.</li> <li>L-EPA timmonitorja l-konformità mal-kondizzjonijiet ta', u/jew il-miżuri ta' mitigazzjoni identifikati.</li> <li>L-EPA tmexxi awditi regolari u/jew perjodiċi mal-proġetti li jista' jkollhom impatt jew effett detrimentali.</li> <li>L-EPA tista' ddaħħal azzjoni ta' infurzar fil-każ ta' nuqqas ta' konformità.</li> </ol>		<p><u>Id-deskrizzjoni:</u> L-LVD irid jikkonsulta, u jivverifika mad-<b>Dipartiment</b> Kummerċjali u d-Diviżjoni tal-Infurzar tal-Liġi tal-FDA. Barra minn hekk id-Dipartiment tal-Monitoraġġ tal-EPA kif ukoll id-Dipartiment tal-Outstation u l-Ispettor tal-EPA iridu jiġu kkonsultati.</p> <p>Informazzjoni addizzjonali tista' tinkiseb direttament mid-detentur tal-kuntratt jew il-permess u l-proċessuri tal-injam.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u> 48. 1. Konsultazzjoni mal-EPA 49. 2. L-analiżi tad-dokument 50. 3. Spezzjoni fuq il-post</p>	Kull sena
Referenzi: EPML (24-27), EPAA			
<b>Indikatur 5.4 Id-detentur tal-kuntratt żamm distanza adegwata bejn l-operazzjonijiet tal-ħsad tiegħu u l-passaġġi tal-ilma, u speċifikament ma waqqax siġar li jistgħu jheddu l-fluss jew l-istabilità tal-passaġġ(i) tal-ilma</b>			
<b>Verifikatur</b>		<b>Tip ta' Kuntratt jew Permess</b>	
5.4.1	<i>Ir-rapport tal-ispezzjoni tal-EPA</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i>	
5.4.2	<i>Ir-Rapport Annwali tal-Awditjar tal-Konformità tal-FDA</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i>	
<b>Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.5.4)</b>		<b>Metodu tal-Verifika</b>	<b>Frekwenza tal-Verifika</b>
<p><u>L-għan:</u> L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi żgurat li d-detentur tal-permess huwa f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti relatati mal-ġestjoni tal-ilma u l-prevenzjoni tat-tniġġiż tar-riżorsi tal-ilma.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u></p>		<p><u>Id-deskrizzjoni:</u> L-LVD irid jikkonsulta, u jivverifika mad-Dipartiment Kummerċjali u l-Unità tal-Infurzar tal-Liġi tal-FDA. Barra minn hekk id-Dipartiment tal-Monitoraġġ tal-</p>	

<p>L-għan huwa li tiġi żgurata konformità ġenerali fir-rigward tal-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma. F'dan ir-rigward, il-Kodiċi tal-Prattiċi tal-Ħsad (2007) tipprojbixxi l-qtugħ tas-siġar f'żoni protetti u passaġġi tal-ilma. Teħtieġ li strixxi adegwati ta' prevenzjoni u protezzjoni jinżammu bejn iż-żoni tal-ħsad u l-passaġġi tal-ilma...</p> <p>Fir-rigward tal-kejl tal-konformità, kemm l-EPA kif ukoll l-FDA għandhom il-kompitu ta' spezzjonijiet ta' rutina u awditi ta' konformità li l-LVD se jirrevedi sabiex jiddetermina l-konformità tad-detentur tal-kuntratt jew il-permess.</p>	<p>EPA kif ukoll id-Dipartiment tal-Outstation u l-Ispettor tal-EPA iridu jiġu kkonsultati. Informazzjoni addizzjonali tista' tinkiseb direttament mid-Detentur tal-Kuntratt u/jew il-proċessur tal-injam.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u></p> <p>51. 1. Konsultazzjoni mal-FDA u l-EPA. 52. 2. L-analiżi tad-dokument 53. 3. Spezzjonijiet fuq il-post</p>	<p>Kull sena</p>
<p>Referenzi: EPML ( parts IV &amp; V ), il-Kodiċi tal-Prattiċi tal-Ħsad (3.1; 3.2; 4 et al)</p>		
<p><b>Indikatur 5.5 Id-detentur tal-Kuntratt jew il-permess għandu fis-seħħ proċedura(i) sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli li jirrigwardjaw il-konservazzjoni tal-ħajja selvaġġa, u (ii) jiġi evitat il-ħsad jew il-kummerċ fi speċijiet tal-pjanti u l-animali pperikolati jew mhedda.</b></p>		
<p><b>Verifikatur</b></p>	<p><b>Tip ta' Kuntratt jew Permess</b></p>	
<p>5.5.1 <i>Ir-rapport tal-ispezzjoni tal-EPA</i></p>	<p><i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i></p>	
<p>5.5.2 <i>Ir-Rapport Annwali tal-Awditjar tal-Konformità tal-FDA</i></p>	<p><i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i></p>	
<p><b>Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.5.3)</b></p>	<p><b>Metodu tal-Verifika</b></p>	<p><b>Frekwenza tal-Verifika</b></p>
<p><u>L-għan:</u></p> <p>L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi żgurat li d-detentur tal-kuntratt jew il-permess huwa f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Taqsimijiet 9.11(v) li jirrikjedu "liċenzji u ċertifikati tal-kaċċa u l-kummerċ f'animali selvaġġi" u d-dispożizzjonijiet ta' 9.12(i) tal-NFRL li jipprojbixxu l-kaċċa, il-qbid jew il-kummerċ fi speċijiet ipperikolati.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u></p> <p>L-għan huwa li tiġi żgurata l-konformità mar-reqwiziti tat-Taqsima 9.11 tal-NFRL fir-rigward tal-konservazzjoni, il-ġestjoni u l-kontroll tal-użu tal-ħajja selvaġġa kif ukoll il-projbizzjoni tat-Taqsima 9.12 li l-ebda persuna m'għandha taqbad, taħsad jew tikkumerċjalizza kwalunkwe speċi li l-FDA iddenominat bħala mhedda jew ipperikolata.</p> <p>Fir-rigward tal-kejl tal-konformità, kemm l-EPA kif ukoll l-FDA għandhom il-kompitu ta' spezzjonijiet ta' rutina u awditi ta' konformità sabiex jivverifikaw li huma fis-seħħ proċeduri adegwati u li ma hemm l-ebda evidenza ta' hsdad jew kummerċ illegali.</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u></p> <p>L-LVD irid jikkonsulta, u jivverifika mad-Dipartiment Kummerċjali u d-Diviżjoni tal-Infurzar tal-Liġi tal-FDA. Barra minn hekk id-Dipartiment tal-Monitoraġġ tal-EPA kif ukoll id-Dipartiment tal-Outstation u l-Ispettor tal-EPA iridu jiġu kkonsultati.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u></p> <p>54. 1. Konsultazzjoni mal-EPA u l-FDA 55. 2. L-analiżi tad-dokument 56. 3. Spezzjonijiet fuq il-post</p>	<p>Kull sena</p>



Referenzi: Taqsimiet 9.11 u 9.12 tal- NFRL; EPML (partijiet IV & V), il-Kodiċi tal-Prattiċi tal-Ħsad (3.1;3.2 et al)

## PRINĊIPJU 6: TRASPORTAZZJONI U TRAĊĊABBILTÀ TAL-INJAM

*Id-detentur tal-Kuntratt jew il-permess jew il-proċessur tal-injam jissodisfa l-obbligi kollha meħtieġa mil-liġi għat-trasportazzjoni u t-traċċabbiltà tal-injam u/jew prodotti tal-injam.*

**Indikatur 6.1** It-trasportazzjoni taz-zkuk, l-injam u prodotti oħra tal-injam hija akkompanjata minn polza tat-tagħbija li tidentifika numri/referenzi tal-katina tal-kustodja u destinazzjoni msemmija

Verifikatur	Tip ta' Kuntratt jew Permess	
6.1.1 Polza tat-tagħbija kompluta li tindika l-post tal-ħsad, in-numri tal-identifikazzjoni tal-katina tal-kustodja, id-data u l-post fejn . ġew mgħobbija z-zkuk u d-destinazzjoni	It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi	
6.1.2 Polza tat-tagħbija kompluta għal zkuk jew prodotti tal-injam importati li tindika l-pajjiż tal-ħsad, in-numru tal-identifikazzjoni tal-katina tal-kustodja, id-data u l-post fejn ġew mgħobbija z-zkuk u d-destinazzjoni.	Permess ta' injam importat	
Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.6.1)	Metodu tal-Verifika	Frekwenza tal-Verifika
<p><u>L-għan:</u> L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi żgurat li detentur ta' kuntratt jew proċessur huwa f'konformità mar-rekwiżiti statutorji rilevanti li jappartjenu għat-trasport taz-zkuk, l-injam u prodotti tal-injam.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u> It-trasport taz-zkuk, l-injam u prodotti tal-injam lejn faċilità tal-ipproċessar jew port huwa soġġett għat-tlestija ta' polza tat-tagħbija li trid takkompanja t-tagħbija. It-trasportaturi irid ikollhom fil-pussess tagħhom reġistrazzjoni valida tat-trasportatur maħruġa mill-FDA. Il-proċeduri dettaljati se jiġu żviluppati matul l-ewwel sentejn tal-implimentazzjoni tal-VPA sabiex tiġi ggwidata l-inkorporazzjoni tal-injam importat fis-COCS.</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u> L-LVD irid jikkonferma li r-rekwiżiti relatati mat-trasport tal-prodotti tal-injam ikunu ġew sodisfatti permezz tal-konferma ta' kontroll fis-Sistema tal-Infurmazzjoni tal-Katina tal-Kustodja (COCIS) (li tgħaqqad il- polza tat-tagħbija u l-bar codes).</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u> 57. 1. Konferma mas-COCIS 58. 2. Spezzjoni fuq il-post</p>	Kull konsenja jew tagħbija
Referenzi: COCS SOP (13-17, 19 & 20)		

<b>Indikatur 6.2 Iz-zkuk kollha jiġu mmarkati kif suppost u jiddaħħlu fis-sistema tal-katina tal-kustodja skont il-proċeduri standard tal-operat tal-FDA</b>		
<b>Verifikatur</b>	<b>Tip ta' Kuntratt jew Permess</b>	
6.2.1 <i>Formola tad-dejta taz-zokk (SOP 13)</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i>	
6.2.2 <i>Formola ta' verifika tad-dejta taz-zokk (SOP 14)</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i>	
6.2.3 <i>Il-polza tat-tagħbija għat-trasportazzjoni ta' zkuk u prodotti tal-injam (SOP 16)</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i>	
<b>Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.6.2)</b>	<b>Metodu tal-Verifika</b>	<b>Frekwenza tal-Verifika</b>
<p><u>L-għan:</u> L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi vverifikat li detentur tal-kuntratt jew il-permess huwa f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti tas-COCS u li z-zkuk kollha jiġu integrati fis-COCS.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u> Bħala parti mis-COCS u f'konformità mal-Għaxar Regolamenti Ewlenin, diversi proċeduri operazzjonali standard u dokumenti ta' kontroll operazzjonali ġew żviluppati li qed jiġu kkontrollati mis-COCS/FDA. . .</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u> L-LVD jivverifika li d-detentur tal-Kuntratt jew il-permess ikun ikkonforma mar-rekwiżiti tas-COCS billi jikkonsulta mal-FDA u jirrevedi d-dejta taz-zokk fis-COCIS.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u> 59. 1. Konsultazzjoni mad-Dipartiment Kummerċjali tal-FDA 60. 2. Konferma fis-COCIS.</p>	Kull konsenja jew tagħbija
Referenzi: COCS SOP (13-17, 19 u 20)		
<b>Indikatur 6.3 Iz-zkuk, l-injam u l-prodotti tal-injam kollha maħsuda jew ittrasportati mid-detentur tal-kuntratt jew il-permess joriġinaw miż-żona tal-konċessjoni tad-detentur tal-kuntratt jew il-permess</b>		
<b>Verifikatur</b>	<b>Tip ta' Kuntratt jew Permess</b>	
6.3.1 <i>Formola tad-dejta taz-zokk (SOP 13)</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i>	
6.3.2 <i>Formola standard 14 (verifika ta' qtugħ trasversali, it-tlibbis u fatturazzjoni għad-dritt għall-qtugħ)</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i>	
6.3.3 <i>Awditjar annwali ta' konformità tal-FDA</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i>	
<b>Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.6.3)</b>	<b>Metodu tal-Verifika</b>	<b>Frekwenza tal-Verifika</b>
<u>L-għan:</u>	<u>Id-deskrizzjoni:</u>	

<p>L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi vverifikat li kull detentur tal-kuntratt jew il-permess jaħsad u jittrasporta injam jew prodotti tal-injam miż-żona ta' kuntratt/liċenzja approvata tiegħu biss.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u></p> <p>L-Għaxar Regolamenti Ewlenin tal-FDA jirrikjedu li l-injam jew il-prodotti tal-injam kollha jiġu maħsuda minn żona tal-foresta liċenzjata biss u f'konformità mal-liċenzja msemmija.</p>	<p>L-LVD jivverifika dan ir-rekwiżit billi jikseb konferma mir-reviżjoni tal-formoli standard rilevanti u r-Rapport tal-Verifika tal-Konformità tal-FDA.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u></p> <ol style="list-style-type: none"> <li>1. Konsultazzjoni mad-Dipartiment Kummerċjali tal-FDA</li> <li>2. Spezzjonijiet fuq il-post</li> </ol>	<p>Kull konsenja jew tagħbija</p>
<p>Referenzi: COCS SOP (13-15)</p>		
<p><b>Indikatur 6.4 Iz-zkuk, l-injam, jew il-prodotti tal-injam kollha importati (mhux fi tranżitu) fil-Liberja ikkonformaw mal-leġiżlazzjoni u r-regolamenti applikabbli tal-pajjiż tal-ħsad.</b></p>		
<p><b>Verifikatur</b></p>	<p><b>Tip ta' Kuntratt jew Permess</b></p>	
<p>6.4.1 Evidenza ta' konformità legali mal-liġijiet tal-pajjiż tal-ħsad</p>	<p>Permess ta' injam importat</p>	
<p><b>Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.6.4)</b></p>	<p><b>Metodu tal-Verifika</b></p>	<p><b>Frekwenza tal-Verifika</b></p>
<p><u>L-għan:</u></p> <p>L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi vverifikat li z-zkuk u l-prodotti tal-injam importati fil-Liberja jiġu minn sorsi legali u huma wkoll ikklirjati mid-dwana skont il-leġiżlazzjoni Liberjana.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u></p> <p>Ir-rekwiżit ewlieni tal-liġi Liberjana huwa li l-injam kollu maħsud jew importat fil-pajjiż jiġi minn sorsi legali. Il-legalità tal-injam fil-pajjiż tal-ħsad tista' tintwera permezz ta' ċertifikat maħruġ taħt skema ta' ċertifikazzjoni ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti jew skema tal-verifikazzjoni tal-legalità li jkunu ġew iġvalutati u approvati mill-Gvern tal-Liberja f'konsultazzjoni mal-gvernijiet ikkonċernati. L-injam importat ikkontrollat minn LAS ta' pajjiż ieħor tal-VPA li għandu skema tal-liċenzji FLEGT operazzjonali se jiġi kkunsidrat legali fl-LAS Liberjan</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u></p> <p>L-LVD irid jivverifika li l-injam importat fil-Liberja huwa legali taħt il-liġijiet tal-pajjiż tal-ħsad. F'dan ir-rigward, il-verifika tirrikjedi r-reviżjoni tad-dokument li juri l-legalità tal-injam fil-pajjiż tal-ħsad.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u></p> <ol style="list-style-type: none"> <li>61. 1. Konsultazzjoni mal-COCS u d-Dipartiment Kummerċjali tal-FDA</li> <li>62. 2. L-analiżi tad-dokument</li> </ol>	<p>Kull konsenja ta' importazzjoni</p>
<p>Referenzi: Regolament 108-07 (44(d))</p>		
<p><b>Indikatur 6.5 Iz-zkuk jew il-prodotti tal-injam kollha fi tranżitu huma (i) segregati fiżikament minn injam domestiku jew importat, u (ii) ikkontrollati mid-dwana fil-ħinijiet kollha waqt li jkunu fil-Liberja</b></p>		

Verifikatur	Tip ta' Kuntratt jew Permess	
6.5.1. <i>Dokumenti doganali mill-pajjiż tal-ħsad</i>	<i>Injam fi tranżitu</i>	
6.5.2. <i>Polza tat-tagħbija kompluta li tindika l-pajjiż tal-ħsad u l-pajjiż tal-esportazzjoni</i>	<i>Injam fi tranżitu</i>	
Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.6.5)	Metodu tal-Verifika	Frekwenza tal-Verifika
<p><u>L-għan:</u> L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi vverifikat li z-zkuk u l-prodotti tal-injam fi tranżitu fil-Liberja mhumiex integrati fis-sistema tal-katina tal-kustodja jew imħallta ma' injam maħsud domestikament jew importat.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u> Rekwiżit regulatorju ewlieni, li huwa wkoll pedament tal-LAS huwa li injam fi tranżitu ma jiġix integrat fis-COCS u li fil-punt tal-esportazzjoni ma jiġix soġġett għall-ħruġ ta' Liċenzja FLEGT Liberjana. Huwa meħtieġ li l-pajjiż tal-ħsad jiġi artikolat b'mod ċar fil-polza tat-tagħbija, id-dokumenti doganali u dokumenti oħra ta' trasport.</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u> L-LVD irid jivverifika li l-prodotti tal-Injam fi tranżitu huma jew kienu fil-ħinijiet kollha segregati fiżikament minn zkuk u prodotti tal-injam importati u domestiċi u taħt il-kontroll tal-Uffiċċju tad-Dwana.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u> 63. 1. Konsultazzjoni ma' MOF, Uffiċċju tad-Dwana</p>	Kull unità ta' trasport
Referenzi: Regolament 108-07 (44(a)-(c))		
<b>Indikatur 6.6 L-FDA ikkonformat mar-rekwiżiti legali għal (i) qbid u jew (ii) l-irkant ta' zkuk abbandunati kull fejn jinstantu.</b>		
Verifikatur	Tip ta' Kuntratt jew Permess	
6.6.1 <i>Il-petizzjoni tal-FDA lill-Qorti tal-ġurisdizzjoni kompetenti għall-qbid u d-digriet tal-Qorti li jawtorizza l-qbid</i>	<b>FMC, TSC u FUP</b>	
6.6.2 <i>Il-petizzjoni tal-FDA lill-Qorti tal-ġurisdizzjoni kompetenti għall-irkant u d-Digriet tal-Qorti tal-Irkant</i>	<i>FMC, TSC, u FUP</i>	
6.6.3 <i>Iċ-Ċertifikat tal-Irkant</i>	<i>FMC, TSC, u FUP</i>	
6.6.4 <i>Ittra jew dikjarazzjoni li tivverifika l-offerent rebbieħ.</i>	<i>FMC, TSC, u FUP</i>	
6.6.5 <i>Ir-Reġistrazzjoni ta' zkuk abbandunati (SOP 37)</i>	<i>FMC, TSC, u FUP</i>	
Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.6.6)	Metodu tal-Verifika	Frekwenza tal-Verifika
<p><u>L-għan:</u> L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi vverifikat li kwalunwke zokk u prodott tal-injam abbandunat li jinstant ikun ikkonfiskat u jiġi rkantat f'konformità mal-proċeduri stabbiliti mil-liġi. Il-qbid u l-irkant legali ta' zkuk abbandunati jistabbilixxi mill-ġdid il-legalità tagħhom.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u></p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u> L-LVD irid jivverifika li ġew sodisfatti r-rekwiżiti msemmija hawn fuq permezz ta' konsultazzjoni ma' u verifika tad-dokumenti rilevanti mad-Dipartiment Kummerċjali tal-FDA.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u></p>	Kull darba li z-zkuk abbandunati jiddaħħlu fis-

<p>Mal-iskoperta ta' zkkuk abbandunati, l-FDA għandha tagħmel petizzjoni fil-qorti fil-pajjiż speċifiku fejn instabu z-zkkuk għall-awtorizzazzjoni sabiex jikkonfiskaw u jirkantaw iz-zkkuk. Jekk il-Qorti hija sodisfatta li hemm raġuni legali adegwata sabiex tingħata l-petizzjoni, se tawtorizza l-konfiska u l-irkant konsegwenti u dan kollu se jitwettaq taħt is-sorveljanza tagħha.</p>	<p>64. 1. Konsultazzjoni mad-Dipartiment Kummerċjali tal-FDA 65. 2. L-analiżi tad-dokument</p>	<p>COCS</p>
<p>Referenzi: Regolament 108-07(51(d)&amp;(e))</p>		

## PRINĊIPJU 7: IT-TRASFORMAZZJONI U L-IPPROĊESSAR TAL-INJAM

*Il-proċessuri tal-injam ikkonformaw mal-liġijiet u r-regolamenti L Iberjani rilevanti*

**Indikatur 7.1** Proċessur tal-injam applika għal u kiseb il-permess meħtieġ tal-istabbiliment fejn jisserraw l-injam (jew permess ta' operatur tal-Klassi A, B jew C) wara pagament ta' miżati meħtieġa u qabel il-bidu tal-operazzjonijiet tiegħu

Verifikatur	Tip ta' Kuntratt jew Permess	
7.1.1 L-applikazzjoni tal-proċessur għall-permess tal-istabbiliment fejn jisserraw l-injam	Il-permess tal-istabbiliment fejn jisserraw l-injam	
7.1.2 Il-pagament ta' miżati inizjali annwali ta' reġistrazzjoni tal-istabbiliment fejn jisserraw l-injam li kien jeżisti qabel il-permess tal-istabbiliment fejn jisserraw l-injam	Il-permess tal-istabbiliment fejn jisserraw l-injam	
7.1.3 Pjan ambjentali approvat mill- EPA	Il-permess tal-istabbiliment fejn jisserraw l-injam	
7.1.4 Il-permess tal-istabbiliment fejn jisserraw l-injam maħruġ mill- FDA lill-operatur	Il-permess tal-istabbiliment fejn jisserraw l-injam	
Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.7.1)	Metodu tal-Verifika	Frekwenza tal-Verifika
<p><u>L-għan:</u> L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi vverifikat li l-proċessur tal-injam ikun kiseb il-permess meħtieġ qabel il-bidu tal-operazzjonijiet.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u> Il-proċessuri tal-injam jinħtieġu li jiksbu permess tal-istabbiliment fejn jisserraw l-injam qabel il-bidu tal-operazzjonijiet. Applikazzjonijiet għall-permessi jiġu sottomessi lill-FDA u jekk jiġu sodisfatti r-rekwiżti, l-FDA se toħroġ il-permessi rilevanti (Klassi A, B jew C). Barra minn hekk, l-EPA trid tapprova pjan ambjentali għall-operazzjonijiet tal-istabbiliment fejn jisserraw l-injam.</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u> L-LVD irid jivverifika li kull proċessur tal-injam għandu permess tal-istabbiliment fejn jisserraw l-injam. Il-verifika se tkun permezz ta' konsultazzjoni mad-Dipartiment Kummerċjali tal-FDA.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u> 66. 1. Konsultazzjoni mad-Dipartiment Kummerċjali tal-FDA 67. 2. L-analiżi tad-dokument 68. 3. Spezzjoni fuq il-post</p>	Kull sena
Referenzi: Regolament 107-07 (46); COCS SOP (26)		

<b>Indikatur 7.2 Iz-zkuk kollha maħsuda fil-Liberja u z-zkuk importati minn pajjiżi terzi għall-ipproċessar jiġu akkompanjati minn numri tal-identifikazzjoni tal-katina tal-kustodja tagħhom. .</b>		
<b>Verifikatur</b>	<b>Tip ta' Kuntratt jew Permess</b>	
7.2.1 <i>Ir-rapport tal-ħruġ tal-bar code SOP 7</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi, inklużi z-zkuk u l-prodotti tal-injam importati</i>	
7.2.2 <i>Il-verifika taz-zkuk u l-prodotti tal-injam trasportati (SOP 17)</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi, inklużi z-zkuk u l-prodotti tal-injam importati</i>	
7.2.3 <i>Ir-rapport tar-reġistrazzjoni tal-injam isserrat (SOP 15)</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi, inklużi z-zkuk u l-prodotti tal-injam importati</i>	
<b>Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.7.2)</b>	<b>Metodu tal-Verifika</b>	<b>Frekwenza tal-Verifika</b>
<p><u>L-għan:</u> L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi vverifikat li z-zkuk kollha li jidħlu ġo faċilitajiet tal-ipproċessar jiġu dokumentati sew u l-orijini legali tiġi vverifikata.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u> Huwa rekwiżit ewlieni tal-liġi Liberjana li l-faċilitajiet kollha tal-ipproċessar għandhom fis-seħħ sistemi effettivi ta' kontroll u jakkwistaw biss zkuk maħsuda legalment li huma fis-COCS.</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u> L-LVD irid jivverifika li z-zkuk kollha li jidħlu f'faċilitajiet tal-ipproċessar jiddaħħlu fis-COCS. Jekk tinħtieġ aktar kjarifika, id-Dipartiment Kummerċjali tal-FDA jista' jiġi kkonsultat.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u> 69. 1. Konsultazzjoni mad-Dipartiment Kummerċjali tal-FDA u s-COCS 70. 2. Konferma fis-COCIS 71. 3. Spezzjoni fuq il-post</p>	Kull konsenja jew tagħbija
Referenzi: COCS SOP (15, 19 &20)		
<b>Indikatur 7.3 Il-proċessur tal-injam għandu fis-seħħ sistema tal-irrekordjar ta' prodotti tal-injam permezz tal-istabbiliment jew l-attività tal-ipproċessar sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tagħhom</b>		
<b>Verifikatur</b>	<b>Tip ta' Kuntratt jew Permess</b>	
7.3.1 <i>Ir-rapport tal-verifika tal-qtuġħ tas-siġar</i>	<i>Il-permess tal-istabbiliment fejn jisserraw l-injam</i>	
7.3.2 <i>Ir-rapport tal-produzzjoni</i>	<i>Il-permess tal-istabbiliment fejn jisserraw l-injam</i>	
7.3.3 <i>Il-formola tad-dħul taz-zkuk fl-istabbiliment fejn jisserraw l-injam u l-formola tal-produzzjoni tal-</i>	<i>Il-permess tal-istabbiliment fejn jisserraw l-injam</i>	



<i>istabbiliment fejn jisserraw l-injam (SOPs 31 u 32)</i>		
<b>Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.7.3)</b>	<b>Metodu tal-Verifika</b>	<b>Frekwenza tal-Verifika</b>
<p><u>L-għan:</u> L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi żgurat li t-traċċabbiltà qed tinżamm matul l-ipproċessar li se jivverifika li l-prodotti tal-injam li joriġinaw minn faċilità tal-ipproċessar jistgħu jiġu marbuta ma' sors ta' orijini legali verifikabbli.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u> L-FDA tirrikjedi li jkunu fis-seħħ miżuri adegwati sabiex jiġi żgurat li l-prodotti jiddaħħlu kif mistħoqq fis-COCS u jistgħu jiġu ttraċċati permezz tal-katina tal-ipproċessar.</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u> L-LVD irid jivverifika li r-rekwiżiti ġew sodisfatti permezz ta' konferma ta' COCS effettiva fil-faċilità tal-ipproċessar. Jekk tinħtieġ aktar kjarifika, id-Dipartiment Kummerċjali tal-FDA jista' jiġi kkonsultat.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u> 72. 1. Spezzjonijiet fuq il-post 73. 2. Konsultazzjoni mad-Dipartiment Kummerċjali tal-FDA</p>	<p>Kull konsenja jew tagħbija</p>
Referenzi: NFRL 13.5; COCS SOP (15)		

## PRINĊIPJU 8: ID-DRITTIJET, IS-SAĦĦA, IS-SIKUREZZA U L-BENESSRI TAL-ĦADDIEMA

*Id-detentur tal-kuntratt/il-permess jew il-proċessur tal-injam jissodisfa l-obbligi tiegħu taħt il-Liġi tax-Xogħol u kwalunkwe ftehim ta' negozjati kollettivi tal-industrija tal-injam*

**Indikatur 8.1** Ċittadini nazzjonali Liberjani jingħataw preferenza minn detenturi tal-kuntratt/il-permess u proċessuri tal-injam fl-impjieg ta' ħaddiema b'ħiliet jew mingħajr ħiliet f'konformità mal-Liġi Liberjana tax-Xogħol

Verifikatur	Tip ta' Kuntratt jew Permess	
8.1.1 <i>Rekords ta' impjegi jew rapporti ta' kull tliet xhur sottomessi li jagħtu evidenza ta' impjieg lokali u preferenza lil ħaddiema Liberjani</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i>	
8.1.2 <i>Rapport ta' kull tliet xhur sottomess mid-detentur tal-kuntratt jew l-ipproċessur tal-injam lill-Ministeru tax-Xogħol</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i>	
8.1.3 <i>Ir-rekords tal-impjegi, inkluż ir-reġistru jew impjegati flimkien man-nazzjonalitajiet tagħhom</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i>	
8.1.4 <i>Attestazzjoni ta' konformità maħruġa mill-Ministeru tax-Xogħol favur id-detentur tal-kuntratt jew il-proċessur tal-injam</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i>	
Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.8.1)	Metodu tal-Verifika	Frekwenza tal-Verifika
<p><u>L-għan:</u> L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi vverifikat li persuni impjegati mid-detentur tal-kuntratt u/ jew il-proċessur tal-injam ġew impjegati skont ir-rekwiżiti Leġiżlattivi.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u> L-aspetti kollha tal-impjieg jiġu rregolati mill-Liġi Liberjana tax-Xogħol (LLL). Dawn il-liġijiet jirrikjedu li ċittadini nazzjonali Liberjani biss huma ppreferuti fid-deċiżjonijiet kollha tal-impjieg, u li ċittadin nazzjonali li mhuwiex Liberjan jista' jiġi impjegat biss jekk jintwera li l-ebda ċittadin nazzjonali Liberjan ma huwa kompetenti u disponibbli sabiex jimla kariga li tehtiegħ hilit speċjalizzati. Aġenti u/jew spetturi tax-xogħol jimmonitorjaw, jimplimentaw u jevalwaw il-konformità mar-rekwiżiti leġiżlattivi relatati mar-reklutaġġ ta' impjegati, kondizzjonijiet tax-xogħol, eċċ.</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u> L-iskop ta' dan l-indikatur mhuwiex li jiġu evalwati aspetti speċifiċi tal-impjieg (li huma ttrattati x'imkien ieħor) iżda li tiġi vverifikata l-konformità ġenerali mal-liġi dwar l-impjieg ippreferut tal-Liberjani. L-LVD jeħtieġ li jagħmel kontro-kontroll u/jew jivverifika l-konformità mat-Taqsima tal-Impjegi tal-MOL u anke mat-Taqsima tal-Ispettorat tax-Xogħol.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u> 74. 1. Konsultazzjoni mal-MOL 75. 2. L-analiżi tad-dokument</p>	Kull konsenja

Referenzi: LLL (54 sa 60,75, 1503) il-Kodiċi tal-Prattiċi tal-Ħsad (12.2)		
<b>Indikatur 8.2 Id-detentur tal-kuntratt/il-permess jew il-proċessur tal-injam iħallas l-impjegati tiegħu mhux inqas mill-paga minima stabbilita mil-Liġi</b>		
<b>Verifikatur</b>	<b>Tip ta' Kuntratt jew Permess</b>	
8.2.1 <i>Paga minima ppubblikata</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i>	
8.2.2 <i>Il-ħlas ta' pagi</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i>	
8.2.3 <i>Rapporti annwali ta' spezzjoni u/jew ittra ta' konformità</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i>	
8.2.4 <i>Karti tas-salarju(payslips) tal-ħaddiema</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i>	
<b>Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.8.2)</b>	<b>Metodu tal-Verifika</b>	<b>Frekwenza tal-Verifika</b>
<p><u>L-għan:</u> L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi vverifikat jekk l-impjegati jirċievux pagi ġusti kif provdut mil-Liġi</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u> L-impjegati kollha huma intitolati li jirċievu paga adegwata li ma tridx tkun taħt il-paga minima preskritta. Flimkien ma' dan id-dover li jitpoġġa fuq min iħaddem, l-ispetturi tax-xogħol se jinvestigaw ukoll il-konformità. Barra minn hekk, l-impjegati għandhom ikunu konxju minn dan ir-rekwiżit. Il-paga minima tiġi stabbilita minn żmien għal żmien minn Bord tal-paga minima u kkomunikata kif mistħoqq malli tiġi stabbilita.</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u> L-LVD jeħtieġ jagħmel kontro-kontroll u/jew jivverifika li jitħallsu pagi ġusti billi jikkollabora mat-Taqsima tal-Ispettorat tax-Xogħol tal-MOL.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u> 76. 1. Konsultazzjoni mal-MOL 77. 2. L-analiżi tad-dokument</p>	Kull konsenja
Referenzi: LLL(500-513) il-Kodiċi tal-Prattiċi tal-Ħsad (12.2)		
<b>Indikatur 8.3 Id-detentur tal-kuntratt/il-permess jew il-proċessur tal-injam jikkonforma ma' sigħat massimi tax-xogħol, il-leave u perjodi ta' mistrieħ stabbiliti mil-liġi</b>		
<b>Verifikatur</b>	<b>Tip ta' Kuntratt jew Permess</b>	
8.3.1 <i>Skeda ta' sigħat tax-xogħol</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i>	
8.3.2 <i>Rekords tal-leave</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i>	
8.3.3 <i>ħlas tas-sahra</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i>	
<b>Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.8.3)</b>	<b>Metodu tal-Verifika</b>	<b>Frekwenza tal-Verifika</b>
<p><u>L-għan:</u> L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi vverifikat jekk is-sigħat tax-xogħol tal-impjegati jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet ta' LLL</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u> L-LVD jeħtieġ li jagħmel kontro-kontroll u/jew jivverifika li s-sigħat tax-xogħol preskritti jiġu</p>	

<p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u></p> <p>Il-Liġi tipprovdi għas-sigħat massimi tax-xogħol kull ġurnata (8 sigħat) jew kull ġimgħa (48 siegħa). Ċerti varjazzjonijiet jeżistu fir-rigward ta' ċerti attivitajiet u anke xogħol staġjonali. Flimkien mas-sigħat massimi preskritti, LLL jipprovdi għas-sahra ta' 50% 'l fuq mir-rata normali fejn jinqabżu dawn is-sigħat. LLL jipprovdi wkoll għal siegħa mistrieħ fejn jinqabżu l-ħames sigħat, din is-siegħa tiġi inkluża fis-sigħat tax-xogħol Barra minn hekk, rekwiżiti speċifiċi tal-leave huwa provdut għalihom.</p>	<p>mħarsa billi jikkollabora mat-Taqsima tal-Ispettorat tax-Xogħol tal-MOL.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u></p> <p>78. 1. Konsultazzjoni mal-MOL 79. 2. L-analiżi tad-dokument 80. 3. Spezzjoni fuq il-post</p>	<p>Kull sena</p>
<p>Referenzi: LLL (700-706,906)</p>		
<p><b>Indikatur 8.4 Id-detentur tal-kuntratt/il-permess jew il-proċessur tal-injam la impjega lil xi ħadd taħt l-età tas-sittax-il sena u lanqas ma nvolva ruħu fil-prattika tax-xogħol furzat</b></p>		
<p><b>Verifikatur</b></p>	<p><b>Tip ta' Kuntratt jew Permess</b></p>	
<p>8.4.1 <i>Rapporti kull tliet xhur sottomessi lill-Ministeru tax-Xogħol</i></p>	<p><i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i></p>	
<p>8.4.2 <i>Rapport tal-ispezzjoni tal-Ministeru tax-Xogħol</i></p>	<p><i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i></p>	
<p><b>Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.8.4)</b></p> <p><u>L-għan:</u></p> <p>L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi vverifikat jekk l-età minima tal-impjeg (u l-projbizzjoni fuq ix-xogħol furzat) hijiex qed tiġi mħarsa.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u></p> <p>It-Taqsima 74 tal-liġi tax-Xogħol tgħid li “għandu jkun illegali li kwalunkwe persuna timpjega lil kwalunkwe tifel/tifla taħt l-età tas-sittax-il sena matul il-ħinijiet li jinħtieġ li jkun l-iskola”. Il-Kostituzzjoni tal-Liberja u l-LLL jipprojbixxu wkoll ix-xogħol furzat</p>	<p><b>Metodu tal-Verifika</b></p> <p><u>Id-deskrizzjoni:</u></p> <p>L-LVD jeħtieġ li jagħmel kontro-kontroll u/jew jivverifika li l-età minima qed tiġi rrispettata billi jikkollabora mat-Taqsima tal-Ispettorat tax-Xogħol tal-MOL.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u></p> <p>81. 1. Konsultazzjoni mal-Ministeru tax-Xogħol 82. 2. L-analiżi tad-dokument 83. 3. Spezzjoni fuq il-post</p>	<p><b>Frekwenza tal-Verifika</b></p> <p>Kull sena</p>
<p>Referenzi: LLL (74)</p>		
<p><b>Indikatur 8.5 Id-detentur tal-kuntratt/il-permess jew il-proċessur iħallas il-kontribuzzjonijiet (ta' min iħaddem) lill-pensjoni tal-impjegat u l-fondi tas-sigurtà soċjali stabbiliti mil-Liġi Liberjana.</b></p>		

Verifikatur		Tip ta' Kuntratt jew Permess	
8.5.1	Rapport kull tliet xhur sottomess lill-Ministeru tax-Xogħol	It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi	
8.5.2	Rapporti ta' spezzjoni tal-Ministeru tax-Xogħol	It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi	
8.5.3	Attestazzjoni mill-Korporazzjoni Nazzjonali tas-Sigurtà Soċjali u l-Benessri (NSSWC)	It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi	
Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.8.5)		Metodu tal-Verifika	Frekwenza tal-Verifika
<p><u>L-għan:</u> L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi vverifikat jekk min iħaddem jissodisfax l-obbligi tiegħu fir-rigward tal-pensjoni tal-irtirar u l-pensjoni tas-sigurtà soċjali.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u> LLL u l-Liġi Nazzjonali tas-Sigurtà Soċjali (NSSL) ipoġġu obbligu fuq min iħaddem sabiex jikkontribwixxi għal żewġ skemi stabbiliti u operati mill-Korporazzjoni tas-Sigurtà Soċjali u l-Benessri tal-Liberja għall-iskop tal-protezzjoni tal-impjegati. L-ewwel skema hija l-Iskema tal-Pensjoni tal-Irtirar filwaqt li t-tieni hija skema ta' assigurazzjoni. Kull min iħaddem li għandu ħames impjegati jew aktar irid jikkontribwixxi għal dawn l-iskemi; l-iskema tas-sigurtà soċjali għandha ttiprovdi għal pagamenti tal-pensjoni għal impjegati li jkunu rtiraw filwaqt li l-iskema tal-assigurazzjoni għandha tindirizza kwistjoni ta' korrimenti fuq ix-xogħol.</p>		<p><u>Id-deskrizzjoni:</u> L-LVD jeħtieġ li jagħmel kontro-kontroll u/jew jivverifika li kien hemm konformità mal-verifikaturi msemmija hawn fuq permezz ta' konsultazzjoni mat-Taqsima tal-Ispettorat tax-Xogħol tal-MOL kif ukoll l-NSSWC</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u> 84. 1. Konsultazzjoni mal-MOL u l-NSSWC. 85. 2. L-analiżi tad-dokument</p>	Kull sena
Referenzi: LLL (2500 sa 2501) NSSL (89.9)			
<b>Indikatur 8.6 s-sikurezza Id-detentur tal-kuntratt/il-permess jew il-proċessur tal-injam osserva rekwiżiti legali li jikkonċernaw l-akkomodazzjoni u s-sanità kif ukoll l-iġjene operazzjonali u ġenerali tal-ħaddiema skont il-kodiċi tal-prattiċi tal-ħsad u l-linji gwida maħruġa mill-FDA</b>			
Verifikatur		Tip ta' Kuntratt jew Permess	
8.6.1	Rapport tal-Awditu tal-Konformità tal-FDA	It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi	
Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.8.6)		Metodu tal-Verifika	Frekwenza tal-Verifika
<p><u>L-għan:</u> L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi żgurat li detentur tal-kuntratt jew kumpanija li qed tapplika għal liċenzja FLEGT tikkonforma mar-rekwiżiti statutorji u tal-FDA rilevanti fir-rigward tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u></p>		<p><u>Id-deskrizzjoni:</u> L-LVD irid jivverifika li s-saħħa, is-sanità u l-kenn tal-ħaddiema qed jiġu indirizzati kif suppost mid-detentur tal-kuntratt. Dan irid isir permezz tal-konsultazzjoni mal-FDA u revizzjoni tar-Rapporti tal-</p>	

<p>Il-Kodiċi tal-Prattiċi tal-Ħsad fil-Foresti (2007) ġie żviluppat mill-FDA sabiex jirregola, fost affarijiet oħra, iġjene operazzjonali u s-sikurezza tal-ħaddiema. Il-kodiċi jiddeskrivi r-rekwiżiti operazzjonali. Awditi annwali jiġu mmexxija mill-FDA sabiex tiġi mmonitorjata, vvalutata u żgurata l-konformità mal-kondizzjonijiet tad-diversi kuntratti u permessi tal-foresti.</p>	<p>Awditu ta' Konformità mill-Unità tal-Infurzar tal-Liġi tal-FDA.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u></p> <p>86. 1. Konsultazzjoni mal-FDA</p> <p>87. 2. L-analiżi tad-dokumenti</p>	<p>Kull sena</p>
<p>Referenzi: Il-Kodiċi tal-Prattiċi tal-Ħsad (3.0 u 4.0)</p>		

## PRINĊIPJU 9: TAXXI, MIŻATI U PAGAMENTI OĦRA

*Id-detentur tal-kuntratt jew il-proċessur tal-injam huwa attwalment f'konformità mal-obbligi fiskali tiegħu inkluż il-pagament ta' taxxi u miżati*

**Indikatur 9.1** Id-detentur tal-kuntratt/il-permess jew il-proċessur tal-injam ħallas l-arretrati tat-taxxa kollha qabel l-iffirmar tal-kuntratt jew il-ħruġ/it-tiġdid tal-permess tal-istabbiliment fejn jisserraw l-injam

Verifikatur	Tip ta' Kuntratt jew Permess	
9.1.1 <i>L-ikklijar tat-taxxa mill-Ministeru tal-Finanzi li juri evidenza tal-ħlas tal-arretrati kollha tat-taxxa fil-ħin tal-iffirmar tal-kuntratt jew il-ħruġ/it-tiġdid tal-permess tal-istabbiliment fejn jisserraw l-injam jew tal-proċessur tal-injam</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i>	
9.1.2 <i>Rapport ta' kwalunkwe rappreżentant awtorizzat tal-FDA</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi ħlief il-konċessjonijiet/pjantazzjonijiet agrikoli</i>	
Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.9.1):	Metodu tal-Verifika	Frekwenza tal-Verifika
<p><u>L-għan:</u> L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi vverifikat li d-detentur tal-kuntratt jew il-proċessur tal-injam ikun ikklijar l-arretrati kollha tat-taxxa qabel ma ffirma l-kuntratt.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u> Il-liġi tirrikjedi li offerent jew detentur ta' kuntratt ikun issodisfa l-obbligi fiskali kollha qabel il-bidu tal-operazzjonijiet.</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u> L-LVD irid jivverifika li r-rekwiżiti msemmija hawn fuq ġew sodisfatti permezz ta' konsultazzjoni mad-Dipartimenti Kummerċjali u Finanzjarji tal-FDA u l-verifika tal-ikklijar tat-taxxa valida.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u> 88. 1. Konsultazzjoni mad-Dipartimenti Kummerċjali u Finanzjarji tal-FDA 89. 2. L-analiżi tad-dokumenti</p>	<p>Darba matul il-perjodu effettiv tat-tip ta' kuntratt jew permess</p>
Referenzi: <b>Regolament 107-07</b>		

**Indikatur 9.2** Id-detentur tal-kuntratt/il-permess jew il-proċessur tal-injam ikun ħallas il-miżata annwali taż-żona inizjali (fil-każ ta' detentur tal-kuntratt) jew miżata annwali ta' reġistrazzjoni (fil-każ ta' proċessur tal-injam) qabel l-iffirmar tal-kuntratt jew il-ħruġ/it-tiġdid tal-permess.

<b>Verifikatur</b>	<b>Tip ta' Kuntratt jew Permess</b>	
9.2.1 Irċevuta ta' pagament għal miżata taż-żona minn kwalunkwe rappreżentant awtorizzat tal-FDA	FMC, TSC	
9.2.2 Irċevuta ta' pagament primjum ta' offerta	FMC, TSC, FUP li għandhom valur ta' aktar minn USD10 000	
9.2.3 Irċevuta ta' pagament ta' miżata annwali ta' reġistrazzjoni	Proċessuri tal-injam, operaturi tas-serrieq bil-katina	
9.2.4 Kopja tal-kontroll tal-maniġer	FMC, TSC, FUP, operaturi tas-serrieq bil-katina, proċessuri tal-injam	
<b>Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.9.2)</b>	<b>Metodu tal-Verifika</b>	<b>Frekwenza tal-Verifika</b>
<p><u>L-għan:</u> L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi vverifikat li d-detentur tal-kuntratt/il-permess ikun ħallas il-miżata annwali taż-żona u li l-proċessur tal-injam ikun ħallas il-miżata annwali tar-reġistrazzjoni tagħom.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u> L-FDA jew rappreżentant awtorizzat tal-FDA, bħala parti mis-COCS, ipprova għal mekkaniżmi li jiżguraw l-implimentazzjoni u l-pagament tat-taxxi u l-miżati relatati mal-foresti.</p> <p>Referenzi: COCS SOP (9)</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u> L-LVD irid jivverifika li r-rekwiżiti msemmija hawn fuq ġew sodisfatti permezz ta' konferma ma' rappreżentant awtorizzat tal-FDA.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u> 90. 1. L-analiżi tad-dokument 91. 2. Konsultazzjoni mal-COCS u d-Dipartiment Kummerċjali tal-FDA</p>	Kull sena
<b>Indikatur 9.3 Id-detentur tal-kuntratt jew il-permess ġie kklirjat mill-Ministeru tal-Finanzi mal-ħlas tat-taxxi u l-miżati kollha meħtieġa minnu bil-liġi u f'konformità mat-termini tal-kuntratt tiegħu</b>		
<b>Verifikatur</b>	<b>Tip ta' Kuntratt jew Permess</b>	
9.3.1 L-ikklijar tat-taxxa mill-Ministeru tal-Finanzi	It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi	
9.3.2 Irċevuta ta' miżati għad-dritt għall-qtuġh	It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi	
9.3.3 Irċevuti ta' pagament ta' miżati amministrattivi tal-kuntratt	It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi ħlief konċessjonijiet/pjantazzjonijiet agrikoli	
9.3.4 Irċevuti ta' pagamenti tal-miżatital-ispezzjoni tal-ħsad annwali	It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi ħlief konċessjonijiet/pjantazzjonijiet agrikoli	
9.3.5 Irċevuti ta' pagament ta' miżati tal-polza tat-tagħbija	It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi	
9.3.6 Prova ta' pagament tal-miżati tal-katina tal-kustodja	It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi	
<b>Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.9.3)</b>	<b>Metodu tal-Verifika</b>	<b>Frekwenza tal-Verifika</b>



<p><u>L-għan:</u> L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi vverifikat li jitħallsu t-taxxi tal-foresti kollha rilevanti.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u> It-Taqsima 2108 tal-Ewwel Fażi tal-Kodiċi tat-Taxxa tar-Riforma, kif emendata, u t-Taqsima 14.2 tal-NFRL, kif ukoll ir-Regolamenti 107-07 stabbiliet miżati għad-dritt għall-qtuġh, miżati għall-kiri tal-art u miżati għall-prodott tal-foresti bħala li xi wħud mill-miżati li d-detenturi tal-kuntratt huma meħtieġa li jħallsu flimkien mat-taxxa tad-dħul korporattiv u dazji oħra.</p> <p>Ir-Regolament 107-07 jirrikjedi li t-taxxi u l-miżati kollha jitħallsu fid-data debita tagħhom, u li nuqqas li jitħallsu dawn il-miżati fid-data debita tagħhom għandu jattira penali wara perjodu ta' grazzja ta' tletin jum.</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u> L-LVD irid jivverifika li r-rekwiżiti msemija hawn fuq ġew sodisfatti permezz ta' konferma fis-COCIS. Fil-każ li l-kjarifika tkun meħtieġa, l-LVD jista' jikkontrolla mad-Diviżjoni tas-Servizzi tar-Ritorn tar-Reġistrazzjoni fil-Ministeru tal-Finanzi.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u> 92. 1. Konferma fis-COCIS 93. 2. Konsultazzjoni mal-MOF</p>	<p>Kull sena</p>
<p>Referenzi: Regolament 107-07 61-63; COCS SOP (9)</p>		
<p><b>Indikatur 9.4 Id-detentur tal-kuntratt/il-permess jew il-proċessur tal-injam iffajlja r-ritorn annwali tat-taxxa tiegħu mal-Ministeru tal-Finanzi mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu ta' kull sena</b></p>		
<p><b>Verifikatur</b></p>	<p><b>Tip ta' Kuntratt jew Permess</b></p>	
<p>9.4.1 Ritorn tat-taxxa</p>	<p><i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i></p>	
<p><b>Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.9.5)</b></p>	<p><b>Metodu tal-Verifika</b></p>	<p><b>Frekwenza tal-Verifika</b></p>
<p><u>L-għan:</u> L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi vverifikat li detentur tal-kuntratt jew il-permess jew il-proċessur tal-injam iffajlja r-ritorn annwali tat-taxxa tiegħu kif speċifikat mil-liġi.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u> Il-liġi tirrikjedi li l-kumpaniji jiffajljaw ritorni annwali tat-taxxa bejn il-31 ta' Diċembru u l-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara.</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u> L-LVD irid jivverifika li r-rekwiżiti ġew sodisfatti billi jikkonsulta mat-Taqsima tas-Servizz tar-Ritorn tar-Reġistrazzjoni fi ħdan id-Diviżjoni l-Kbira tat-Taxxa tad-Dħul (Ministeru tal-Finanzi) sabiex jiġi żgurat li r-ritorn ġie ffajljat.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u> 94. 1. Konsultazzjoni mal-MOF 95. 2. L-analiżi tad-dokument</p>	<p>Kull sena</p>
<p>Referenzi: Il-Kodiċi tad-Dħul tal-Liberja 109(c)(d)</p>		

## PRINĊIPJU 10: IR-REKWIŻITI TAL-ESPORTAZZJONI, L-IPPROĊESSAR U L- KUMMERĊ

*Id-detenturi tal-kuntratt u l-permess kif ukoll il-proċessuri tal-injam ikkonformaw mar-rekwiżiti tal-esportazzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċ*

**Indikatur 10.1** Kwalunkwe persuna li qed tesporta z-zkuk, l-injam u/jew il-prodotti tal-injam hija rreġistrata kif mistħoqq mal-FDA kull sena

Verifikatur	Tip ta' Kuntratt jew Permess	
<i>10.1.1 Ir-reġistrazzjoni valida tal-esportatur</i>	<i>L-esportaturi kollha taz-zkuk, l-injam u l-prodotti tal-injam</i>	
Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.10.1)	Metodu tal-Verifika	Frekwenza tal-Verifika
<p><u>L-għan:</u> L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi vverifikat li l-esportaturi jkunu kkonformaw mar-rekwiżiti/ir-reġistrazzjoni statutorja għall-esportazzjoni taz-zkuk, l-injam u/jew il-prodotti tal-injam.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u> It-Taqsima 41 tar-Regolamenti 108-07 tippovdi li qabel “l-esportazzjoni taz-zkuk, l-injam, jew il-prodotti tal-injam, persuna għandha tirreġistra mal-Awtorità bħala esportatur u ġġedded ir-reġistrazzjoni kull sena”.</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u> L-LVD irid jivverifika kull sena mad-Dipartiment Kummerċjali tal-FDA li kumpanija partikolari u/jew detentur ta' permess huwa rreġistrat bħala esportatur.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u> 96. 1. Konsultazzjoni mad-Dipartiment Kummerċjali tal-FDA 97. 2. L-analiżi tad-dokument</p>	Kull sena
Referenzi: Regolament 108-07 (41)		

**Indikatur 10.2** Il-konsenji kollha taz-zkuk, l-injam, jew il-prodotti tal-injam mgħobbija għall-esportazzjoni ddaħħlu fis-sistema tal-katina tal-kustodja

Verifikatur	Tip ta' Kuntratt jew Permess
<i>10.2.1 L-applikazzjoni għal liċenzja FLEGT</i>	<i>Iz-zkuk u l-prodotti tal-injam esportati kollha</i>
<i>10.2.2 Iz-zokk tal-ispeċifikazzjoni tal-konsenja tal-esportazzjoni (SOP 20)</i>	<i>Iz-zkuk u l-prodotti tal-injam esportati kollha</i>
<i>10.2.3 L-injam isserrat tal-ispeċifikazzjoni tal-esportazzjoni (SOP 21)</i>	<i>L-injam isserrat esportat kollu</i>
<i>10.2.4 Ir-rapport tal-volum tal-esportazzjoni taz-zkuk</i>	<i>Iz-zkuk u l-prodotti tal-injam esportati kollha</i>
<i>10.2.5 Prova tal-pagament tal-miżati tal-esportazzjoni (SOP 26)</i>	<i>Iz-zkuk u l-prodotti tal-injam esportati kollha</i>

Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.10.3)	Metodu tal-Verifika	Frekwenza tal-Verifika
<p><u>L-għan:</u> L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi vverifikat li l-konsenji kollha tal-esportazzjoni ġew inklużi fis-COCS.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u> It-Taqsima 42 tar-Regolament 108-07 jipprovdi li uffiċjali tal-Gvern responsabbli għal portijiet u d-dwana m'għandhomx jippermettu li konsenji bil-massa ta' z-zkuk, injam jew Prodotti tal-injam jiġu mgħobbija fuq vetturi, bastimenti, jew inġenji tal-ajru għall-esportazzjoni ħlief jekk l-uffiċjali jivverifikaw dan kollu li ġej:</p> <p>98. 1. Iz-zkuk, l-injam u l-prodotti tal-injam kollha ddaħħlu fis-COCS; u 99. 2. Is-COCS/COCIS jikkonfermaw li z-zkuk (jew il-prodotti tal-injam) ma ġewx esportati diġà.</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u> L-LVD irid jivverifika permezz tal-ispezzjoni ta' kull konsenja.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u> 100.1. Konferma fis-COCIS</p>	Per shipment
Referenzi: Regolament 108-07 (42); COCS SOP (20-21)		
<b>Indikatur 10.3 Kwalunkwe tagħbija taz-zkuk, l-injam jew prodotti tal-injam ġiet ipprezzata skont l-informazzjoni attwali tas-suq miġbura, magħżula u miżmuma mil-LVD</b>		
Verifikatur	Tip ta' Kuntratt jew Permess	
10.3.1 Il-prezz ta' referenza kif jinstab fil-bażi tad-dejta tal-intelliġenza tas-suq (MIDB) miżmum mil-LVD	It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi	
Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.10.3)	Metodu tal-Verifika	Frekwenza tal-Verifika
<p><u>L-għan:</u> L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi vverifikat li l-konsenji kollha tal-esportazzjoni ġew ipprezzati skont il-prezzijiet tas-suq rilevanti u/jew aċċettati.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u> Ir-Regolament 108-07 tal-FDA jirrikjedi li l-ebda injam jew prodott tal-injam bi prezz baxx mhu se jiġi mgħobbi għall-esportazzjoni</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u> L-LVD irid jivverifika permezz ta' konferma mal-bażi tad-dejta tal-LVD li l-ebda prezz tal-kuntratt u/jew tar-referenza ta' konsenja partikolari ma kien indikattiv ta' prezz baxx. Jekk tinħtieġ kjarifika, il-Ministeru tal-Kummerċ jista' jiġi kkonsultat ukoll.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u> 101.1. Konferma fil-bażi tad-dejta tal-LVD 102. 2. Konsultazzjoni mal-Ministeru tal-Kummerċ</p>	Kull tagħbija jew konsenja
Referenzi: Regolament 108-07 (43); COCS SOP (18 & 21)		

## PRINĊIPJU 11: IT-TRASPARENZA U L-IŻVELAR ĠENERALI

**Indikatur 11.1: Id-detentur tal-kuntratt jew il-permess ippubblika darbtejn f'sena f'gazzetta fiċ-ċirkolazzjoni ġenerali, lista tal-ammonti u d-dati tal-pagamenti kollha u konsiderazzjonijiet** provduti lill-Gvern tal-Liberja fir-rigward taż-żona tal-kuntratt speċifikata.

Verifikatur	Tip ta' Kuntratt jew Permess	
<i>11.1.1 Kopja tal-gazzetta li tinkludi l-pubblikazzjoni</i>	<i>FMC, TSC, PUP, FUP u l-Permess tas-Serrieg bil-Katina</i>	
Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.11.1)	Metodu tal-Verifika	Frekwenza tal-Verifika
<p><u>L-għan:</u> L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi vverifikat li d-detenturi ta' liċenzi tal-foresti jipubblikaw id-dejta meħtieġa f'ċirkolari ta' gazzetta bħala mekkaniżmu tat-trasparenza u l-kontabbiltà.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u> L-NFRL jirrikjedi li d-detenturi jipubblikaw avviżi darbtejn f'sena (mhux aktar tard mill-15 ta' Marzu u l-15 ta' Settembru) li jinkludu l-informazzjoni li ġejja f'gazzetta fiċ-ċirkolazzjoni fil-Monrovia: 103.1. L-isem tad-detentur tal-kuntratt 104.2. Id-deskrizzjoni taż-żona koperta minn operazzjonijiet tal-qtuġħ tas-siġar tad-detentur tal-kuntratt 105. 3. Lista ta' pagamenti u konsiderazzjonijiet oħra provduti lil gvern mid-detentur tal-kuntratt.</p> <p>Referenzi: NFRL (5.8)</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u> L-LVD jeħtieġ li jagħmel kontro-kontroll u/jew jivverifika li l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni msemmija qabel seħħet u li l-avviżi inkludew l-informazzjoni meħtieġa mad-Dipartiment Kummerċjali tal-FDA.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u> 106.1. L-analiżi tad-dokument 107. 2. Konsultazzjoni mad-Dipartiment Kummerċjali tal-FDA</p>	Darbtejn f'sena
Indikatur 11.2 Id-detentur tal-kuntratt jew il-permess qed jipparteċipa attwalment fl-Inizjattiva tat-Trasparenza tal-Industriji ta' Estrazzjoni tal-Liberja (LEITI)		
Verifikatur	Tip ta' Kuntratt jew Permess	
<i>11.2.1 Ir-Rapport LEITI</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i>	
<i>11.2.2 L-attestazzjoni LEITI</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i>	

Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.11.2)	Metodu tal-Verifika	Frekwenza tal-Verifika
<p><u>L-għan:</u> L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi vverifikat jekk detentur ta' kuntratt jew permess huwiex konformi mal-LEITI. LEITI li tinkludi r-riżorsi tal-foresti timmira sabiex tiżgura l-governanza trasparenti u kontabbli tar-riżorsi-.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u> LEITI tippubblika u/jew ixxerred b'mod wiesgħa d-dettalji tal-pagamenti kollha magħmula fost affarijiet oħra mis-settur tal-forestrija lil Gvern, u d-dħul korrispondenti rċevut mill-Gvern.</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u> L-LVD jeħtieġ li jagħmel kontro-kontroll u/jew jivverifika l-pubblikazzjoni tar-rapport LEITI mad-Dipartiment Kummerċjali tal-FDA.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u> 108.1. Konsultazzjoni mal-LEITI u d-Dipartiment Kummerċjali tal-FDA 109. 2. L-analiżi tad-dokument</p>	Kull sena
Referenzi: L-Att dwar LEITI (4.1 & 5.4)		
<b>Indikatur 11.3 Kopji tal-kuntratt, il-liċenzja, il-permessi, ir-rekords tal-pagamenti magħmula lil Gvern kif ukoll ir-rapport tal-evalwazzjoni tal-offerta tal-offerta li rnexttiegħu jsiru aċċessibbli pubblikament mill-FDA f'konformità mal-Att tal-Liberja dwar il-Libertà tal-Infommazzjoni.</b>		
<b>Verifikatur</b>	<b>Tip ta' Kuntratt jew Permess</b>	
<i>11.3.1 L-iskema ta' publikazzjoni tal-FDA li telenka l-kuntratti u dokumenti oħra ta' detenturi ta' kuntratti jew permessi li żżomm u li huma disponibbli għall-aċċess pubbliku</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i>	
<i>11.3.2 L-evidenza tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt tad-detentur tal-kuntratt fuq il-websajt tal-LEITI</i>	<i>It-tipi kollha ta' kuntratti u permessi</i>	
Gwida/Proċedura tal-Verifika (LAS-LVD-0.11.3)	Metodu tal-Verifika	Frekwenza tal-Verifika
<p><u>L-għan:</u> L-għan ta' din il-proċedura huwa li jiġi vverifikat jekk il-kuntratt jew il-liċenzja tad-detentur tal-kuntratt jew il-permess kif ukoll dokumenti oħra li jappartjenu għall-konċessjoni tad-detentur tal-kuntratt jiġu ppubblikati jew huma disponibbli pubblikament f'konformità mal-Att dwar l-LEITI u l-Att dwar il-Libertà tal-Infommazzjoni.</p> <p><u>Il-Kontroll Regulatorju:</u> L-LEITI tirrikjedi l-pubblikazzjoni tal-konċessjonijiet kollha fis-settur tal-forestrija. L-Att dwar il-Libertà tal-Infommazzjoni jirrikjedi l-pubblikazzjoni u/jew l-aċċessibilità pubblika tad-dokumenti kollha li jaffettwaw l-interess pubbliku. Minħabba li l-konċessjoni u d-dokumenti sottostanti sottomessi għall-konċessjoni jimplikaw l-interess pubbliku, l-għan huwa li tiġi żgurata d-disponibilità tagħhom lil pubbliku speċjalment is-soċjetà ċivili.</p>	<p><u>Id-deskrizzjoni:</u> L-LVD jeħtieġ li jagħmel kontro-kontroll u/jew jivverifika l-Iskema ta' Publikazzjoni mad-Dipartiment Kummerċjali tal-FDA u jikkontrolla l-websajt tal-LEITI għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt.</p> <p><u>Mezzi ta' verifika:</u> 110. 1. Konsultazzjoni mal-LEITI u d-Dipartiment Kummerċjali tal-FDA.</p>	Kull sena
Referenzi: L-Att dwar l-LEITI (4.1 & 5.4); l-Att dwar il-Libertà tal-Infommazzjoni (Taqsim 2.6)		

## LISTA TA' AKRONIMI

AHC	Iċ-Ċertifikat Annwali tal-Ħsad
BOT	It-tip ta' kuntratt Ibni, Opera, Ittrasferixxi
CEO	L-Uffiċjali Eżekuttiv Prinċipali
CFDC	Il-Kumitat Komunitarju tal-Iżvilupp tal-Forestrija
CNDRA	Iċ-Ċentru għar-Rekords u d-Dokumentazzjoni Nazzjonali
COCIS	Is-Sistema tal-Infurmazzjoni tal-Katina tal-Kustodja
COCS	Is-Sistema tal-Katina tal-Kustodja
CSO	L-Organizzazzjoni tas-Soċjetà Ċivili
EIA	Il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali
EI	Il-Liċenzja tal-Impatt Ambjentali
EIP	Il-Permess tal-Impatt Ambjentali
EPA	L-Aġenzija tal-Protezzjoni tal-Ambjent
EPAA	L-Att dwar l-Aġenzija tal-Protezzjoni tal-Ambjent
EPML	Il-Liġi tal-Protezzjoni u l-Ġestjoni Ambjentali
FDA	L-Awtorità tal-Iżvilupp tal-Forestrija
FMC	Il-Kuntratt tal-Ġestjoni tal-Foresti
FUP	Il-Permess tal-Użu tal-Foresti
GBL	Il-Liġi Ġenerali tan-Negozju
GSOP	Il-Proċedura Ġenerali Standard tal-Operat
IMCC	Il-Kumitat Inter-Ministerjali dwar il-Konċessjonijiet
LAS	Is-Sistema tal-Assigurazzjoni tal-Legalità
LEITI	L-Inizjattiva tat-Trasparenza tal-Industriji ta' Estrazzjoni tal-Liberja
LLD	Id-Dipartiment tal-Liċenzji tal-Liberja

LLL	Il-Liġi Liberjana tax-Xogħol
LVD	Id-Dipartiment Liberjan tal-Verifika, FDA
MIDB	Il-bażi tad-dejta tal-Intelliġenza tas-Suq
MOCI	Il-Ministeru tal-Kummerċ u l-Industrija
MOF	Il-Ministeru tal-Finanzi
MOFA	Il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin
MOL	Il-Ministeru tax-Xogħol
MPEA	Il-Ministeru tal-Ippjanar u l-Affarijiet Ekonomiċi
NFRL	Il-Liġi Nazzjonali tar-Riforma tal-Foresti
NSSL	Il-Liġi Nazzjonali tas-Sigurtà Soċjali
NSSWC	Il-Korporazzjoni Nazzjonali tas-Sigurtà Soċjali u l-Benessri
PDA	Assistent Personali Diġitali
PPCA	L-Att dwar l-Akkwist Pubbliku u l-Konċessjonijiet
PPCC	Il-Kummissjoni tal-Akkwist Pubbliku u l-Konċessjonijiet
PUP	Il-Permess tal-Użu Privat
SOP	Il-Proċeduri Standard ta' Operat
TSC	Il-Kuntratt tal-Bejgħ tal-Injam
UTM	Universal Transverse Mercator

**IL-LEĠIŻLAZZJONI LI SSIR REFERENZA GĦALIHA FID-DEFINIZZJONI TAL-LEGALITÀ TAL-LIBERJA**

**Issir referenza fid-Definizzjoni tal-Legalità:**

Il-Liġi tal-Protezzjoni u l-Ġestjoni Ambjentali (2002)

L-Att dwar l-Aġenzija tal-Protezzjoni tal-Ambjent (2002)

FDA Il-Kodiċi tal-Prattiċi tal-Ħsad fil-Foresti (2007)

Ir-Regolament tal-FDA 111-10

L-Għaxar Regolamenti Ewlenin tal-FDA (2007) (Ir-Regolamenti 101-07 sa 110-07)

L-Att dwar il-Libertà tal-Infommazzjoni (2010)

Il-Liġi Ġenerali tan-Negozju

L-Att dwar l-LEITI (2009)

Il-Proċeduri Standard tal-Operat tas-COC tal-Liberja

Il-Liġi Liberjana tax-Xogħol

Il-Liġi Nazzjonali tar-Riforma tal-Forestri (2006)

Il-Liġi Nazzjonali tas-Sigurtà Soċjali

L-Att dwar il-Kummissjoni tal-Akkwist Pubbliku u l-Konċessjonijiet(2005)

Il-Kodiċi tad-Dħul tal-Liberja, kif Emendata (2009)

**Dokumenti Rilevanti Addizzjonali:**

Il-Liġi tad-Drittiet Komunitarji (2009)

Il-Politika Liberjana tal-Foresti (2007)

L-Istrateġija Nazzjonali tal-Ġestjoni tal-Foresti

Il-Liġi tan-Netwerk taż-Żoni Protetti tal-Foresti (2003)



**Appendiċi B: Ħarsa ġenerali lejn is-sistema tal-katina tal-kustodja (COCS)**

STADJU	RESPONSABBILTAJIET TAL-OPERATORI			VERIFIKA MILL-FDA		
	ATTIVITAJIET	DEJTA MDAĦĦLA FIS-COCIS	PRODUZZJONI JIET EWLENIN	VALUTAZZJONI JIET U SPEZZJONIJIET FUQ IL-POST	VALIDAZZJONI TAD-DEJTA FI ĦDAN IS-COCIS <sup>21</sup>	RIKONĊILJAZZJONI BEJN U/JEW FI ĦDAN L-ISTADJI TAL-KATINA TAL-PROVVISTA <sup>22</sup>
<b>Qabel il- ħsad</b>	<p>Ir-Reġistrazzjoni tal-unità tan-negozju tad-detentur tal-kuntratt fis-COCIS</p> <p>Id-delineazzjoni u l-qtugħ tal-blokok (is-sistema tal-grilja lokata bil-GPS) ta' żoni tal-kuntratt allokatu mill-FDA</p> <p>L-enumerazzjoni tas-siġar kollha ta' daqs kummerċjali u t-twaħħil ta' marki bil-bar code tas-COCIS fuq is-siġar</p> <p>Ippjanar tal-foresti: Lokazzjoni tas-siġar u karatteristiċi</p>	<p>TIN tad-detentur tal-kuntratt (Numru ta' reġistrazzjoni maħruġ mill-Ministeru tal-Kummerċ)</p> <p>Koordinati tal-blokok</p> <p>Id-dejta tal-istħarriġ tal-istokk, inkluż l-identifikazzjoni tas-siġar, l-ispeċijiet tas-siġar, id-dijametru fil-livell tas-sider, l-għoli u l-lokazzjoni fil-blokka ta' 2500m<sup>2</sup></p>	<p>Mapep tal-blokok</p> <p>Mapep skematiċi</p> <p>Ir-riżultati tal-istħarriġ tal-istokk u talba għal siġar tal-uċuħ tar-raba'</p> <p>Pjan annwali operattiv</p>	<p><b>Uffiċċju:</b></p> <p>-Mapep tal-blokok, mapep ta' kompartimenti,</p> <p>-Formoli tal-istħarriġ tal-istokk</p> <p>-Mapep skematiċi,</p> <p>-Il-validazzjoni tas-siġar mitluba għall-<b>ħsad</b></p> <p><b>Għalqa:</b></p> <p>-5% tal-erja tal-blokka: lokazzjoni tas-siġar, dijametru, l-ispeċijiet tal-għoli.</p> <p>-Koordinati tal-kantunieri tal-blokka</p>	<p>Numri ta' identifikazzjoni tas-siġar, l-ispeċijiet tas-siġar, id-dijametru fil-livell tas-sider, l-għoli u l-lokazzjoni</p> <p>L-użu ta' marki bil-bar code</p>	

<sup>21</sup> Bejn id-dikjarazzjoni mid-detentur tal-kuntratt u l-verifika mis-COCIS.

<sup>22</sup> Abbażi tad-dejta provduta mid-detenturi tal-kuntratti

STADJU	RESPONSABILTAJIET TAL-OPERATORI			VERIFIKA MILL-FDA		
	ATTIVITAJIET	DEJTA MDAĦĦLA FIS-COCIS	PRODUZZJONI JIET EWLENIN	VALUTAZZJONI JIET U SPEZZJONIJIET FUQ IL-POST	VALIDAZZJONI TAD-DEJTA FI ĦDAN IS-COCIS <sup>21</sup>	RIKONĊILJAZZJONI BEJN U/JEW FI ĦDAN L-ISTADJI TAL-KATINA TAL-PROVVISTA <sup>22</sup>
	naturali					
<b>Il-Ħsad</b>	<p>It-twaqqigħ tas-siġar, il-produzzjoni tat-tulijiet tas-siġar jew iz-zkuk</p> <p>It-twaħħil tal-marki bil-barcode tas-COCIS liz-zkuk u l-biċċiet li jibqgħu fl-art wara li jitwaqqgħu s-siġar</p> <p>Il-kejl tat-tulijiet tas-siġar jew iz-zkuk</p> <p>Il-ġarr lejn il-bitħa taz-zkuk tal-foresti (maġenb it-triq)</p> <p>L-identifikazzjoni tal-allinjament tat-triq proposti u l-inventarju tas-siġar fuq ir-rotta proposta</p>	<p>It-TIN tad-detentur tal-kuntratt</p> <p>Id-dejta tas-siġar: In-numru tal-identifikazzjoni, l-ispeċijiet, id-dijametri u tul</p> <p>In-numru ta' identifikazzjoni tal-biċċiet li jibqgħu fl-art wara li jitwaqqgħu is-siġar</p>	<p>Il-formoli tad-dejta tas-siġar</p> <p>Il-formoli tal-allinjament tat-triq</p>	<p><b>Is-sit tat-twaqqigħ tas-siġar:</b></p> <p>-5% verifika tad-dejta tas-siġar</p> <p>- l-ikkontrollar tal-kampjun li d-dejta tas-siġar hija konsistenti bejn iz-zokk, il-biċċa li tibqa' fl-art wara li titwaqqa' s-siġra u s-siġra l-imwaqqgħa.</p>	<p>Id-dejta tas-siġra (waqt li tkun wieqfa): In-numru tal-identifikazzjoni, l-ispeċijiet, id-dijametri u t-tul stmat</p> <p>Il-lokazzjoni tas-siġra l-imwaqqgħa u d-dimensjonijiet taz-zokk</p>	<p>Bejn l-istħarriġ tal-istokk u l-formoli tad-dejta tas-siġra<sup>23</sup>:</p> <p>-il-paragunar tan-numru ta' siġar tal-uċuħ tar-raba' u n-numru tas-siġar fil-fatt maħsuda skont l-ispeċijiet</p> <p>-il-paragunar tal-volum tas-siġar tal-uċuħ tar-raba' u l-volum tat-tulijiet tas-siġar (jew iz-zkuk) skont l-ispeċijiet</p> <p>Ir-rabta ta' identifikazzjoni bejn il-biċċa li tibqa' fl-art wara li titwaqqa' s-siġra is-siġra u t-tul tas-siġra/iz-zokk</p>

<sup>23</sup>

Formoli tad-dejta tas-siġar jimtlew meta jitwaqqgħu s-siġar, qabel ma jitqattgħu fi zkuk twal inizjali.

STADJU	RESPONSABILTAJIET TAL-OPERATORI			VERIFIKA MILL-FDA		
	ATTIVITAJIET	DEJTA MDAĦĦLA FIS-COCIS	PRODUZZJONI JIET EWLENIN	VALUTAZZJONI JIET U SPEZZJONIJIET FUQ IL-POST	VALIDAZZJONI TAD-DEJTA FI ĦDAN IS-COCIS <sup>21</sup>	RIKONĊILJAZZJONI BEJN U/JEW FI ĦDAN L-ISTADJI TAL-KATINA TAL-PROVVISTA <sup>22</sup>
<b>Il-bitħa taz-zkuk tal-foresta/kw alunkwe bitħa taz-zkuk oħra</b>	<p>Il-qtugħ trasversali jew it-tlibbis tat-tulijiet tas-siġar jew iz-zkuk</p> <p>It-twaħħil ta' marki bil-bar code tas-COCIS lis-zkuk maqtuġhin trasversalment jew imlibbsin</p> <p>L-iskalar taz-zkuk</p>	<p>It-TIN tad-detentur tal-kuntratt</p> <p>Id-dejta taz-zokk: In-numru ta' identifikazzjoni, l-ispeċijiet, id-dijametri, it-tul, il-volum u l-kwalità taz-zokk</p> <p>Ir-rabta bejn it-tulijiet tas-siġra jew iz-zokk twil u z-zkuk maqtuġhin trasversalment jew imlibbsin</p>	<p>Il-formola tad-dejta taz-zokk</p>	<p><b>Fil-post tal-ħatt għaz-zkuk</b></p> <p>-Verifika tal-kampjun tad-Dejta taz-Zokk (L-intensità tal-kampjun bbażata fuq il-prestazzjoni tal-kumpanija)</p>	<p>Id-dejta taz-zokk: In-numru ta' identifikazzjoni, l-ispeċijiet, it-tul u l-volum taz-zokk</p>	<p>Bejn il-formoli tad-dejta tas-siġra u l-formoli u dejta taz-zokk</p> <p>-il-paragunar tan-numru ta' tulijiet tas-siġar/zkuk u zkuk maqtuġhin trasversalment u mlibbsin skont l-ispeċijiet</p> <p>-il-paragunar tal-volum tat-tulijiet tas-siġar/kull zokk</p> <p>-il-paragunar tat-tulijiet tas-siġar/kull zokk għall-konsistenza tad-dijametri u l-ispeċijiet</p> <p>Ir-rabta ta' identifikazzjoni bejn il-biċċa li tibqa' fl-art wara li titwaqqa s-siġra u z-zkuk maqtuġhin trasversalment jew mlibbsin</p> <p>Volum maħsud u l-</p>

STADJU	RESPONSABILTAJIET TAL-OPERATORI			VERIFIKA MILL-FDA		
	ATTIVITAJIET	DEJTA MDAĦĦLA FIS-COCIS	PRODUZZJONI JIET EWLENIN	VALUTAZZJONI JIET U SPEZZJONIJIET FUQ IL-POST	VALIDAZZJONI TAD-DEJTA FI ĦDAN IS-COCIS <sup>21</sup>	RIKONĊILJAZZJONI BEJN U/JEW FI ĦDAN L-ISTADJI TAL-KATINA TAL-PROVVISTA <sup>22</sup>
						miżata għad-dritt għall-qtugħ imħallsa
<b>It-trasferiment tas-sjieda</b>	Talba mis-sid taz-zkuk għal bdil tas-sjieda  Ir-Reġistrazzjoni tan-numri tal-identifikazzjoni tal-prodott tal-injam mis-sid il-ġdid	In-numri ta' identifikazzjoni ta' sidien ta' qabel u dawk attwali  In-numri ta' identifikazzjoni tal-prodott tal-injam soġġett għal bdil tas-sjieda	Id-dikjarazzjoni mal-bdil tas-sjieda			Il-konsistenza tan-numri ta' identifikazzjoni taz-zokk u d-dejta taz-zokk bejn is-sid ta' qabel u dak attwali
<b>It-trasport</b>	It-tagħbija taz-zkuk fuq it-trakk  It-trasport taz-zkuk  Il-ħatt taz-zkuk	Identifikazzjoni unika tal-polza tat-tagħbija  Oriġini u destinazzjoni  Is-sid taz-zokk  It-trasportatur  Il-lista ta' zkuk trasportati, inkluż in-numru ta' identifikazzjoni, l-ispeċijiet, id-dimensjonijiet, u l-	Poloż tat-tagħbija (oriġini u destinazzjoni)	Spezzjonijiet aleatorji fuq il-polza tat-tagħbija tul ir-rota tat-trasport (eż. fil-bitħa taz-zkuk, jew f'punti ta' kontroll mal-ġenb tat-triq)		Bejn il-formola tad-dejta taz-zokk u l-polza tat-tagħbija  -il-paragunar tan-numri ta' identifikazzjoni taz-zokk  -il-paragunar ta' numru ta' zkuk skont l-ispeċijiet  -il-paragunar tal-volum taz-zkuk skont l-ispeċijiet

STADJU	RESPONSABBILTAJIET TAL-OPERATORI			VERIFIKA MILL-FDA		
	ATTIVITAJIET	DEJTA MDAĦĦLA FIS-COCIS	PRODUZZJONIJIET EWLENINJIET	VALUTAZZJONIJIET U SPEZZJONIJIET FUQ IL-POST	VALIDAZZJONI TAD-DEJTA FI ĦDAN IS-COCIS <sup>21</sup>	RIKONĊILJAZZJONI BEJN U/JEW FI ĦDAN L-ISTADJI TAL-KATINA TAL-PROVVISTA <sup>22</sup>
		volum				
<b>Is-sit tal-ipproċessar</b>	<p>Ir-riċezzjoni taz-zkuk jew prodotti oħra tal-injam (materji primi)</p> <p>Il-ħażna ta' materji primi</p> <p>It-tlibbis taz-zkuk u t-twaħħil ta' marki bil-barcode ġodda</p> <p>Id-dħul ta' materji primi fl-ipproċessar</p> <p>L-indirizzar ta' oġġetti pproċessati, inkluż it-twaħħil tal-marka bil-barcode tas-COCIS fuq lottijiet tal-prodott</p> <p>Il-ħażna ta' oġġetti pproċessati</p>	<p>Id-dejta fuq il-materji primi rċevuti u maħżuna fis-sit tal-istabbiliment: In-numru ta' identifikazzjoni, l-ispeċijiet, id-dimensjonijiet, il-volum</p> <p>Id-dejta tal-input tal-prodott: In-numru ta' identifikazzjoni, l-ispeċijiet, id-dimensjonijiet, il-volum</p> <p>Id-data</p> <p>Id-dejta tal-produzzjoni tal-prodott: In-numru ta' identifikazzjoni tal-lott, l-ispeċijiet, id-dimensjonijiet, il-</p>	<p>Il-formola tad-dħul fl-impjant fejn jisserraw l-injam</p> <p>Iż-żamma tal-kotba tal-inventarju tal-materja prima</p> <p>Il-formola tal-produzzjoni li tispeċifika d-dħul u l-produzzjoni permezz ta' linji tal-produzzjoni</p> <p>Iż-żamma tal-kotba tal-maħżen</p>	<p>Il-monitoraġġ ta' lottijiet tal-produzzjoni tal-kampjun</p> <p>Awditi aleatorji tal-operazzjonijiet tal-istabbiliment u s-sistemi taż-żamma tal-kotba</p>	<p>Ir-rati tal-irkupru/produzzjoni tal-linji tal-ipproċessar</p>	<p>Bejn il-formola tad-dħul fl-istabbiliment fejn jisserraw l-injam, iż-żamma tal-kotba tal-inventarju tal-materja prima u l-formola tal-produzzjoni</p> <p>- il-paragunar ta' numri ta' identifikazzjoni tal-materja prima</p> <p>-il-paragunar tan-numru ta' materji primi skont l-ispeċijiet</p> <p>-il-paragunar tal-volum tal-materji primi skont l-ispeċijiet</p> <p>Bejn id-dħul u l-produzzjonijiet iddikjarati fil-formola tal-produzzjoni</p> <p>Bejn il-formola tal-produzzjoni u iż-żamma tal-kotba tal-maħżen</p> <p>- il-paragunar tan-</p>

STADJU	RESPONSABILTAJIET TAL-OPERATORI			VERIFIKA MILL-FDA		
	ATTIVITAJIET	DEJTA MDAĦĦLA FIS-COCIS	PRODUZZJONIJIET EWLENIN	VALUTAZZJONIJIET U SPEZZJONIJIET FUQ IL-POST	VALIDAZZJONI TAD-DEJTA FI ĦDAN IS-COCIS <sup>21</sup>	RIKONĊILJAZZJONI BEJN U/JEW FI ĦDAN L-ISTADJI TAL-KATINA TAL-PROVVISTA <sup>22</sup>
		volum (il-kwantità) Id-dejta dwar il-prodotti pproċessati maħżuna fis-sit tal-istabiliment: In-numru ta' identifikazzjoni tal-lott, l-ispeċijiet, id-dimensjonijiet, il-volum u l-grad				numru tal-identifikazzjoni -il-paragunar tan-numru ta' prodotti skont l-ispeċijiet -il-paragunar tal-volum tal-prodotti skont l-ispeċijiet
<b>It-trasport</b>	It-tagħbija ta' prodotti pproċessati f' faxex fuq it-trakk It-trasport tal-faxex Il-ħatt tal-faxex	Identifikazzjoni unika tal-polza tat-tagħbija Oriġini u destinazzjoni Is-sid taz-zokk It-trasportatur Id-dejta dwar il-prodotti pproċessati maħżuna fis-sit tal-istabiliment: In-numru ta' identifikazzjoni tal-lott, l-ispeċijiet, id-	Il-poloż tat-tagħbija	Spezzjonijiet aleatorji tal-polza tat-tagħbija tul ir-rotta tat-trasport (eż. punti ta' kontroll mal-ġenb tat-triq)		Bejn iż-żamma tal-kotba tal-maħżen u l-poloż tat-tagħbija - il-paragunar tan-numri ta' identifikazzjoni tal-faxex -il-paragunar tan-numru ta' prodotti permezz - tal-paragunar tal-volum tal-prodotti skont l-ispeċijiet Bejn il-kopji tal-oriġini tal-polza tat-tagħbija u l-kopji tad-destinazzjoni

STADJU	RESPONSABILTAJIET TAL-OPERATORI			VERIFIKA MILL-FDA		
	ATTIVITAJIET	DEJTA MDAĦĦLA FIS-COCIS	PRODUZZJONIJIET EWLENINI	VALUTAZZJONIJIET U SPEZZJONIJIET FUQ IL-POST	VALIDAZZJONI TAD-DEJTA FIDAN IS-COCIS <sup>21</sup>	RIKONĊILJAZZJONI BEJN U/JEW FIDAN L-ISTADJIT TAL-KATINA TAL-PROVVISTA <sup>22</sup>
		dimensjonijiet, il-volum				Bejn punti ta' kontroll ta' aktar kmieni tul il-katina
<b>Qabel l-esportazzjoni</b>	<p>Gradazzjoni</p> <p>It-tirqim u l-immarkar</p> <p>Il-pagament tat-taxxa</p> <p>Id-dikjarazzjoni tad-dwana</p> <p>Id-dikjarazzjoni tal-kummerċ</p> <p>It-trattament fitosanitarju</p>	<p>L-identifikazzjoni tal-prodott</p> <p>L-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott it-tip, l-ispeċijiet u d-dimensjoni</p> <p>L-informazzjoni tal-kuntratt ta' bejgħ: xerrej, u prezzijiet</p>	<p>L-applikazzjoni tal-Liċenzja FLEGT</p> <p>L-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott</p> <p>Il-kuntratt tal-bejgħ</p>	<b>Fil-punt tal-esportazzjoni</b> L-ispezzjoni tal-kampjun ta' prodotti għal esportazzjonijiet (Verifika tad-dejta tal-ispeċifikazzjoni)	In-numru, il-volum u l-grad	<p>Bejn il-poloż tat-tagħbija u l-Liċenzja FLEGT</p> <p>- il-paragunar tan-numri ta' identifikazzjoni tal-faxex</p> <p>-il-paragunar tan-numru ta' prodotti skont l-ispeċijiet</p> <p>-il-paragunar tal-volum tal-prodotti skont l-ispeċijiet</p>
<b>It-tagħbija u l-esportazzjoni</b>	It-tagħbija tal-prodotti koperti mil-liċenzji FLEGT			<b>Fil-punt tal-esportazzjoni</b> Is-sorveljanza tat-tagħbija finali tal-bastiment Il-kontroll tal-ispeċifikazzjonijiet tal-prodotti mgħobbija fuq il-	L-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott ta' konsenja ta' esportazzjoni (l-identifikazzjonijiet, it-tip tal-prodott, l-ispeċijiet u d-dimensjonijiet)	Bejn il-liċenzja FLEGT u l-verifika fiżika ta' prodotti mgħobbija

STADJU	RESPONSABILTAJIET TAL-OPERATORI			VERIFIKA MILL-FDA		
	ATTIVITAJIET	DEJTA MDAĦĦLA FIS-COCIS	PRODUZZJONIJIET EWLENIN	VALUTAZZJONIJIET U SPEZZJONIJIET FUQ IL-POST	VALIDAZZJONI TAD-DEJTA FI ĦDAN IS-COCIS <sup>21</sup>	RIKONĊILJAZZJONI BEJN U/JEW FI ĦDAN L-ISTADJI TAL-KATINA TAL-PROVVISTA <sup>22</sup>
				bastiment		



### ANNEX III

## **KUNDIZZJONIJIET LI JIRREGOLAW IR-RILAXX F'ĊIRKOLAZZJONI ĦIELSA FL-UNJONI TAL-PRODOTTI TAL-INJAM ESPORTATI MIL-LIBERJA U KOPERTI MINN LIĊENZJA FLEGT**

### **Qafas ġenerali**

Ir-Regolament (KE) Nru 2173/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar il-ħolqien ta' skema ta' liċenzjar FLEGT għall-importazzjoni ta' injam fil-Komunità Ewropea<sup>24</sup> u r-Regolament ta' Implimentazzjoni<sup>25</sup> tiegħu jirregolaw il-kundizzjonijiet tad-dħul fis-suq tal-Unjoni tal-injam u l-prodotti derivati koperti minn liċenzja FLEGT mil-Liberja. Dawn ir-Regolamenti jipprovdu adattament tal-proċeduri dettaljati għal kundizzjonijiet nazzjonali u, b'mod partikolari, jipprevedu possibiltajiet differenti għall-awtoritajiet kompetenti responsabbli sabiex jaċċettaw il-liċenzji FLEGT mad-dħul fis-suq tal-Unjoni, li tista' tkun awtorità doganali jew awtorità nazzjonali oħra. Għal din ir-raġuni, id-deskrizzjoni tal-proċess taqsam il-verifika f'żewġ stadji: (1) il-kontrolli fuq dokumenti tal-liċenzji u (2) kontrolli fiżiċi tal-konformità tal-konsenja attwali meta mqabbla mal-liċenzja.

Din il-proċedura hija intenzjonata li tissupplimenta l-kontrolli mwettqa mil-Liberja u li tivverifika li l-liċenzji FLEGT ippreżentati mad-dħul fl-Unjoni huma fil-fatt dawk li kienu maħruġa kif dovut u rreġistrati mill-awtorità tal-liċenzji tal-Liberja, u li jkopru l-konsenji kif intenzjonati mill-awtoritajiet tal-Liberja. L-awtoritajiet kompetenti m'għandhomx il-mandat li jissfidaw is-sistema tal-assigurazzjoni tal-legalità tal-Liberja jew l-validità tal-liċenzji. Tali kwistjonijiet jistgħu jiġu ttrattati mill-JIC, skont l-Artikoli 10, 19 u 24 tal-Ftehim.

### *Artikolu 1*

#### *Depożitar tal-liċenzja*

1. Il-liċenzja għandha tiġi depożitata mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-Unjoni li fih il-konsenja koperta minn dik il-liċenzja hija dikjarata għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa<sup>26</sup>. Dan jista' jsir b'mod elettroniku jew permezz ta' mezzi veloċi oħra.

<sup>24</sup> *ĠU UE L 347, 30.12.2005, p. 1.*

<sup>25</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1024/2008 tas-17 ta' Ottubru 2008 li jistabbilixxi miżuri ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005 dwar il-ħolqien ta' skema ta' liċenzji FLEGT għall-importazzjoni ta' injam fil-Komunità Ewropea (*ĠU UE L 277, 18.10.2008, p. 23*).

<sup>26</sup> Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa hija proċedura tad-dwana tal-UE. Skont l-Artikolu 129(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 450/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (Kodiċi Doganali Modernizzat), ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa jinvolti: (a) il-ġbir ta' kwalunkwe dazju fuq l-importazzjoni dovut; (b) il-ġbir, kif xieraq, ta' imposti oħrajn, kif previst fid-dispożizzjonijiet rilevanti fis-seħħ relatati mal-ġbir ta' dawk l-imposti; (c) l-applikazzjoni ta' miżuri ta' politika kummerċjali u projbizzjonijiet u restrizzjonijiet sakemm ma jkunux iridu jiġu applikati fi stadju iktar bikri (f'dan il-każ, huwa fost dawn il-miżuri li l-eżistenza ta' liċenzja FLEGT se tiġi verifikata); (d) it-twettiq tal-formalitajiet l-oħrajn stabbiliti fir-rigward tal-importazzjoni tal-merkanzija. Ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa jagħti lill-merkanzija mhux Komunitarja l-istatus doganali ta' merkanzija Komunitarja.

2. L-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom, skont il-proċeduri nazzjonali applikabbli, jinfurmaw lill-awtoritajiet doganali malli tkun ġiet aċċettata liċenzja.

## *Artikolu 2*

### *Kontrolli fuq il-validità tad-dokumentazzjoni tal-liċenzja*

1. Liċenzji fuq karta għandhom jikkonformaw mal-mudell deskritt fl-Anness IV. Kwalunkwe liċenzja li ma tissodisfax ir-rekwiżiti u l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fl-Anness IV mhix valida.
2. Liċenzja għandha tiġi kkunsidrata bħala nulla jekk tiġi ddepożitata f'data aktar tard mid-data tal-iskadenza indikata fil-liċenzja.
3. Kwalunkwe tħassir jew tibdil f'liċenzja m'għandux jiġi aċċettat ħlief jekk dan it-tħassir jew tibdil ikun ġie vvalidat mill-awtorità tal-liċenzji.
4. M'għandhiex tiġi aċċettata estensjoni tal-validità ta' liċenzja ħlief jekk din l-estensjoni tkun ġiet validata mill-awtorità tal-liċenzji.
5. M'għandux jiġi aċċettat duplikat jew liċenzja ta' sostituzzjoni ħlief jekk tkun inħarġet jew ġiet ivalidata mill-awtorità tal-liċenzji.

## *Artikolu 3*

### *Talbiet għal informazzjoni addizzjonali*

1. F'każ ta' dubju dwar il-validità jew l-awtentiċità ta' liċenzja, duplikat jew liċenzja ta' sostituzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu informazzjoni addizzjonali mill-awtorità tal-liċenzji.
2. Kopja tal-liċenzja, tad-duplikat jew tal-liċenzja ta' sostituzzjoni inkwistjoni tista' tintbagħat flimkien mat-talba.
3. Jekk ikun meħtieġ, l-awtorità tal-liċenzji għandha tirtira l-liċenzja u toħroġ kopja kkoreġuta, li għandha tiġi awtentikata mill-endorsjar ttimbrat 'Duplikat' u mibgħuta lill-awtorità kompetenti.

## *Artikolu 4*

### *Verifika tal-konformità tal-liċenzja mal-konsenja*

1. Jekk tkun meħtieġa verifika addizzjonali tal-konsenja qabel ma l-awtoritajiet ikunu jistgħu jiddeċiedu jekk liċenzja tistax tiġi aċċettata, jistgħu jitwettqu kontrolli sabiex jiġi stabbilit jekk il-konsenja inkwistjoni hijiex konformi mal-informazzjoni pprovduta fil-liċenzja u fir-rekords relatati mal-liċenzja rilevanti li jinżammu mill-awtorità tal-liċenzji.

2. Fejn il-volum jew il-piż tal-prodotti tal-injam li jinsabu fil-konsenja ppreżentata sabiex tiġi rilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa ma jvarjax b'aktar minn 10 % mill-volum jew il-piż indikat fil-liċenzja korrispondenti, il-konsenja għandha tiġi kkunsidrata konformi mal-informazzjoni pprovduta fil-liċenzja safejn huwa kkonċernat il-volum jew il-piż.
3. F'każ ta' dubju dwar jekk il-konsenja tikkonformax mal-liċenzja FLEGT, l-awtorità kompetenti kkonċernata tista' tfittex aktar kjarifika mill-awtorità tal-liċenzji.
4. L-awtorità tal-liċenzji tista' titlob lill-awtorità kompetenti sabiex tibgħat kopja tal-liċenzja jew is-sostituzzjoni inkwistjoni.
5. Jekk ikun meħtieġ, l-awtorità tal-liċenzji għandha tirtira l-liċenzja u toħroġ kopja kkoreġuta, li għandha tiġi awtentikata mill-endorsjar ittimbrat 'Duplikat' u mibgħuta lill-awtorità kompetenti.
6. Jekk l-awtorità kompetenti ma tirċievi l-ebda risposta fi żmien 21 jum kalendarju mit-talba għal aktar kjarifika, kif provdut fl-Artikolu 10 ta' dan il-Ftehim, l-awtorità kompetenti m'għandhiex taċċetta l-liċenzja u għandha taġixxi skont il-leġiżlazzjoni u l-proċeduri applikabbli
7. Liċenzja m'għandhiex tiġi aċċettata jekk ikun ġie stabbilit, fejn meħtieġ wara l-provvista ta' informazzjoni addizzjonali skont l-Artikolu 3 ta' dan l-Anness jew aktar investigazzjoni skont l-Artikolu 4 ta' dan l-Anness, li l-liċenzja ma tikkorrispondix mal-konsenja.

#### *Artikolu 5*

##### *Verifika qabel il-wasla tal-konsenja*

1. Liċenzja tista' tiġi ddepożitata qabel il-wasla tal-konsenja li tkopri.
2. Liċenzja għandha tiġi aċċettata biss jekk tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti f-Anness IV u l-ebda verifika oħra skont l-Artikoli 3 u 4 ta' dan l-Anness m'hija meqjusa bħala meħtieġa.

#### *Artikolu 6*

##### *Kwistjonijiet oħra*

1. L-ispejjeż mġarrba waqt li l-verifika tkun qed tiġi kompletata għandhom jitħallsu mill-importatur, minbarra fejn il-leġiżlazzjoni u l-proċeduri applikabbli tal-Istat Membru tal-Unjoni kkonċernat jiddeterminaw mod ieħor.
2. Fejn ikun hemm nuqqas ta' ftehim jew diffikultajiet persistenti li jinħolqu mill-verifika tal-liċenzji FLEGT, il-kwistjoni tista' tiġi rreferita lill-JIC.

#### *Artikolu 7*

##### *Rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa*

1. Fil-kaxxa 44 tad-Dokument Amministrattiv Uniku li fuqu ssir d-dikjarazzjoni fid-dwana għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa, għandha ssir referenza għan-numru tal-liċenzja li tkopri l-prodotti tal-injam suġġetti għad-dikjarazzjoni.
2. Fejn id-dikjarazzjoni tad-dwana issir permezz ta' mezzi kompjuterizzati, ir-referenza għandha tiġi provduta fil-kaxxa xierqa.
3. Il-prodotti tal-injam għandhom jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa biss wara li jitlestew il-proċeduri deskritti f'dan l-Anness.

## ANNEX IV

### REKWIŻITI U SPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI GĦAL LIĊENZJI FLEGT

#### *Artikolu 1*

##### *Rekwiżiti ġenerali relatati mal-liċenzji FLEGT*

1. Il-liċenzji FLEGT iridu jkunu fuq karta jew fil-forma elettronika.
2. Kemm il-liċenzji fuq karta kif ukoll dawk elettroniċi għandhom jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fl-Appendiċi 1, skont in-noti għall-gwida stabbiliti fl-Appendiċi 2.
3. Il-liċenzji FLEGT għandhom isiru validi fid-data li fiha jinħarġu.
4. Il-liċenzji FLEGT għandhom jiġu nnumerati f' manjiera li tiddistingwi bejn liċenzji intenzjonati għas-swieq tal-Unjoni u dawk intenzjonati għal swieq li mhumiex fl-Unjoni.
5. Il-perjodu ta' validità tal-liċenzji FLEGT m'għandux ikun ta' aktar minn sitt xhur. Id-data tal-iskadenza għandha tiġi indikata fuq il-liċenzja.
6. Wara li l-liċenzja tiskadi, għandha tiġi kkunsidrata bħala nulla. L-awtorità tal-liċenzji tista', fid-diskrezzjoni tagħha, testendi l-perjodu ta' validità għal tliet xhur oħra. Ma' din l-estensjoni, l-awtorità tal-liċenzji għandha ddaħħal u tivvalida data tal-iskadenza ġdida.
7. Il-liċenzji FLEGT m'għandhomx jibqgħu validi u għandhom jiġu rritornati lill-awtorità tal-liċenzji jekk il-prodotti tal-injam koperti mill-liċenzja *jintilfu jew jinqerdu matul il-konsenja qabel ma jaslu fl-Unjoni.*

#### *Artikolu 2*

##### *Speċifikazzjonijiet tekniċi fir-rigward ta' liċenzji FLEGT fuq il-karta*

1. Liċenzji fuq il-karta għandhom jikkonformaw mal-format stabbilit fl-Appendiċi 1.
2. Id-daqs tal-karta għandu jkun A4 standard. Il-karta għandu jkollha marki tal-ilma li juru diversi logos, li jinkludu emblema Liberjana li trid tiġi imbuzzata fuq il-karta flimkien mas-siġill.
3. Il-liċenzji għandhom jimtlew permezz ta' tajpwrajter jew ta' kompjuter. Jistgħu jimtlew bl-idejn, jekk ikun meħtieġ.
4. It-timbri tal-awtorità tal-liċenzji għandhom jiġu applikati permezz ta' timbru tal-metall, preferibbilment magħmul mill-azzar. Madankollu, pressa ibbuzzata kkombinata b'ittri jew ċifri miksuba bil-perforazzjoni tista' tissostitwixxi t-timbru tal-awtorità tal-liċenzji.

5. L-awtorità tal-liċenzji għandha tuża metodu li ma jistax jiġi falsifikat sabiex tirrekordja l-kwantità allokata b'tali mod li jkun impossibbli li jiddaħħlu ċifri jew referenzi.
6. Il-formola m'għandha tinkludi l-ebda tħassir jew tibdil, ħlief jekk dak it-tħassir jew it-tibdil ikun ġie awtentikat mit-timbru u l-firma tal-awtorità tal-liċenzji.
7. Il-liċenzji għandhom jiġu stampati u jimtlew bl-Ingliż.

### *Artikolu 3*

#### *Kopji ta' liċenzji FLEGT*

1. Il-liċenzji għandhom jitfasslu f'ħames kopji permezz tal-kulur tal-karta indikat kif ġej:
  - (a) Abjad, formola numru 1, immarkata l-'Oriġinali';
  - (b) Isfar, kopja numru 2, immarkata 'Kopja għall-awtorità doganali tal-UE';
  - (c) Roża, kopja numru 3, immarkata 'Kopja għall-awtorità tal-liċenzji';
  - (d) Aħdar, kopja numru 4, immarkata 'Kopja għad-dwana tal-Liberja';
  - (e) Blu, kopja numru 5, immarkata 'Kopja għal-liċenzjat'.
2. L-'Oriġinali' għandha tingħata lil-liċenzjat sabiex tintbagħat lill-importatur għas-sottomissjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-Unjoni li fih il-konsenja koperta minn dik il-liċenzja tiġi ddikjarata għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa.
3. It-tieni kopja, immarkata 'Kopja għall-awtorità doganali tal-UE', għandha tingħata lil-liċenzjat sabiex tintbagħat lill-importatur għas-sottomissjoni lill-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tal-Unjoni li fih il-konsenja koperta minn dik il-liċenzja tiġi ddikjarata għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa.
4. It-tielet kopja, immarkata 'Kopja għall-awtorità tal-liċenzji', għandha tinżamm mill-awtorità tal-liċenzji għar-records tagħha u għal-verifika futura tal-liċenzji maħruġa.
5. Ir-raba' kopja, immarjata 'Kopja għad-dwana tal-Liberja', għandha tingħata lill-awtoritajiet doganali tal-Liberja għar-records tagħhom u għal skopijiet ta' esportazzjoni.
6. Il-ħames kopja, immarkata 'Kopja għal-liċenzjat', għandha tingħata lil-liċenzjat għar-records tiegħu.

### *Artikolu 4*

#### *Liċenzji FLEGT mitlufa, misruqa jew meqruda*

1. F'każ ta' telf, serq jew qerda tal-'Oriġinali' u/jew tal-'Kopja għad-dwana tal-UE', il-liċenzjat jew ir-rappreżentat awtorizzat tiegħu jista' japplika lill-awtorità tal-liċenzji għal sostituzzjoni, FILWAQT li jipprova jgustifikazzjoni tat-telf tal-oriġinali u/jew il-kopja.
2. L-awtorità tal-liċenzji għandha toħroġ sostituzzjoni fi żmien xahar wara l-irċevuta tat-talba mil-liċenzjat.

3. Is-sostituzzjoni għandha tinkludi l-informazzjoni u l-entrati li jidhru fuq il-liċenzja li tissostitwixxi, inkluż in-numru tal-liċenzja. Il-liċenzja tas-sostituzzjoni għandu jkollha l-endorsjar 'Liċenzja ta' sostituzzjoni'.
4. F'każ li l-liċenzja mitlufa jew misruqa tinstab, din m'għandhiex tintuża u għandha tintbagħat lura lill-awtorità tal-liċenzji.

#### *Artikolu 5*

##### *Speċifikazzjonijiet tekniċi fir-rigward tal-liċenzji FLEGT elettroniċi*

1. Il-liċenzji FLEGT jistgħu jinħarġu u jiġu pproċessati permezz ta' sistemi elettroniċi.
2. Fl-Istati Membri tal-Unjoni li mhumiex konnessi ma' sistema elettronika, liċenzja fuq il-karti għandha ssir disponibbli.

#### *Artikolu 6*

##### *Trattament ta' dubji rigward il-validità ta' liċenzja*

1. F'każ ta' dubju li jikkonċerna l-validità jew l-awtentiċità ta' liċenzja, duplikat jew liċenzja ta' sostituzzjoni, l-awtorità kompetenti fl-Unjoni tista' titlob informazzjoni addizzjonali mill-awtorità tal-liċenzji.
2. Jekk ikun ikkunsidrat meħtieġ, l-awtorità tal-liċenzji tista' titlob lill-awtorità kompetenti sabiex tibgħat kopja tal-liċenzja jew is-sostituzzjoni inkwistjoni.
3. Jekk l-awtorità tal-liċenzji tikkunsidra li jkun meħtieġ, għandha tirtira l-liċenzja u toħroġ kopja kkoreġuta, li għandha tiġi awtentikata mill-endorsjar ittimbrat 'Duplikat' u tintbagħat lill-awtorità kompetenti.
4. Jekk il-validità tal-liċenzja tiġi kkonfermata, l-awtorità tal-liċenzji għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti minnufih, preferibbilment permezz ta' mezzi elettroniċi. Il-kopji rritornati għandhom jiġu awtentikati mill-endorsjar ittimbrat 'Ivvalidat fi'.
5. F'każ li l-liċenzja inkwistjoni mhijiex valida, l-awtorità tal-liċenzji għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti minnufih, preferibbilment permezz ta' mezzi elettroniċi.

#### **APPENDIĊIJIET**

1. Formola tal-liċenzja.
2. Noti ta' gwida.

## Appendiċi 1

### *Format tal-liċenzja FLEGT*

ORIĠINALI	1	<b>1 Awtorità emittenti</b> Isem  Indirizz	<b>2 Numru ta' Identifikazzjoni tat-taxxa</b>  Destinazzjoni			
		<b>3 Numru tal-liċenzja FLEGT</b>	<b>4 Data ta' skadenza</b> 			
		<b>5 Pajjiż ta' esportazzjoni</b>	<b>7 Mezz ta' transport</b>			
		<b>6 Kodiċi ISO</b>				
		<b>8 Liċenzjat (isem u indirizz)</b>				
		<b>9 Deskrizzjoni kummerċjali tal-prodotti tal-injam</b>			<b>10 Intestatura HS</b>	
	1	<b>11 Ismijiet komuni jew xjentifiċi</b>		<b>12 Pajjiżi tal-ħsad</b>		<b>13 Kodiċi ISO</b>
		<b>14 Volum (m<sup>3</sup>)</b>	<b>15 Piż nett (kg)</b>	<b>16 Numru ta' 'unitajiet</b>		
		<b>17 marki ta' distinzjoni</b>				
		<b>18 Firma u timbru tal-awtorita emittenti</b>  Post u data				



<b>2</b>		<b>Kopja għad-dwana tal-UE</b>	
1 Awtorità emittenti Isem		2 Numru ta' Identifikazzjoni tat-taxxa	
Indirizz		Destinazzjoni	
3 Numru tal-liċenzja FLEGT		4 Data ta' skadenza  _ _ _ _	
5 Pajjiż ta' esportazzjoni		7 Mezz ta' transport  _ _ _ _	
6 Kodiċi ISO			
8 Liċenzjat (Isem u Indirizz)			
9 Deskrizzjoni kummerċjali tal-prodotti tal-injam		10 Intestatura HS	
11 Isem/jet komuni   jaw xjentifiki		12 Pajjiż tal-riġed	
14 Volum (m <sup>3</sup> )		15 Piż nett (kg)	
17 marki ta' distinzjoni		16 Numru ta' unitajiet	
18 Firma u timbru tal-awtorità emittenti			
Post u data			

2

<b>3</b>		<b>Kopja għall-awtorità tal-liċenzji</b>		<b>3</b>
1 Awtorità emittenti Isem		2 Numru ta' Identifikazzjoni tat-taxxa		
Indirizz		Destinazzjoni		
3 Numru tal-liċenzja FLEGT		4 Data ta' skadenza 		
5 Pajjiż ta' esportazzjoni		7 Mezz ta' transport		
6 Kodiċi ISO				
8 Liċenzja(j) (Isem u indirizz)				
9 Deskrizzjoni kummerċjali tal-prodotti tal-injam		10 Intestatura HS		
11 Isem/jiet komuni jew xjentifiċi		12 Pajjiżi tal-riead		13 Kodiċi ISO
14 Volum (m <sup>3</sup> )		15 Piż nett (kg)		16 Numru ta' unitajiet
17 marki ta' disinjoni				
18 Firma u timbru tal-awtorità emittenti				
Post u data				

<b>4</b>		<b>Kopja għad-dwana Liberjana</b>		<b>4</b>
1 Awtorità emittenti Isem		2 Numru ta' Identifikazzjoni tat-taxxa		
Indirizz		Destinazzjoni		
3 Numru tal-liċenzja FLEGT		4 Data ta' skadenza 		
5 Pajjiż ta' esportazzjoni		7 Mezz ta' trasport		
6 Kodiċi ISO				
8 Liċenzjat (isem u indirizz)				
9 Deskrizzjoni kummerċjali tal-prodotti tal-injam		10 Intestatura HS		
11 Isem/jiet komuni jew xjentifiċi		12 Pajjiż tal-riġad		13 Kodiċi ISO
14 Volum (m <sup>3</sup> )		15 Piż nett (kg)		16 Numru ta' unitajiet
17 marki ta' distinzjoni				
18 Firma u timbru tal-awtorità emittenti				
Post u data				

<b>5</b>		<b>Kopja għal-liċenzjat</b>		<b>5</b>
1 Awtorità emittenti Isen		2 Numru ta' Identifikazzjoni tat-taxxa		
Indirizz		Destinazzjoni		
3 Numru tal-liċenzja FLEGT		4 Data ta' skadenza 		
5 Pajjiż ta' esportazzjoni		7 Mezz ta' trasport 		
6 Kodiċi ISO				
8 Liċenzjat (isem u indirizz)				
9 Deskrizzjoni kummerċjali tal-prodotti tal-injam		10 Intestatura HS		
11 Ismijiet komuni jew xjentifiċi		12 Pajjiż tal-riġed		13 Kodiċi ISO
14 Volum (m <sup>3</sup> )		15 Piż nett (kg)		16 Numru ta' unitajiet
17 marki ta' distinzjoni				
18 Firma u timbru tal-awtorità emittenti				
Post u data				

## Appendiċi 2

### Noti ta' Gwida

#### Ġenerali:

- Imla b'ittri kbar.
- Il-kodiċijiet ISO jirreferu għall-kodiċi tal-pajjiż b'żewġ ittri, b'mod konformi mal-istandard internazzjonali.

Kaxxa 1	L-awtorità tal-ħruġ	Indika l-isem u l-indirizz tal-awtorità tal-liċenzja.
Kaxxa 2	Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa u d-destinazzjoni	Indika n-numru Liberjan tal-identifikazzjoni tat-taxxa u d-destinazzjoni tal-esportazzjoni. Il-liċenzja se jinħarġu għad-destinazzjonijiet tas-swieq kollha, mhux biss l-Unjoni Ewropea.
Kaxxa 3	Numru tal-liċenzja FLEGT	Indika n-numru tal-liċenzja.
Kaxxa 4	Id-data tal-iskadenza	Il-perjodu ta' validità tal-liċenzja.
Kaxxa 5	Pajjiż ta' esportazzjoni	Dan ifisser il-pajjiż sieħeb (il-Liberja) minn fejn il-prodotti tal-injam ġew esportati lejn l-Unjoni.
Kaxxa 6	Kodiċi ISO	Indika l-kodiċi b'żewġ ittri għal-Liberja.
Kaxxa 7	Mezzi ta' trasport	Indika l-mezz tat-trasport fil-punt tal-esportazzjoni.
Kaxxa 8	Liċenzjat	Indika l-isem u l-indirizz tal-esportatur.
Kaxxa 9	Deskrizzjoni kummerċjali	Indika d-deskrizzjoni kummerċjali tal-prodott(i) tal-injam.
Kaxxa 10	Intestatura HS	Il-kodiċi tal-komodità b'erba' jew sitt numri stabbilit skont is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifika tal-Komodità u deskritt fl-Anness I ta' dan il-Ftehim.
Kaxxa 11	Isem komuni jew xjentifiku	Indika l-isem komuni jew xjentifiku tal-ispeċijiet tal-injam użati fil-prodott. Fejn aktar minn speċi waħda hija inkluża fi prodott kompost, uża linji separati. Jistgħu jitħallew barra għal prodott kompost jew komponent li fih speċi multipli li l-identità tagħhom intilfet (eż twavel tal-partikuli [particle board]).
Kaxxa 12	Pajjiżi tal-ħsad	Indika l-pajjiżi fejn l-injam imsemmi fil-Kaxxa 10 ġie maħsud. Fil-każ ta' prodotti komposti, inkludi s-sorsi kollha tal-injam użat. Jista' jitħalla barra għal prodott kompost li fih speċi multipli li m'għandhomx identifikabbli.
Kaxxa 13	Kodiċijiet ISO	Indika l-kodiċi ISO tal-pajjiżi imsemmija fil-kaxxa 12. Jista' jitħalla barra għal prodott kompost jew komponent li fih speċi multipli li l-identità tagħhom intilfet.
Kaxxa	Volum (m <sup>3</sup> )	Agħti l-volum totali f'm <sup>3</sup> . Jista' jitħalla barra ħlief jekk tkun

14		tħalliet barra l-informazzjoni msemmija fil-kaxxa 15.
Kaxxa 15	Piż nett (kg)	Agħti l-piż f'kg. Dan jiġi definit bħala l-massa netta tal-prodotti tal-injam mingħajr kontenituri immedjati jew kwalunkwe ippakkjar, ħlief irfid, spacers, tikketti, eċċ. Jista' jitħalla barra ħlief jekk tkun tħalliet barra l-informazzjoni msemmija fil-kaxxa 14.
Kaxxa 16	Numru ta' unitajiet	Indika n-numru ta' unitajiet, jekk dan ikun l-aħjar mod li bih il-prodott manifatturat jingħadd. Jista' jitħalla barra.
Kaxxa 17	Marki distintivi	Indika, fejn ikun xieraq, kull marka distintiva, pereżempju n-numru tal-lott jew n-numru tal-polza tat-tagħbija. Jista' jitħalla barra.
Kaxxa 18	Firma u timbru tal-awtorità tal-ħruġ	Din il-kaxxa għandu jkollha l-firma tal-uffiċjal awtorizzat u tiġi ttimbrata bit-timbru uffiċjali tal-awtorità tal-liċenzji.  L-isem u l-post u d-data tal-firmatarju jridu jiġu indikati wkoll.

## ANNEX V

### **FUNZJONIJIET TAL-AWDITJAR INDIPENDENTI: TERMINI TA' REFERENZA**

#### **1. DAĦLA**

Dawn it-termini ta' referenza (ToR) jiddeskrivu l-qafas għall-ikkontrollar tas-sistemi tal-assigurazzjoni tal-legalità stabbiliti għall-Ftehim ta' Sħubija Volontarja (VPA) bejn il-Gvern tal-Liberja u l-Unjoni. It-ToR jiddeskrivu l-funzjonijiet tal-awditjar indipendenti (IA) tas-Sistema tal-Assigurazzjoni tal-Legalità (LAS), li tipprovdi assicurazzjoni li l-injam maħsud, ipproċessat u esportat jew mibjugħ fis-suq domestiku huwa konformi mad-definizzjoni tal-legalità, tivverifika li jikkonforma mal-katina ta' rekwiżiti ta' kustodja u tivverifika li l-awtorità tal-liċenzji tkun ħarġet liċenzji FLEGT biss għal konsenji li jiġu prodotti skont ir-rekwiżiti LAS.

It-ToR għalhekk jistabbilixxu lista ddettaljata ta' kompiti u protokoll għall-ġbir tal-informazzjoni u r-rapportaġġ; jistabbilixxu ukoll lista ta' sorsi primarji ta' informazzjoni u jiddeskrivu l-kwalifiki meħtieġa mill-awditur indipendenti.

#### **2. GĦANIJET**

L-għanijiet tal-IA jinkludu:

- (a) il-valutazzjoni tal-effiċjenza u l-effettività tal-LAS; u
- (b) it-titjib tal-kredibilità tal-LAS stabbilita taħt il-VPA.

#### **3. KOMPITI**

Il-kompitu ġenerali tal-awditur indipendenti huwa li jimmonitorja l-implimentazzjoni tas-sistemi stabbiliti sabiex tiġi verifikata l-konformità legali mal-aspetti kollha tal-LAS. Il-kwistjonijiet ewlenin li jridu jiġu kkontrollati se jinkludu l-konformità mar-rekwiżiti legali stabbiliti fid-definizzjoni tal-legalità, il-katina tal-kustodja u l-verifika mid-Dipartiment Liberjan tal-Verifika (LVD) u d-Dipartiment Liberjan tal-Liċenzjar (LLD), kollha deskritti fl-Annessi II u IV rispettivament. Il-metodu li jrid jintuża għandu jiġi bbażat fuq l-evidenza u jinkludi kontrolli dokumentarji u żjarat fuq il-post. Il-kompiti speċifiċi tal-awditur indipendenti se jkunu:

- (a) jikkontrolla li s-sistemi qed jiffunzjonaw b'mod effettiv u li l-injam maħsud, ipproċessat u kkumerċjalizzat jikkonforma mar-rekwiżiti ta' dawn is-sistemi, Dan jinkludi r-rekwiżiti legali għall-allokazzjonijiet tad-drittijiet tal-injam qabel il-kuntratt, l-allokazzjoni tal-kuntratt, il-qtugħ, l-ipproċessar u l-konsenji;
- (b) il-verifika li l-katina tas-sistema tal-kustodja, komponent ewleni tal-LAS, hija effettiva u qed tiffunzjona b'mod xieraq, li tikkonferma li qed jiġu sodisfatti r-rekwiżiti mill-operazzjonijiet ta' qabel il-ħsad sal-esportazzjoni jew il-bejgħ fis-suq domestiku;
- (c) jivvaluta l-prestazzjoni u l-effettività tal-LVD u aġenzji assoċjati tal-Gvern involuti fil-proċess tal-verifika sabiex tiġi żgurata konformità mar-rekwiżiti tal-LAS;
- (d) jivvaluta s-sistema stabbilita sabiex jiġi żgurat li l-LLD joħroġ liċenzji FLEGT biss għal konsenji li jiġu prodotti jew esportati f'konformità sħiħa mal-LAS;

- (e) jivvaluta l-proċess għad-determinazzjoni tal-validità ta' liċenzji sabiex jiġi żgurat li s-sistema tal-verifika tal-liċenzji hija effiċjenti u ma ddewwimx jew ma titfax piż mhux mistħoqq fuq id-detentur tal-liċenzja;
- (f) jivvaluta kif jiġi indirizzat jew kif ma jiġix indirizzat ksur irrapportat mill-awtoritajiet rilevanti;
- (g) jevalwa l-effettività ta' kwalunkwe miżura meħuda sabiex jiġu kkoreġuti dawk id-dgħufijiet;
- (h) jidentifika lakuni u dgħufijiet fil-LAS ġenerali, jiġifieri l-funzjonament tal-katina tal-komponenti tal-kustodja, il-verifika tal-legalità u l-liċenzjar tal-LAS, u l-livell tal-impatt fuq il-kredibilità tal-LAS;
- (i) jirrapporta s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Kumitat Konġunt tal-Implimentazzjoni (JIC), li jeħtieġ li jippubblika dawn ir-rapporti tal-awditjar regolament.

#### **4. METODOLOĠIJA: METODI GĦALL-ĠBIR U L-VALUTAZZJONI TA' INFORMAZZJONI U RAPPURTAĠĠ**

L-awditur indipendenti huwa jeħtieġ li juri professjonalità u integrità fit-twertieq tar-responsabbiltajiet tiegħu. L-awditur indipendenti għandu jħejji manwal ta' proċeduri li jiddeskrivi metodi għall-ġbir ta' informazzjoni, il-valutazzjoni tal-evidenza u r-rappurtaġġ. Il-manwal propost mill-awditur indipendenti se jiġi rivedut u mifthiem mill-JIC. L-awditur indipendenti għandu juża l-proċeduri stabbiliti fil-Manwal tal-IA sabiex iwettaq awditi, żjarat u investigazzjonijiet fuq il-post, ifittex taġħrif informattiv minn partijiet interessati u jiddokumenta u jirrapporta s-sejbiet tiegħu lill-JIC għal publikazzjoni sussegwenti.

##### **4.1. Skeda ta' xogħol**

- (a) Fl-ewwel sena tal-operazzjoni tal-iskema tal-liċenzji FLEGT, l-awditur indipendenti għandu jwettaq żewġ awditi. L-ewwel awditu għandu l-għan li tistabbilixxi li r-rekwiżiti kollha tal-LAS huma fis-seħħ u lesti sabiex jibdew joperaw b'mod komplut. It-tieni awditu, u l-awditi l-oħra kollha fil-futur, se jivvaluta jew jevalwa l-prestazzjoni tal-LAS.
- (b) Fis-snin sussegwenti l-awditur indipendenti għandu jwettaq għall-inqas awditi annwali tal-LAS.
- (c) L-awditur indipendenti jista' jwettaq ukoll awditi għall-għarrieda u kontrolli fuq il-post kif meħtieġ.

##### **4.2. L-ambitu tax-xogħol**

- (a) L-attivitajiet tal-awditur indipendenti għandhom ikopru l-aspetti kollha tal-LAS, inkluż il-konformità mad-definizzjoni tal-legalità, il-katina tas-sistema tal-kustodja, il-verifika u l-liċenzjar, u kwalunkwe skema ta' ċertifikazzjoni li l-Gvern ikun approva li ttipprovdi evidenza ta' konformità mal-LAS.
- (b) L-awditur indipendenti għandu jawditja l-attivitajiet rilevanti tal-istituzzjonijiet kollha, inkluż l-aġenziji tal-Istat, responsabbli għal aspetti differenti tal-LAS tal-Liberja.
- (c) L-awditur indipendenti għandu jikkontrolla s-sistemi implimentati mill-awtoritajiet kompetenti tal-UE sabiex jivverifika l-liċenzji FLEGT maħruġa mil-Liberja.



### **4.3. Il-ġbir ta' evidenza**

Il-Manwal tal-Proċeduri tal-IA għandu jiddeskrivi l-proċeduri u l-prattiki għall-ġbir tal-evidenza li se jinkludu kontrolli fuq il-post, investigazzjonijiet, intervisti, dokumentazzjoni u kif l-awditur indipendenti se jwieġeb għall-ilmenti.

### **4.4. Valutazzjoni**

Matul l-investigazzjonijiet, l-awditur indipendenti se jiżgura li l-evidenza tiġi vvalutata skont l-ISO 19011 jew standard ekwivalenti.

### **4.5. Sistemi ta' awditjar**

Fid-dokumentazzjoni tal-evidenza tal-awditu, id-dijanjożi ta' nuqqasijiet u ksur fi kwalunkwe parti mil-LAS u l-insewiment tal-azzjoni korrettiva meħuda, l-awditur indipendenti għandu:

- (a) iżomm rekords xierqa tal-evidenza tal-awditu li jiddettaljaw il-prestazzjoni, il-konformità, in-nuqqas ta' prestazzjoni u n-nuqqas ta' konformità;
- (b) jirrekordja u jivvaluta kampjun, magħżul abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju, tan-nuqqas ta' prestazzjoni jew in-nuqqas ta' konformità skopert mal-aspetti differenti tal-LAS, inkluż ir-rekwiżiti tal-liċenzjar, u l-azzjoni meħuda sabiex jiġi indirizzat;
- (c) jirrekordja d-dgħufijiet, in-nuqqasijiet u l-oqsma osservati, li huma relatati mas-sistema, li jeħtieġu titjib fl-LAS u jiżgura li kull wieħed huwa distint b'mod xieraq mill-oħrajn;
- (d) jirrekordja u jivvaluta l-effettività tal-miżuri korrettivi kollha implimentati mill-partijiet ikkonċernati, inkluża l-Awtorità tal-Iżvilupp tal-Forestrija (FDA), awtoritajiet Statali u korpi privati oħra responsabbli għal aspetti oħra tal-LAS.

## **5. RAPPORTI U TIXRID**

**5.1.** L-awditur indipendenti għandu jżomm ma' struttura u protokoll sabiex iħejji r-rapporti tiegħu kif mifthiema mal-JIC. L-awditur indipendenti għandu:

- (a) jirrapporta dwar attivitajiet f'konformità mal-iskeda tax-xogħol maqbula mal-JIC;
- (b) iħejji r-rapport tiegħu skont il-prinċipji tal-awditjar aċċettati internazzjonalment u kif speċifikat fil-ftehim tiegħu mal-JIC;
- (c) jippreżenta r-rapporti kollha lil JIC, li mbagħad għandu jikkumenta dwarhom;
- (d) iħejji rapporti finali li jirriflettu l-kummenti tal-JIC.

**5.2.** Ir-rapporti validati mill-JIC se jsiru dokumenti pubbliċi.

## **6. SORSI TA' INFORMAZZJONI**

Sorsi primarji ta' informazzjoni għandhom jinkludu reviżjonijiet ta' dokumenti, żjarat fuq il-post u konsultazzjonijiet/laqgħat ma' partijiet interessati rilevanti li jiġu identifikati fid-definizzjoni tal-legalità tat-tabella tal-verifika tal-legalità (irreferi għall-Anness II).

Il-Gvern tal-Liberja u l-Unjoni se jiżguraw li l-awditur indipendenti għandu aċċess għall-informazzjoni meħtieġa kollha, inkluż id-dokumenti u l-bażi tad-dejta li jqis rilevanti, speċjalment dawk li huma meħtieġa sabiex tiġi vvalutata l-effikaċja ta' sistemi stabbiliti

sabiex tiġi verifikata konformità mal-LAS. Dan għandu jinkludi aċċess għall-informazzjoni prodotta jew miżmuma minn ferġat u aġenziji tal-Gvern kif ukoll korpi privati rreklutati mill-Gvernijiet ikkonċernati.

L-awditur indipendenti għandu jkollu wkoll aċċess sħiġ għall-oqsma kollha tal-ġestjoni tal-foresti qabel, matul u wara l-operazzjonijiet fil-foresti. Dan se jinkludi aċċess għal siti tal-qtuġ tas-siġar u oqsma oħra fejn ir-riżorsi tal-foresti qed jiġu estratti jew ipproċessati u għall-punti tal-esportazzjoni. Dan l-aċċess wiesa' huwa mfassal sabiex l-awditur indipendenti jkun jista' jikxef dgħufijiet kull fejn jeżistu fl-LAS.

Speċifikament, l-awditur indipendenti għandu jkollu aċċess għall-aġenziji tal-Gvern li ġejjin, korpi oħra maħtura jew rreklutati mill-Gvern sabiex iwettqu funzjonijiet relatati ma' kwalunkwe parti mil-LAS u partijiet oħra li jistgħu jkunu kapaċi li jipprovdu informazzjoni rilevanti dwar il-funzjonament tal-LAS:

### **6.1. Il-Gvern tal-Liberja u korpi maħtura mill-Gvern**

- (a) Id-dipartimenti tal-FDA li huma nvoluti f'aspetti differenti ta' qtuġ kummerċjali tas-siġar. Dan għandu jinkludi d-dipartimenti involuti fil-proċessi ta' qabel l-allokazzjoni, inkluż il-validazzjoni tal-oqsma proposti ta' konċessjoni, il-kwalifika minn qabel tal-qtuġ tas-siġar u kumpaniji oħra interessati fis-settur kummerċjali tal-forestrija u t-tħabbir, ir-riċezzjoni u l-ftuħ tal-offerti.
- (b) Id-dipartimenti tal-FDA involuti fl-infurzar tal-liġi fis-settur kummerċjali.
- (c) Id-dipartimenti tal-FDA u istituzzjonijiet rilevanti oħra involuti fl-implimentazzjoni tas-sistema tal-assigurazzjoni tal-legalità u attivitajiet relatati tal-infurzar tal-liġi.
- (d) Aġenziji oħra tal-Gvern u ċittadini maħtura involuti fil-proċessi tal-evalwazzjoni tal-offerti, inkluż il-Panel tal-Evalwazzjoni tal-Offerta, il-Kumitat tad-Diliġenza Dovuta u l-Kumitat Inter-Ministerjali dwar il-Konċessjonijiet (IMCC).
- (e) Il-Kumitat Leġiżlattiv dwar il-Forestrija, il-Kamra tar-Rappreżentanti u s-Senat fir-rigward tar-rwoli tagħhom fil-proċess tar-ratifikkazzjoni tal-liċenzji tar-riżorsi tal-foresti.
- (f) L-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent (EPA) tal-Liberja.
- (g) Il-ministeri tal-Gvern responsabbli għal esportazzjonijiet ta' prodotti tal-foresti, inkluż il-Ministeru tal-Finanzi, il-Ministeru tal-Kummerċ u l-Awtorità Nazzjonali tal-Port u d-dipartimenti interni tagħhom responsabbli għal diversi aspetti tal-proċess.
- (h) Il-fornitur tas-servizz imqabba sabiex jopera s-sistema tal-assigurazzjoni tal-legalità.

### **6.2. Is-soċjetà ċivili u l-komunitajiet**

- (a) Organizzazzjonijiet lokali, nazzjonali, reġjonali u internazzjonali tas-soċjetà ċivili involuti fil-monitoraġġ ta' attivitajiet tal-forestrija fil-Liberja.
- (b) Komunitajiet u individwi involuti fil-monitoraġġ ta' attivitajiet tal-forestrija.
- (c) Il-Korpi Komunitarji tal-Ġestjoni tal-Forestrija u l-Kumitati Komunitarji tal-Iżvilupp tal-Forestrija involuti f'diversi aspetti tas-setturi kummerċjali tal-forestrija.

### 6.3. Sorsi oħra

- (a) Kumpaniji tal-forestrija, inkluż riżultati ta' proċessi privati ta' ċertifikazzjoni.
- (b) Istituzzjonijiet akkademiċi.
- (c) Awtoritajiet lokali.
- (d) Komunitajiet u popolazzjonijiet lokali.
- (e) Korpi ta' ċertifikazzjoni ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti (SFM).
- (f) Kwerelanti.
- (g) Awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni.
- (h) Partijiet interessati u partijiet li jirreġistraw ilment jew jitolbu awditjar għall-għarrieda ta' ċerti aspetti tal-LAS.
- (i) Kwalunkwe sors ieħor li l-awditur indipendenti jikkunsidra rilevanti.

## 7. KWALIFIKI MEĦTIEĠA

L-awditur indipendenti jrid ikollu l-integrità u jkollu l-kompetenza tat-twertieq ta' awditi simili, ikun oġġettiv u jkollu l-kapaċità li jwettaq analiżi sistematika. L-awditur indipendenti jrid ikun indipendenti minn operaturi Liberjani u istituzzjonijiet Liberjani li għandhom rwol kummerċjali jew regolatorju fis-settur tal-forestrija u jkun kredibbli. Hija r-responsabbiltà tal-awditur indipendenti li jiżgura li l-persunal tiegħu jiddikjara kwalunkwe kunflitt ta' interessi potenzjali, u, fejn dawn jeżistu, li jiddikjara liema miżuri se jieħu sabiex itaffi dawn il-kunflitti. Flimkien ma' dan ir-rekwiżit, l-awditur indipendenti għandu jissodisfa r-rekwiżiti l-oħra li ġejjin:

- (a) ikollu sistema ta' ġestjoni tal-kwalità interna dokumentata li tissodisfa r-rekwiżiti ta' ISO 17021<sup>27</sup> jew standards ekwivalenti u jwettaq awditi skont il-proċeduri li jissodisfaw ISO 19011<sup>28</sup> jew standards ekwivalenti;
- (b) ikollu esperjenza f'awditji ta' sistemi ta' ġestjoni;
- (c) ikollu fis-seħħ mekkaniżu għall-indirizzar b'mod trasparenti ta' ilmenti;
- (d) ikollu firxa ta' kompetenzi inkluż l-awditjar, preferibbilment fil-ġestjoni tal-foresti, u kompetenzi u esperjenza biżżejjed fit-twertieq ta' funzjonijiet simili f'partijiet oħra tad-dinja, preferibbilment fl-Afrika;
- (e) ikun jista' juri li t-timijiet tiegħu jinkludu esperti b'esperjenza biżżejjed fil-Liberja u/jew x'imkien ieħor fl-Afrika tal-Punent. L-involviment ta' esperti mis-sottoreġjun huwa inkoraġġit flimkien mal-esperti internazzjonali;
- (f) ikollu fehim fil-fond tas-settur kummerċjali tal-forestrija, preferibbilment fl-Afrika;
- (g) ikollu persunal b'kompetenzi f'diversi oqsma tal-forestrija, inkluż il-ġestjoni tal-forestrija, l-ipproċessar, it-traċċabbiltà u l-katina ta' sistemi ta' kustodja, u kummerċ internazzjonali fl-injam u prodotti tal-injam.

L-awditur indipendenti jista' jikkunsidra sħubija jew proġett konġunt ma' organizzazzjoni Liberjana.

---

<sup>27</sup> ISO/IEC 17021:2006. Valutazzjoni ta' konformità – Rekwiżiti għal korpi li jipprovdu l-awditjar u ċertifikazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni.

<sup>28</sup> ISO 19011:2002. Linji gwida għall-awditjar ta' sistemi ta' ġestjoni tal-kwalità u/jew ambjentali..

## **8. IL-PROĊESS TAS-SELEZZJONI U ARRANĠAMENTI ISTITUZZJONALI**

L-awditur indipendenti se jiġi reklutat minn proċess ta' offerri kompetittivi (miftuħ għal entitajiet nazzjonali u internazzjonali). L-evalwazzjoni tal-offerta se tkun trasparenti u l-partijiet interessati kollha se jiġu infurmati bil-kriterji li se jiġu applikati. Diligjenza dovuta mwettqa fuq l-entitajiet li qed jikkompetu u r-rapport tal-evalwazzjoni tal-offerta se jsiru pubbliċi.

## **9. REKWIŻITI OĦRA**

Din it-taqsimha tkopri responsabbiltajiet addizzjonali tal-awditur indipendenti li mhumiex indirizzati f'partijiet oħra ta' dawn it-termini ta' referenza.

### **9.1. Aċċessibilità**

L-awditur indipendenti huwa mistenni li jkollu punt ta' kuntatt fil-Liberja sabiex issir aċċessibbli għas-settur privat, il-Gvern u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

### **9.2 L-infurzar tal-kapaċitajiet u s-sostenibilità**

L-awditur indipendenti għandu wkoll:

- (a) jinvolvi ruħu mas-soċjetà ċivili, is-settur pubbliku u l-aġenziji tal-Gvern b'modi li jippermettu li l-Liberjani jakkwistaw fehim ġust tax-xogħol tal-awditur indipendenti, pereżempju minn gruppi ta' ħidma okkażjonali u sessjonijiet ta' informazzjoni;
- (b) jirrekluta Liberjani kwalifikati u jsaħħaħ il-kapaċità individwali tagħhom dwar kif iwettqu IAs tal-LAS.

## ANNEX VI

### KRITERJI GĦALL-EVALWAZZJONI TAS-SISTEMA TAL-ASSIGURAZZJONI TAL-LEGALITÀ

Dan il-Ftehim jipprovdi għall-implimentazzjoni ta' sistema tal-assigurazzjoni tal-legalità (LAS) li għandha l-għan li tiggarrantixxi li l-injam u l-prodotti derivati kollha speċifikati f'dan il-Ftehim u esportati mil-Liberja lejn l-Unjoni jiġu prodotti għal kollox legalment. L-LAS għandha tinkludi:

- definizzjoni tal-injam prodott legalment li telenka l-liġijiet li għandhom jiġu mħarsa sabiex tiġi maħruġa liċenzja;
- il-kontroll tal-katina tal-provvista biex l-injam jiġi intraċċat mill-foresta sal-punt ta' esportazzjoni;
- il-verifika tal-konformità mal-elementi kollha tad-definizzjoni tal-legalità u tal-kontroll tal-katina tal-provvista;
- il-proċeduri għall-ħruġ tal-liċenzji FLEGT; u
- l-awditu indipendenti sabiex jiġi żgurat li s-sistema qed taħdem kif intenzjonata.

L-LAS se tiġi soġġetta għal evalwazzjoni teknika indipendenti qabel ma l-iskema ta' liċenzji FLEGT ssir operazzjonali; it-termini ta' referenza se jiġu miftiehma b'mod konġunt bejn il-Partijiet, permezz tal-Kumitat Konġunt tal-Implimentazzjoni (JIC) għall-Ftehim. Dawn il-kriterji ta' evalwazzjoni jiddeskrivu dak li LAS hija mistennija li tipproduċi u se jipprovdu bażi għat-termini ta' referenza għall-evalwazzjoni. L-evalwazzjoni se:

- tirrevedi kwalunkwe reviżjoni magħmula lis-sistema wara l-iffirmar tal-Ftehim; u
- teżamina l-funzjonament tas-sistema fil-prattika u jekk twassalx għar-riżultat intenzjonat.

#### 1. DEFINIZZJONI TA' LEGALITÀ

*L-injam prodott legalment għandu jiġi definit fuq il-bażi tal-liġijiet applikabbli fil-Liberja. Id-definizzjoni użata għandha tkun mingħajr ambigwiżità, tiġi verifikata b'mod objettiv u tsita' tintuża b'mod operazzjonali u, bħala minimu, tinkludi dawk il-liġijiet li jkopru:*

*Drittijiet tal-ħsad: l-għoti ta' drittijiet legali biex jiġi maħsud l-injam fi ħdan konfini reġistrati legalment;*

*Operazzjonijiet tal-forestrija: konformità mar-rekwiżiti legali fir-rigward tal-ġestjoni tal-foresti, inkluża l-konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali u tax-xogħol rilevanti;*

*Miżati u taxxi: konformità mar-rekwiżiti legali dwar it-taxxi u l-miżati relatati direttament mal-ħsad tal-injam u d-drittijiet fuq il-ħsad;*

*Utenti oħra: rispett għal drittijiet legali ta' partijiet oħra jew drittijiet ta' użu fuq l-art u riżorsi li jistgħu jiġu affettwati mid-drittijiet fuq il-ħsad tal-injam, fejn drittijiet oħra bħal dawn jeżistu;*

***Kummerċ u dwana: konformità mar-rekwiżiti legali għall-kummerċ u l-proċeduri doganali.***

Nistgħu nidentifikaw b'mod ċar l-istrument legali sottostanti għal kull element tad-definizzjoni?

Il-kriterji u l-indikaturi li jistgħu jintużaw sabiex tiġi ttestjata l-konformità ma' kull element tad-definizzjoni huma speċifikati?

Il-kriterji/indikaturi huma ċari, objettivi u applikabbli għall-pjan operazzjonali?

L-indikaturi u l-kriterji jidentifikaw b'mod ċar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-partijiet differenti u l-verifika tal-konformità legali tivvaluta l-prestazzjonijiet tal-partijiet rilevanti kollha?

Id-definizzjoni tal-legalità tinkludi l-oqsma ewlenin tal-liġi eżistenti deskritta hawn fuq? Jekk le, għaliex ċerti oqsma tal-liġi tħallew barra mid-definizzjoni?

Fit-tfassil tad-definizzjoni, il-partijiet ikkonċernati kkunsidraw l-oqsma ewlenin kollha tal-liġi applikabbli?

Is-sistema tal-assigurazzjoni tal-legalità tinkorpora d-dispożizzjonijiet legali ewlenin identifikati matul id-diskussjoni li saret qabel bejn id-diversi partijiet involuti?

Id-definizzjoni tal-legalità tapplika għas-sorsi kollha possibbli tal-injam li jidhru fil-katina tal-provvista intenzjonata għall-Unjoni u huma indikaturi xierqa żviluppata għall-proċeduri ta' allokkazzjoni ta' sorsi/drittijiet differenti?

Id-definizzjoni tal-legalità u t-tabella tal-assigurazzjoni tal-legalità ġiet emendata mill-konklużjoni tal-Ftehim? Ġew definiti indikaturi u kriterji biex tkun żgurata l-verifika ta' dan it-tibdil? Il-partijiet interessati rilevanti kollha ġew ikkonsultati dwar dan it-tibdil fi proċess li qies adegwatament il-fehmiet tagħhom?

## **2. KONTROLL TAL-KATINA TAL-PROVVISTA**

*Is-sistemi li jikkontrollaw il-katina tal-provvista jridu jipprovdu assicurazzjoni kredibbli li l-prodotti tal-injam jistgħu jiġu rintraċċati tul il-katina tal-provvista kollha mill-ħsad jew il-punt ta' importazzjoni sal-punt ta' esportazzjoni. Mhux dejjem se jkun neċessarju li tinżamm traċċabilità fiżika għal zokk, tagħbija taz-zkuk jew prodott tal-injam mill-punt tal-esportazzjoni lura sal-foresta ta' oriġini, iżda hija dejjem meħtieġa bejn il-foresta u l-ewwel punt ta' taħlit possibbli (eż. terminal tal-injam jew faċilità tal-ipproċessar).*

### **2.1. Drittijiet tal-qtugħ tas-siġar**

*Hemm delineazzjoni ċara taż-żoni fejn id-drittijiet fuq ir-riżorsi tal-foresta ġew allokatu u ġew identifikati d-detenturi ta' dawk id-drittijiet.*

Is-sistema ta' kontroll tiżgura li l-injam li joriġina minn żona ta' foresta bi drittijiet tal-użu validi u permissibbli biss jidħol fil-katina tal-provvista?

Is-sistema ta' kontroll tiżgura li l-intrapriżi li jmexxu l-operazzjonijiet tal-ħsad ingħataw id-drittijiet tal-qtuġħ tas-siġar xierqa għaż-żoni tal-foresti konċernati?

Il-proċeduri għall-ħruġ tal-drittijiet tal-qtuġħ tas-siġar u l-informazzjoni dwar id-drittijiet tal-qtuġħ tas-siġar maħruġa u d-detenturi tagħhom ġew ippubblikati kif meħtieġ mil-leġislazzjoni Liberjana?

## 2.2. Sistemi għall-kontroll tal-katina tal-provvista

***Hemm mekkaniżmi effettivi għar-rintraċċar tal-injam tul il-katina tal-provvista kollha mill-punt tal-ħsad sal-punt tal-esportazzjoni.***

L-approċċ għall-identifikazzjoni tal-injam jista' jvarja, mill-użu ta' tikketti għal oġġetti individwali sad-dipendenza fuq id-dokumentazzjoni li takkompanja tagħbija jew lott. Il-metodu magħżul għandu jirrifletti t-tip u l-valur tal-injam u r-riskju ta' kontaminazzjoni b'injam illegali jew mhux verifikat.

L-alternattivi tal-katina tal-provvista kollha ġew identifikati u deskritti fis-sistema ta' kontroll?

L-istadji kollha fil-katina tal-provvista ġew identifikati u deskritti fis-sistema ta' kontroll?

Huma definiti u dokumentati metodi li (a) jidentifikaw l-oriġini tal-prodott u (b) jevitaw it-taħlit ma' injam minn sorsi mhux magħrufa fl-istadji sussegwenti tal-katina tal-provvista, jiġifieri:

- injam fil-forest, a,
- trasport,
- ħażna temporanja,
- wasla fil-faċilità tal-ipproċessar primarju,
- faċilitajiet tal-ipproċessar,
- ħażna temporanja,
- trasport,
- wasla fil-punt tal-esportazzjoni?

Liema organizzazzjonijiet huma responsabbli għall-kontroll tal-flussi tal-injam? Dawn għandhom riżorsi umani u riżorsi oħra xierqa biex imexxu l-attivitajiet ta' kontroll?

Jeżisti protokoll għall-verifika tar-riżultati tal-proċeduri ta' kontroll stabbiliti u applikati?

Il-proċeduri ta' applikazzjoni huma definiti b'mod ċar u kkomunikati lill-partijiet interessati kollha?

### 2.3. Kwantitajiet

***Hemm mekkaniżmi robusti u effettivi għall-kejl u l-irrekordjar tal-kwantitajiet ta' injam jew prodotti tal-injam f'kull stadju tal-katina tal-provvista, inklużi stimi affidabbli u preċiżi ta' qabel il-ħsad tal-volum ta' siġar għall-produzzjoni tal-injam f'kull post tal-ħsad.***

Is-sistema tal-kontroll tipproduċi dejta kwantitattiva dwar id-dħul u l-produzzjoni fl-istadji li ġejjin tal-katina tal-provvista?

- siġar għall-produzzjoni tal-injam,
- zkk fil-foresti,
- injam trasportat u maħżun,
- wasla fil-faċilità tal-ipproċessar primarju,
- kontroll fi ħdan il-faċilitajiet tal-ipproċessar,
- wasla fil-punt tal-esportazzjoni?

Liema organizzazzjonijiet huma responsabbli biex idaħħlu d-dejta kwantitattiva fis-sistema ta' kontroll? Kif inhuma kollegati dawn l-organizzazzjonijiet? Il-persunal ta' dawn l-organizzazzjonijiet jingħataw taħriġ b'mod standard fil-ġestjoni tad-dejta? L-organizzazzjonijiet għandhom riżorsi adegwati f'termini ta' persunal u taġmir?

X'inhil-kwalità tad-dejta kkontrollata?

Jekk organizzazzjonijiet differenti huma responsabbli, kif jiġi żgurat li l-prestazzjoni tal-kontroll u tal-ġestjoni tad-dejta jitwettqu bl-istess mod u għall-istess standards bejn l-organizzazzjonijiet?

### 2.4. Ġbir tad-dejta

***Id-dejta kollha għandha tiġi rrekordjata b'mod li tkun tista' tiġi rikonċiljata mal-istadji ta' qabel u ta' wara tal-katina fi żmien opportun. Titwettaq rikonċiljazzjoni affidabbli għall-katina tal-provvista kollha.***

Id-dejta kwantitattiva kollha hija rrekordjata b'mod li l-kwantitajiet ikunu jistgħu jiġu rikonċiljati mingħajr dewmien mal-istadji ta' qabel u dawk sussegwenti fil-katina tal-provvista?

Jeżistu metodi biex tiġi vvalutata l-korrispondenza bejn l-siġar għall-produzzjoni tal-injam, iż-zkk maħsuda u l-injam li jidħol fl-impjant/punt ta' esportazzjoni?

Jeżistu metodi biex tiġi vvalutata l-koerenza bejn id-dħul ta' materji primi u l-ħruġ ta' prodotti pproċessati fl-istabbilimenti fejn jisserraw l-injam u impjanti oħra?

Huwa possibbli li titwettaq rikonċiljazzjoni affidabbli għal kull oġġett individwali jew għal kull lott ta' prodotti tal-injam tul il-katina tal-provvista kollha?

Liema sistemi u tekniki ta' informazzjoni jintużaw biex tinħażen, tiġi rikonċiljata u rrekordjata d-dejta? Jeżistu sistemi robusti fis-seħħ biex tiġi żgurata d-dejta?

Kif jiġi evitat l-aċċess mhux awtorizzat għas-sistema (sigurtà tas-sistema)?

Kif tiġi garantita l-vijabbiltà tas-sistemi ta' sigurtà?



Liema organizzazzjoni hija responsabbli għar-rikonċiljazzjoni tad-dejta? Għandha riżorsi umani u riżorsi oħra adegwati biex twettaq l-attivitajiet ta' ġestjoni tad-dejta?

Liema informazzjoni dwar il-kontroll tal-katina tal-provvista issir disponibbli pubblikament?

Kif jistgħu jkollhom aċċess għal din l-informazzjoni l-partijiet interessati?

## **2.5. Prodotti tal-injam importati**

***Hemm kontrolli adegwati sabiex jiġi żgurat li l-prodotti tal-injam u l-prodotti derivati ġew importati f'konformità mar-rekwiżiti u l-proċeduri legali stabbiliti sabiex jiġi żgurat li l-importazzjonijiet ikunu ġew maħsuda legalment skont ir-rekwiżiti legali tal-pajjiż tal-ħsad.***

Kif tintwera l-legalità tal-prodotti tal-injam importati?

X'evidenza hija meħtieġa sabiex jintwera li l-prodotti importati joriġinaw minn siġar maħsuda legalment f'pajjiż terz?

L-LAS tidentifika l-prodotti tal-injam importati tul il-katina tal-provvista kollha?

Fejn jintuża injam importat, jista' l-pajjiż tal-oriġini jiġi identifikat fuq il-liċenzja FLEGT, inkluż dak tal-komponenti f'prodotti komposti?

L-użu ta' bar codes fuq l-injam importat jiggarrantixxi li l-prodotti tal-forestrija biss li ġew maqtugħa u ipproċessati legalment se jiġu esportati b'liċenzja FLEGT?

## **3. VERIFIKA**

***Il-verifika tipprovdi kontrolli adegwati għall-iżgurar tal-legalità tal-injam. Il-verifika għandha tkun robusta u effettiva biżżejjed biex tiżgura li kwalunkwe nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti, kemm fil-foresta kif ukoll fil-katina tal-provvista, jiġi identifikat u li tittieħed azzjoni korrettiva fiż-żmien opportun.***

### **3.1. Organizzazzjoni**

***Il-verifika titwettaq mill-Gvern, organizzazzjoni terza jew xi kombinazzjoni ta' dawn, li għandhom riżorsi adegwati, sistemi ta' ġestjoni u persunal ta' ħila u mħarreġ, kif ukoll mekkaniżmi robusti u effettivi għall-kontroll tal-kunflitti tal-interess.***

Il-Gvern ħatar korp jew korpi biex iwettqu l-kompiti ta' verifika? Il-mandat (inkluż ir-responsabbiltajiet assoċjati) huwa ċar u fid-dominju pubbliku?

Ir-responsabbiltajiet huma allokatu b'mod ċar u l-kompetenzi rikjesti marbuta ma' dawn ir-responsabbiltajiet huma definiti b'mod ċar? Kif jiġu implimentati?

Id-dipartimenti responsabbli għall-verifika tal-legalità kif jiggarrantixxu l-oġġla livell possibbli ta' kollaborazzjoni u ta' ġestjoni tad-dejta razzjonalizzata bejn l-amministrazzjonijiet involuti fil-kontroll tas-settur tal-foresti?

Il-korp responsabbli għall-verifika għandu riżorsi adegwati biex iwettaq il-verifika tad-definizzjoni tal-legalità u tas-sistemi għall-kontroll tal-katina tal-provvista tal-injam?

Il-korp tal-verifika għandu sistema ta' ġestjoni dokumentata sewwa li:

- tiżgura kompetenza/esperjenza meħtieġa fost il-persunal tal-korp tal-verifika,
- tapplika l-kontroll/is-sorveljanza interna,
- tinkludi mekkaniżmi għall-kontroll tal-kunflitti ta' interess,
- tiżgura t-trasparenza tas-sistema,
- tiddefinixxi u tapplika metodu tal-verifika,
- tuża sistema ta' ġestjoni tal-ilmenti li tkun aċċessibbli għall-pubbliku?

### **3.2. Verifika skont id-definizzjoni tal-legalità**

*Teżisti definizzjoni ċara li tistabbilixxi dak li għandu jiġi verifikat. Il-metodu tal-verifika huwa dokumentat u jiżgura li l-proċess ikun sistematiku, trasparenti, ibbażat fuq l-evidenza, imwettaq f'intervalli regolari u jkopri dak kollu li huwa inkluż fid-definizzjoni.*

Il-metodu tal-verifika ikopri l-elementi kollha tad-definizzjoni tal-legalità u jinkludi testijiet ta' konformità bl-indikaturi kollha speċifikati?

Il-verifika teħtieġ:

- kontrolli tad-dokumentazzjoni, ir-rekords tal-operat u tal-operazzjonijiet fuq il-post (u għall-għarrieda),
- il-ġbir ta' informazzjoni mill-partijiet interessati esterni,
- l-irrekordjar tal-attivitajiet ta' verifika li jippermetti l-ikkontrollar mill-awdituri interni u l-awditur indipendenti?

Ir-rwoli u r-responsabbiltajiet istituzzjonali huma definiti u applikati b'mod ċar?

Ir-riżultati tal-verifika skont id-definizzjoni tal-legalità huma disponibbli pubblikament? Kif jistgħu jkollhom aċċess għal din l-informazzjoni l-partijiet interessati?

### **3.3. Verifika tas-sistemi ta' kontroll tal-katina tal-provvista**

*Jeżisti ambitu ċar li jstabbilixxi dak li għandu jiġi verifikat, li jkopri l-katina tal-provvista kollha, mill-ħsad sal-esportazzjoni. Il-metodu tal-verifika huwa dokumentat u jiżgura li l-proċess huwa sistematiku, trasparenti, ibbażat fuq l-evidenza, mwettaq f'intervalli regolari u jkopri dak kollu li huwa inkluż fl-ambitu, u jinkludi rikonċiljazzjoni regolari u mingħajr dewmien tad-dejta bejn kull stadju fil-katina.*

Il-metodu tal-verifika ikopri totalment il-verifiki fuq il-kontrolli tal-katina tal-provvista?

Dan huwa speċifikat b'mod ċar fil-metodu tal-verifika?

X'evidenza hemm li turi l-applikazzjoni tal-verifika tal-kontrolli tal-katina tal-provvista?

Ir-rwoli u r-responsabbiltajiet istituzzjonali huma definiti u applikati b'mod ċar?

Ir-riżultati tal-verifika fuq il-kontroll tal-katina tal-provvista huma disponibbli pubblikament? Kif jistgħu jkollhom aċċess għal din l-informazzjoni l-partijiet interessati?

### **3.4. Nuqqas ta' konformità**

*Il-mekkaniżmu ta' nuqqas ta' konformità jagħmilha possibbli li wieħed jittratta kwalunkwe każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżit tal-verifika tal-legalità. Jeżisti mekkaniżmu*

*effettiv u li jiffunzjona biex tiġi infurzata azzjoni xierqa u korrettiva fejn jiġu identifikati reati.*

Is-sistema ta' verifika tiddefinixxi r-rekwiżit imsemmi hawn fuq?

Ġew stabbiliti mekkaniżmi biex jindirizzaw in-nuqqas ta' konformità? Huma applikati fil-prattika?

Hemm rekords adegwati disponibbli dwar ir-reati identifikati u l-azzjoni korrettiva meħuda? L-effettività tal-azzjoni korrettiva hija evalwata?

Liema informazzjoni dwar il-ksur identifikat issir ta' dominju pubbliku?

### **3.5. Ilmenti**

*Mekkaniżmu tal-ilmenti jagħmilha possibbli li wieħed jittratta kwalunkwe ilment relatat ma' verifika ta' legalità.*

Jeżisti mekkaniżmu tal-ilmenti disponibbli għall-partijiet interessati kollha? Il-korpi tal-verifika għandhom mekkaniżmi fis-seħħ sabiex jirċievu u jwieġbu għal oġġezzjonijiet minn partijiet interessati jew osservazzjoni indipendenti? Il-korpi tal-verifika għandhom mekkaniżmi fis-seħħ sabiex jirċievu u jwieġbu għal ksur li jinkixef minn uffiċjali tal-Gvern?

Huwa ċar kif l-ilmenti jiġu riċevuti, dokumentati, eskalati (fejn ikun meħtieġ) u mwieġba?

## **4. LIĊENZJAR**

*Il-Liberja assenjat awtorità tal-liċenzji bir-responsabbiltà ġenerali għall-ħruġ tal-liċenzji FLEGT. Il-liċenzji FLEGT jinħarġu fuq il-bażi ta' konsenji individwali.*

### **4.1. Organizzazzjoni**

Liema korp huwa assenjat ir-responsabbiltà biex joħroġ il-liċenzji FLEGT?

Ir-rwoli tal-awtorità tal-liċenzji u l-persunal tagħha fir-rigward tal-ħruġ tal-liċenzji FLEGT huma definiti b'mod ċar u disponibbli pubblikament?

Ir-rekwiżiti ta' kompetenza huma definiti u l-kontrolli interni stabbiliti għall-persunal tal-awtorità tal-liċenzji?

Il-korp tal-liċenzjar għandu riżorsi adegwati biex iwettaq il-kompitu tiegħu?

### **4.2. Ħruġ ta' liċenzji FLEGT**

L-awtorità tal-liċenzji għandha proċeduri dokumentati għall-ħruġ tal-liċenzji?

Dawn huma disponibbli pubblikament, inklużi kwalunkwe miżati li jridu jitħallsu?

X'evidenza hemm li turi li dawn il-proċeduri huma applikati sew fil-prattika?

Hemm rekords adegwati disponibbli fuq il-liċenzji maħruġa u miċħuda?

Ir-rekords juru b' mod ċar l-evidenza li fuqha huwa bbażat il-ħruġ tal-liċenzji?

Ir-rekwiżti għal-liċenzji huma speċifikati b' mod ċar u disponibbli għall-esportatur?

L-esportaturi jifhmu għal kollox il-kriterji għall-ħruġ tal-liċenzji FLEGT?

Liema informazzjoni dwar il-liċenzji maħruġa issir ta' dominju pubbliku?

#### **4.3. Proċeduri sabiex jiġu indirizzati mistoqsijiet dwar liċenzji maħruġa**

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-Unjoni jistgħu jiksbu kjarifika dwar il-liċenzji FLEGT maħruġa?

Ġew stabbiliti proċeduri ċari għal komunikazzjoni bejn l-awtorità tal-liċenzji u l-awtoritajiet kompetenti fl-Unjoni?

Hemm mezzi għal partijiet interessati nazzjonali jew internazzjonali oħra sabiex wieħed jistaqsi dwar il-liċenzji FLEGT maħruġa?

#### **4.4. Mekkaniżmu għall-indirizzar tal-ilmenti**

*Jeżisti mekkaniżmu għall-indirizzar ta' ilmenti u tilwim li jinħoloq mil-liċenzjar. Dan il-mekkaniżmu jagħmilha possibbli li wieħed jittratta kwalunkwe ilment relatat mal-operazzjoni tal-iskema tal-liċenzjar.*

Jeżisti mekkaniżmu tal-ilmenti dokumentat disponibbli għall-partijiet interessati kollha?

Huwa ċar kif l-ilmenti jiġu riċevuti, dokumentati, eskalati (fejn ikun meħtieġ) u mwieġba?

### **5. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-AWDITJAR TAS-SISTEMA INDIPENDENTI**

*L-awditjar indipendenti (IA) hija funzjoni li hija indipendenti mill-korpi regolatorji tal-Liberja għas-settur tal-forestrija. L-għan tagħha huwa li ttipprovi kredibilità lis-settur tal-liċenzjar FLEGT billi tikkontrolla li l-aspetti kollha tal-LAS qed joperaw kif intenzjonat.*

#### **5.1. Arranġamenti istituzzjonali**

##### **5.1.1. Deżinjazzjoni tal-awtorità**

Il-Liberja awtorizzat formalment il-funzjoni tal-IA u tippermetti li din topera b' mod effettiv u trasparenti.

##### **5.1.2. Indipendenza mill-elementi l-oħra tal-LAS**

Hemm separazzjoni ċara bejn l-organizzazzjonijiet u l-individwi li huma involuti fil-ġestjoni jew ir-regolamentazzjoni tar-riżorsi tal-foresta u dawk involuti fl-IA.

Il-Gvern iddokumenta r-rekwiżiti għall-indipendenza tal-awditur indipendenti?

Id-dispozzjonijiet jiddikjaraw li l-organizzazzjonijiet jew l-individwi miż-żewġ Partijiet li għandhom interess kummerċjali jew rwol istituzzjonali fis-settur tal-forestrija mhumiex eliġibbli li jwettqu l-funzjoni ta' awditur indipendenti?

### **5.1.3. *Ħatra tal-awditur indipendenti***

L-awditur indipendenti għe maħtur permezz ta' mekkaniżmu trasparenti u jeżistu regoli ċari u disponibbli pubblikament fir-rigward tal-attivitàjiet tiegħu.

Il-Gvern għamel it-termini ta' referenza għall-awditur indipendenti disponibbli pubblikament?

Il-Gvern iddokumenta l-proċeduri ta' ħatra tal-awditur indipendenti u għamilhom disponibbli ppubblikament?

### **5.1.4. *Mekkaniżmu għall-indirizzar tal-ilmenti***

Jeżisti mekkaniżmu għall-indirizzar ta' ilmenti u tilwim li jinħolqu mill-IA. Dan il-mekkaniżmu jagħmilha possibbli li wieħed jitratta kwalunkwe ilment relatat mal-operazzjoni tal-iskema tal-liċenzjar.

Jeżisti mekkaniżmu dokumentat għall-indirizzar tal-ilmenti li huwa disponibbli għall-partijiet interessati kollha?

Huwa ċar kif l-ilmenti jiġu riċevuti, dokumentati, eskalati (fejn ikun meħtieġ) u mwiegħba?

## **5.2. L-awditur indipendenti**

### **5.2.1. *Rekwiżiti organizzattivi u tekniċi***

L-awditur indipendenti huwa indipendenti mill-komponenti l-oħra tas-sistema tal-verifika tal-legalità u għandu jopera skont struttura ta' ġestjoni dokumentata, politiki u proċeduri li jissodisfaw l-aħjar prattika aċċettata internazzjonalment.

L-awditur indipendenti jopera skont sistema ta' ġestjoni dokumentata li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Gwida ISO 17021 jew ta' standards simili?

### **5.2.2. *Metodu ta' awditjar***

Il-metodu tal-IA għandu jkun ibbażat fuq l-evidenza u l-verifiki mwettqa f'intervalli speċifiċi u frekwenti.

Il-metodu jispeċifika li s-sejbiet kollha iridu jiġu bbażati fuq evidenza objettiva fir-rigward tal-funzjonament tal-LAS?

Il-metodu tal-awditjar indipendenti jispeċifika l-intervalli massimi li fihom kull element tal-LAS ser jiġi verifikat?

Il-Gvern jipprovdi assigurazzjoni li l-IA jista' jkollu aċċess għal informazzjoni u riżorsi li jippernettu li jwettaq il-funzjoni tiegħu b'mod effettiv?

### **5.2.3. *Ambitu tal-awditu***

L-awditur indipendenti għandu jopera skont termini ta' referenza li jispeċifikaw b'mod ċar dak li għandu jiġi awditjat u li jkopru r-rekwiżiti kollha miftiehma għall-ħruġ tal-liċenzji FLEGT.

Il-metodu tal-IA ikopri l-elementi kollha tal-LAS u jispeċifika t-testijiet ewlenin ta' effettività?

#### 5.2.4. *Rekwiżiti ta' rapportaġġ*

L-IA għandha tippreżenta rapport preliminari lill-Kumitat Konġunt tal-Implimentazzjoni (JIC). Ir-rapporti tal-awditur indipendenti u kwalunkwe azzjoni korrettiva meħtieġa se jiġu diskussi fil-JIC.

It-termini ta' referenza tal-awditur indipendenti jispeċifikaw r-rekwiżiti ta' rapportaġġ fir-rigward tar-rekwiżiti u l-intervalli tar-rapportaġġ?

It-termini ta' referenza tal-awditur u l-proċeduri tal-JIC jiddeskrivu l-proċedura għall-pubblikazzjoni tar-riżultati tal-awditu?

### 6. KRITERJI TA' EVALWAZZJONI TAS-SISTEMA STABILITA FL-UNJONI EWROPEA BIEX JIĠU AĊĊETTATI L-LIĊENZJI FLEGT

*Ir-Regolament FLEGT u l-miżuri ta' implimentazzjoni assoċjati jistabbilixxu proċeduri għall-istabbiliment tas-sistema ta' liċenzji FLEGT, inklużi l-proċeduri li jippermettu li jiġi vverifikat li l-prodotti tal-injam tal-Liberja intenzjonati għar-rilaxx f'ċirkolazzjoni ħielsa fit-territorju tal-Unjoni huma koperti kif suppost minn liċenzja FLEGT. Dawn il-proċeduri jirrikjedu wkoll li l-Istati Membri tal-Unjoni jaħtru awtorità kompetenti li tidħol għal din ir-responsabbiltà.*

Peress li dawn huma miżuri ġodda introdotti speċifikament biex tiġi implimentata s-sistema FLEGT, l-evalwazzjoni għandha teżamina l-grad ta' tħejjija tal-Unjoni għall-verifika tal-liċenzji FLEGT.

Ġew identifikati sewwa l-awtoritajiet kompetenti f'kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea? Din l-informazzjoni ġiet ippubblikata?

Ġew stabbiliti l-proċeduri għall-ipproċessar tal-liċenzji FLEGT f'kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea? Dawn il-proċeduri ġew ippubblikati?

Ġew stabbiliti liġijiet u regolamenti xierqa meta dan kien meqjus neċessarju mill-Istati Membri tal-Unjoni?

Ġew stabbiliti mezzi ta' komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet doganali?

Ġew stabbiliti proċeduri biex jippermettu li l-Unjoni, jew kwalunkwe persuna jew korp maħtur mill-Unjoni Ewropea, ikollha aċċess għad-dokumenti u d-dejta rilevanti, u biex tevita kwalunkwe problema li tista' tfixxkel il-funzjonament tajjeb tas-sistema ta' liċenzji FLEGT?

Ġew stabbiliti proċeduri biex jippermettu li l-awditur indipendenti jkollu aċċess għad-dokumenti u d-dejta rilevanti kollha?

Ġew negozjati metodi ta' rapportaġġ bejn l-Istati Membri tal-Unjoni u l-Kummissjoni Ewropea? Il-proċeduri għall-pubblikazzjoni ta' dawn ir-rapporti ġew adottati?

Hemm proċeduri li jkopru l-każijiet fejn oġġetti akkompanjati minn liċenzja FLEGT ma ġewx aċċettati? Ġew stabbiliti proċeduri biex isir rapport fuq kwalunkwe kontradizzjoni fil-liċenzji u biex jiġu ttrattati reati?

Ġiet ippubblikata l-informazzjoni dwar il-multi fil-każijiet diversi ta' reati?

## ANNEX VII

### L-ISKEDA TAL-IMPLIMENTAZZJONI

Din l-iskeda tindika fażijiet ewlenin fit-triq lejn l-implimentazzjoni tal-VPA. L-iżvilupp ta' sistemi, aktar żvilupp tal-qafas legali, l-infurzar tal-kapaċitajiet u miżuri oħra ta' sostenn meħtieġa sabiex tiġi stabbilita sistema tal-assigurazzjoni tal-legalità nazzjonali u li tiffunzjona bis-sħiħ se jibdedw ladarba l-VPA ikun ġie miftiehem u inizjalat. Madankollu, ir-ratifikazzjoni tal-VPA tista' tiegħu xi ftit taż-żmien u l-istruttura formali tal-Kumitat Konġunt tal-Implimentazzjoni u l-obbligi tar-rapportaġġ u l-monitoraġġ konsegwenti mhumiex se jidhru fis-seħħ ħliet jekk il-VPA ikun ġie ratifikat miż-żewġ Partijiet u jidħol fis-seħħ, kif deskritt fl-Artikolu 31 tal-Ftehim. Sadanittant se jinħoloq mekkaniżmu għad-djalogu (Artikolu 19). Kif jintwera fl-iskeda indikattiva, l-attivitajiet ippjanati għall-2011 se jibdedw ladarba l-VPA jiġi inizjalat.

Riżultati ewlenin	Fażijiet ewlenin (Attivitajiet)	2011	2012	2013	2014	2015	2016	2017
		Fażi Preparatorja			Fażi Operazzjonali			
Strutturi ta' implimentazzjoni tal-VPA stabbiliti	Struttura interim tal-VPA tad-djalogu UE-Liberja stabbilita (qabel il-JIC)	X						
	Kumitat interim tal-parti interessata stabbilit (eż. Il-Kumitat tat-Tmexxija għan-negozjati tal-VPA)	X						
	JIC stabbilit		X					
	Ir-rapportaġġ tal-JIC stabbilit		X					
	Rapporti annwali prodotti		X	X	X	X	X	X
	Proċeduri tal-JIC stabbiliti		X					
	Strutturi ta' implimentazzjoni nazzjonali							
	Mekkaniżmu(i) ta' koordinazzjoni bejn id-dipartimenti stabbilit(i)		X					
Kumitat nazzjonali tal-partijiet interessati għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-VPA stabbilit		X						
Id-Dipartiment tal-Liċenzji tal-Liberja (LLD) mgħammar,				X				



Riżultati ewlenin	Fażijiet ewlenin (Attivitajiet)	2011	2012	2013	2014	2015	2016	2017
	mgħammar bil-persunal u operazzjonali							
Il-kapaċità mtejbja	Pjan komprensiv fuq ħames snin ta' taħriġ u investiment	X						
	Implimentazzjoni ta' pjan ta' investiment għall-infurzar tal-kapaċitajiet			X	X	X	X	X
	It-taħriġ għas-settur kummerċjali privat		X	X	X			
	Għajjnuna lil operaturi tas-serrieq bil-katina fuq skala żgħira		X	X	X	X	X	
	Għajjnuna mis-soċjetà ċivili sabiex tiġi infurzata l-kapaċità ta' komunitajiet	X	X	X	X	X	X	
Mekkaniżmu finanzjarju stabbilit u riżorsi żgurati għall-implimentazzjoni effettiva tal-VPA	Mekkaniżmu stabbilit sabiex jiġi koordinat u mwassal is-sostenn tad-donatur estern u dak nazzjonali għall-implimentazzjoni tal-VPA	X	X					
	L-iżvilupp tal-pjan tal-implimentazzjoni fuq perjodu taż-żmien qasir u twil li jimmira lejn is-sorsi potenzjali ta' sostenn għall-azzjoni tal-VPA	X	X					
	Is-sostenn żgurat		X	X				
	Finanzjament nazzjonali sostenibbli fuq perjodu taż-żmien fit-tul żgurat għall-operat tal-LAS						X	X
Is-sistema tal-assigurazzjoni tal-legalità: Il-verifika tal-legalità stabbilita	<b>Is-sistemi żviluppati</b>							
	Is-COCS riveduta sabiex tinkorpora r-rekwiżiti tal-VPA		X	X				
	Il-proċeduri tal-verifika tal-legalità li jinkorporaw rekwiżiti regolatorji ġodda żviluppati		X	X				
	Is-sistemi ta' ġestjoni tad-dejta żviluppati sabiex jiġu inkorporati r-rekwiżiti tal-VPA		X	X				
	Il-proċeduri u l-gwida ddettaljata żviluppata għal zkuk abbandunati		X	X				

Riżultati ewlenin	Fażijiet ewlenin (Attivitajiet)	2011	2012	2013	2014	2015	2016	2017
	u injam ikkonfiskat							
	Il-proċeduri u l-gwida ddettaljata għall-injam importat		X	X				
	Is-suq domestiku u s-settur informali integrati fl-LAS					X		
	Il-prodotti minn sorsi agrikoli integrati fl-LAS (injam tal-gomma u injam ieħor tal-pjantazzjoni)			X				
	<b>Istituzzjonijiet imsaħħa</b>							
	Fornitur tas-servizz estern (ESP) imqabbad		X					
	Korp tal-gvern stabbilit sabiex jissorvelja l-kuntratt tas-servizz	X						
	L-infurzar tal-ESP u l-operat tal-LVD (inkluż il-ħidma mal-persunal tal-FDA issekondat għall-ESP)		X	X	X	X	X	
	L-infurzar tal-kapaċità tal-ESP ta' aġenziji differenti tal-gvern għall-verifika tal-legalità kif preskritt fil-proċeduri ddettaljati			X	X			
	It-trasferiment tal-funzjonijiet tal-verifika lil-LVD fl-FDA (it-trasferiment dettaljat fi stadji ewlenin għandu jiġi integrat fil-kuntratt)					X	X	
Is-sistema tal-assigurazzjoni tal-legalità: il-liċenzjar stabbilit	Proċeduri tal-liċenzjar żviluppati mL-LLD		X					
	Permessi tal-esportazzjoni imwaqqfa b'mod gradwali u l-applikazzjoni tas-sistema l-għdida tal-liċenzjar mil-LLD			X				
	Il-liċenzji FLEGT għal esportazzjonijiet lejn l-UE u swieq oħra				X	X	X	X
	Mekkaniżmi għall-komunikazzjoni ma' awtoritajiet kompetenti tal-UE stabbiliti			X				
Is-sistema tal-	Awditur indipendenti mqabbad		X					

Riżultati ewlenin	Fażijiet ewlenin (Attivitajiet)	2011	2012	2013	2014	2015	2016	2017
assigurazzjoni tal-legalità: awditu indipendenti stabbilit	Il-proċeduri tal-operat żviluppata u miftiehma mal-JIC			X				
	L-awditu indipendenti inizjati u r-rapporti ppubblikati			X	X	X	X	X
Il-liċenzji FLEGT aċċettati fl-UE	Evalwazzjoni esterna tal-funzjonament tal-LAS u proċeduri tal-UE; aġġustamenti magħmula jekk ikun meħtieġ (ara Anness VI)			X				
	JIC jikkonferma d-data meta l-UE tibda taċċetta liċenzji FLEGT			X				
	LAS operazzjonali u l-UE taċċetta l-liċenzji				X			
Monitoraġġ tas-soċjeta' ċivili stabbilit	L-infurzar tal-kapaċitajiet għas-soċjeta' ċivili (CS) sabiex jitmexxa l-monitoraġġ		X	X				
	Il-monitoraġġ tas-CS imfassal fid-dettall		X					
	Il-monitoraġġ tas-CS stabbilit			X	X	X	X	X
L-infurzar tal-liġi u l-qafas regolatorju mtejjeb	Ir-regolamenti komunitarji tal-foresti adottati		X					
	Id-definizzjoni tal-legalità (LD) aġġornata			X				
	Ir-regolamenti tas-serrieq bil-katina adottati		X					
	LD aġġornat			X				
	Ir-regolamenti fuq iz-zkuk abbandunati f'żoni tal-konċessjoni adottati			X				
	Ir-regolamenti fuq l-Injam fi tranżitu adottati			X				
	Il-proċeduri u l-gwida ddetaljata għall-Injam fi tranżitu adottati		X	X				
	Ir-regolamenti fuq l-importazzjonijiet tal-injam adottati			X				
	Ir-Regolamenti għall-injam ikkonfiskati adottati			X				
L-irfinar tal-proċeduri għall-ftehimiet soċjali u dispożizzjonijiet		X	X					

Riżultati ewlenin	Fażijiet ewlenin (Attivitajiet)	2011	2012	2013	2014	2015	2016	2017
	soċjali u ambjentali oħra fis-seħħ							
	Emendi lil-LD			X				X
	Reviżjoni tar-regolamenti fil-qafas tal-LD, abbażi ta' esperjenza Prattika ta' implimentazzjoni tal-LAS						X	
	Il-kapaċità tal-infurzar tal-liġi msaħħa			X	X	X		
Ir-regolament u l-monitoraġġ tas-suq domestiku stabbilit	Il-proċeduri għall-verifika legali għas-suq domestiku stabbiliti fl-LAS (integrazzjoni għall-verifika tal-legalità u fis-COCS)			X	X			
	L-istabbiliment ta' sistema tal-ġbir ta' informazzjoni				X			
	Il-valutazzjoni ta' kontribuzzjoni mis-settur informali lill-ekonomija nazzjonali (lokali) (monitoraġġ regolari se jiġi stabbilit sussegwentement)							X
	It-taħriġ ta' operatori tas-serrieq bil-katina sabiex jaħdmu skont ir-regolamenti u proċeduri ġodda			X	X	X	X	X
Il-monitoraġġ tal-impatt tal-VPA	L-organizzazzjoni(jiet) tal-monitoraġġ għall-istudji bażi mqabbda		X					
	Il-qafas tal-monitoraġġ miftiehem mill-JIC		X					
	Il-monitoraġġ tar-rutina, bir-rapportaġġ lill-JIC			X	X	X	X	X
Il-komunikazzjoni	Pjan ta' komunikazzjoni għall-ħolqien ta' kuxjenza pubblika bil-kostijiet ikkalkolati mħejji (P) u implimentat (I)		P	I	I	I	I	I
	Wirjiet ta' kummerċ ma' msieħba tal-kummerċ sabiex jiġu promossi l-benefiċċji tal-injam bil-liċenzja FLEGT			X		X		X
	Siti ta' informazzjoni pubbliċi u l-kapaċità stabbilita (ara Anness IX)	X	X	X				
	Linji gwida għall-iżvilupp ta' ftehimiet soċjali	X	X				X	

Riżultati ewlenin	Fażijiet ewlenin (Attivitajiet)	2011	2012	2013	2014	2015	2016	2017
	Il-gwida mmirata għall-konformità mal-LAS għal partijiet interessati differenti		X	X	X	X		
	Il-monitoraġġ tal-VPA u r-rapporti tal-JIC ippubblikati		X	X	X	X	X	X

## ANNEX VIII

### MIŻURI TA' SOSTENN

#### 1. L-ISFOND

Is-settur tal-forestrija fil-Liberja huwa fi proċess ta' rkupru u żvilupp mill-ġdid wara t-tneħħija tas-sanzjonijiet tan-NU kontra l-qtuġh tas-siġar fl-2006. Il-qafas leġiżlattiv ġdid huwa fis-seħħ u ż-żoni tal-foresti ġew identifikati għall-konservazzjoni u għal operazzjonijiet kummerċjali u komunitarji tal-foresti. Qed jiġu żviluppati regolamenti ġodda sabiex jiġi rregolat is-settur informali, magħruf bħala "il-qtuġh tas-siġar bis-serrieq bil-katina", li jforni prinċipalment lis-suq domestiku.

Analiżi tal-kapaċità tas-servizzi tal-gvern, l-operaturi fis-settur privat u s-soċjetà ċivili sabiex jitwettqu funzjonijiet preskritti fl-oqsfa legali u politiċi l-ġodda, imwettqa f'Diċembru 2010 bi tneħħija għall-VPA, tenfasizza lakuna kbira bejn il-funzjonijiet intenzjonati u l-kapaċità attwali. L-operat effettiv tas-sistema tal-assigurazzjoni tal-legalità (LAS) deskritt f'dan il-Ftehim se jeħtieġ kapaċità imsaħħa għal funzjonijiet regulatorji ewlenin flimkien mat-titjib fis-sistemi deskritti fl-Anness II ta' dan il-Ftehim.

Il-Liberja se tieħu firxa ta' miżuri ta' sostenn, kif indikat fl-Artikolu 15(1) ta' dan il-Ftehim, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri tal-Unjoni, il-Kummissjoni Ewropea u msieħba oħra ta' żvilupp sabiex dan il-Ftehim jiġi implimentat b'mod effettiv. Dawn jinkludu miżuri sabiex:

- (a) jiġu stabbiliti miżuri ta' implimentazzjoni sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni effettiva;
- (b) l-infurzar tal-kapaċità ta' partijiet interessati ewlenin;
- (c) tiġi stabbilita s-sistema tal-assigurazzjoni tal-legalità;
- (d) jissaħħaħ il-qafas legali u regulatorju;
- (e) jiġi mmonitorjat il-kummerċ domestiku fl-injam u l-importanza tiegħu għall-ekonomija nazzjonali;
- (f) jiġi mmonitorjat l-impatt tal-VPA, inkluż fuq komunitajiet u operaturi tas-settur privat;
- (g) tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tal-VPA;
- (h) ikun hemm komunikazzjoni mal-partijiet interessati nazzjonali u internazzjonali;
- (i) jiġi aġġornat il-qafas strateġiku għas-settur tal-foresti.

Miżuri ta' sostenn possibbli jiġu deskritti hawn taħt. Dawn se jiġu żviluppati aktar fi pjanijiet ta' azzjoni ddetaljata, inkluż skedi ta' investment, fi stadju bikri tal-implimentazzjoni tal-VPA.

#### 2. STRUTTURE TA' IMPLIMENTAZZJONI

Strutturi istituzzjonali se jiġu stabbiliti sabiex jiġi permess l-operat bla xkiel u l-koordinazzjoni bejn korpi tal-gvern u mhux tal-gvern involuti fl-implimentazzjoni tal-VPA. B'mod partikolari, bl-użu ta' strutturi eżistenti se jinħolqu żewġ dipartimenti ġodda fi ħdan l-Awtorità tal-Iżvilupp tal-Forestrija (FDA), id-Dipartiment Liberjan tal-Verifika (LVD) u d-Dipartiment tal-Liċenzji tal-Liberja (LLD). Mekkaniżmu għall-koordinazzjoni bejn l-aġenziji tal-gvern u ż-żieda fil-kapaċità fid-dipartimenti eżistenti sabiex jieħdu ħsieb funzjonijiet

ġodda se jkun prijorità waħda għall-ewwel sena. B' mod partikolari, struttura li timmaniġġja l-kuntratt estern tas-sistema tal-verifika/il-katina tal-kustodja (COCS) se tiġi stabbilita fl-ewwel sena tal-implimentazzjoni. Bi tħejjija għall-implimentazzjoni, is-sostenn tekniku sabiex tiġi pplanata u infurzata l-kapaċità meħtieġa se jkun prijorità (eż. deskrizzjonijiet tal-impjeggi tal-persunal, ir-reklutaġġ, l-impenn ta' esperti u komunikazzjonijiet bejn l-aġenziji bejn l-FDA u aġenziji oħra eż. l-Aġenzija tal-Protezzjoni tal-Ambjent u l-Ministeri tal-Kummerċ u l-Industrija, ix-Xogħol, l-Agrikoltura u l-Finanzi (l-Uffiċċju tal-Konċessjonijiet u l-Uffiċċju tad-Dwana)).

### **3. L-INFURZAR TAL-KAPAĊITÀ**

L-infurzar tal-kapaċità se jkun meħtieġ għall-partijiet kollha involuti fl-implimentazzjoni tal-VPA. L-ippjanar għal dan għandu jkoll is-sostenn tas-settur attwali u pplanat, kif indikat fl-Artikolu 15 ta' dan il-Ftehim. L-infurzar tal-kapaċità jħaddan: (a) taħriġ tekniku għal aġenziji tal-gvern, b' mod partikolari l-FDA, l-Aġenzija tal-Protezzjoni tal-Ambjent u d-Dwana; (b) it-taħriġ għall-persunal tal-FDA li qed jaħdem mal-fornitur tas-servizz estern; (c) it-taħriġ għal gruppi tas-soċjetà ċivili sabiex ikunu jistgħu jimmonitorjaw l-operazzjonijiet tal-LAS u jgħinu lil komunitajiet sabiex jipparteċipaw f'azzjoni relatata mal-forestrija; (d) għajna għal gruppi ta' dawk li jaqtgħu is-siġar bis-serrieq bil-katina fil-ħiliet ta' formazzjoni kooperattiva u tekniki; (e) it-taħriġ fil-ġestjoni tal-informazzjoni għal-LAS u l-kapaċità ta' rutina li tiġi analizzata u ppubblikata l-informazzjoni fis-settur; u (f) l-kapaċità miżjuda bil-għan tat-teknoloġija, inkluża l-provvista ta' tagħmir adegwat, is-softwer u t-tagħmir ta' komunikazzjoni.

Sabiex jiġi ggwidat il-kompitu sinifikanti tal-infurzar tal-kapaċità u bl-użu tal-analiżi fuq il-lakuna tal-kapaċità mwettqa f'Diċembru 2010, il-Liberja se tiżviluppa pjan ta' taħriġ komprensiv u kkalkolat fuq ħames snin, li jirrifletti inizjattivi attwali jew ippjanati, jiddifferenzja bjen taħriġ fuq il-post mill-fornitur tas-servizz tal-verifika/is-COCS u taħriġ ieħor meħtieġ u li jidentifika taħriġ li jista' jiġi kopert minn inizjattivi eżistenti u għal liema huwa meħtieġ taħriġ addizzjonali mfassal apposta għar-rekwiżiti tal-VPA.

Barra minn hekk, il-Liberja se tiżviluppa pjan ta' investiment ta' ħames snin, li jidentifika t-tagħmir meħtieġ u l-kostijiet tal-operat tiegħu, il-kostruzzjoni jew l-arranġament mill-ġdid u l-manutenzjoni tal-faċilità, investimenti li se jiġu akkwistati mill-fornitur tas-servizz għat-tranżizzjoni eventwali, dawk akkwistati taħt inizjattivi ffinanzjati eżistenti u dawk li jkun jeħtieġu finanzjament addizzjonali. Kif indikat fl-Artikolu 15, il-Partijiet se jaħdmu flimkien skont arranġamenti eżistenti sabiex jiżguraw ir-riżorsi meħtieġa għal dan l-infurzar tal-kapaċità,

### **4. MEKKANIŻMI TA' FINANZJAMENT**

Baġits dettaljati għall-miżuri kollha deskritti f'dan l-Anness jeħtieġ li jiġu żviluppati u l-finanzjament irranġat. Dan tal-aħħar se jinkludi d-determinazzjoni tal-kontribuzzjoni li l-Liberja tista' tipprova mir-riżorsi tagħha stess, l-istabbiliment ta' dak li se jkun meħtieġ minn donaturi u l-identifikazzjoni u l-impenn ta' donaturi potenzjali. Il-miżuri ewlenin jistgħu jinkludu:

- (a) l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' twassil finanzjarju;
- (b) l-iżvilupp ta' baġit komprensiv fuq perjodu taż-żmien fil-qosor u fit-tul u proposti ddettaljati u sorsi għall-finanzjament tal-implimentazzjoni tal-VPA;

- (c) l-identifikazzjoni ta' sostenn mir-riżorsi tal-Liberja u s-sostenn meħtieġ mill-Unjoni u msieħba oħra ta' żvilupp, inkluża l-koordinazzjoni ta' sostenn tad-donatur eżistenti fejn rilevanti;
- (d) il-ġbir ta' fondi.

## **5. L-ISTABILIMENT TAL-LAS**

L-LAS se jibni fuq sistemi u strutturi eżistenti li diġà qed joperaw fil-Liberja. Is-sostenn huwa meħtieġ sabiex jittjebu sistemi sabiex tiġi żgurata l-verifika tal-konformità mad-definizzjoni tal-legalità fl-Anness II, permezz tal-proċeduri deskritti fl-istess Anness. Il-miżuri ta' sostenn se jiffokaw fuq azzjoni meħtieġa sabiex tiġi stabbilita l-kapaċità funzjonali fuq numru ta' aġenziji differenti tal-gvern u mal-introduzzjoni ta' awditjar indipendenti. Jinvolvu l-istabiliment tal-funzjoni tal-verifika tal-legalità, is-sistema tal-liċenzji FLEGT u l-funzjoni tal-awditjar indipendenti u t-titjib tas-COCS eżistenti sabiex jiġu sodisfatti rekwiżiti tal-LAS.

### **5.1. L-istabiliment tas-sistema tal-verifika tal-legalità**

Il-Liberja se tqabblad fornitur tas-servizz estern sabiex tibni, topera, u tittrasferixxi l-verifika tal-legalità u s-COCS fuq perjodu ta' ħames snin. Parti ċentrali tal-kompitu tkun l-infurzar tal-kapaċità ta' aġenziji tal-gvern sabiex iwettqu l-funzjonijiet meħtieġa. Il-fornitur tas-servizz estern se jaħdem direttament mal-persunal tal-FDA issekondat fis-servizz tagħhom li, maż-żmien, se jsir l-LVD. Il-miżuri ewlenin jistgħu jinkludu:

- (a) l-impenn ta' rappreżentant kwalifikat tal-klijent sabiex jgħin bit-tfassil ta' speċifikazzjonijiet dettaljati u dokumenti ta' kuntratti għall-fornitur tas-servizz u bi proċeduri tas-selezzjoni;
- (b) l-irrikamar għar-riċezzjoni, is-selezzjoni u l-evalwazzjoni ta' proposti għall-fornitur tas-servizz;
- (c) in-negozjar ta' kuntratt mal-fornitur tas-servizz fuq bażi ta' ibni-opera-ittrasferixxi;
- (d) it-trasferiment tal-persunal rilevanti tal-FDA għall-fornitur tas-servizz;
- (e) l-istabiliment ta' struttura ta' superviżjoni sabiex jiġi monitorjat il-fornitur tas-servizz;
- (f) il-bini u l-operat tal-LAS deskritt fl-Anness II għal dan il-Ftehim;
- (g) l-integrazzjoni tal-proċessi tal-istabiliment u l-produzzjoni tal-laqx tal-injam tal-gomma fis-COCS;
- (h) l-integrazzjoni ta' injam importat u injam ikkonfiskat fis-COCS;
- (i) l-estensjoni tal-LAS sabiex tinkludi l-injam prodott għas-suq domestiku;
- (j) it-trasferiment ta' sistemi operati mill-fornitur tas-servizz lill-FDA.

### **5.2. L-istabiliment tad-Dipartiment tal-Liċenzi tal-Liberja**

L-FDA se tistabbilixxi Dipartiment tal-Liċenzji li se jkun responsabbli għall-ġoti tal-liċenzji FLEGT għall-esportazzjonijiet kollha. Se tiżviluppa l-proċeduri ddettaljati għal-liċenzji FLEGT u tiżgura l-koerenza ma' proċeduri ta' esportazzjoni, filwaqt li jwaqqfu gradwalment is-sistema attwali tal-permessi tal-esportazzjonijiet kif issir operattiva s-sistema tal-liċenzji FLEGT. Għal dan il-għan, il-miżuri ewlenin jistgħu jinkludu:

- (a) b'għajjnuna esperta kif xieraq, l-iżvilupp ta' rutini addizzjonali sabiex tiġi aġġustata s-sistema attwali tal-permess ta' esportazzjoni għal liċenzji FLEGT;
- (b) l-istabiliment tad-Dipartiment fi ħdan l-FDA;
- (c) ir-reklutaġġ tal-persunal u konsulent tekniku;



- (d) l-abbozzar ta' regolamenti dwar il-liċenzjar tal-esportazzjoni;
- (e) it-tneħħija gradwali ta' permessi ta' esportazzjoni;
- (f) il-ħruġ ta' liċenzji FLEGT;
- (g) l-istabbiliment ta' mekkaniżmi għall-komunikazzjoni ma' awtoritajiet kompetenti tal-UE.

### **5.3. L-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' Awditjar Indipendenti**

Kif indikat fl-Anness V għal dan il-Ftehim, il-Liberja se tqabbad awditur indipendenti (IA) sabiex jiżgura l-operat bla xkiel tal-LAS u sabiex jislef kredibbiltà lis-sistemi, b'mod partikolar għas-swieq internazzjonali. Il-Liberja se tqabbad l-Awditur Indipendenti f'konsultazzjoni mal-Unjoni wara l-proċeduri tal-akkwist tal-Liberja u wara l-gwida stabbilita fl-Anness V. Għal dan il-għan, azzjonijiet ewlenin jistgħu jinkludu:

- (a) ir-reklamar għal Awditur Indipendenti u s-selezzjoni tiegħu u n-negozjar miegħu;
- (b) l-iżvilupp ta' proċeduri dettaljati għall-Awditjar Indipendenti biex jiġu maqbula mal-Kumitat Konġunti tal-Implimentazzjoni (JIC);
- (c) il-bidu ta' awditi indipendenti;
- (d) l-istabbiliment tal-kapaċità għar-reviżjoni u r-rapportaġġ.

### **5.4. Ir-reviżjoni esterna tal-LAS operattiv**

Kif indikat fl-Anness VI għal dan il-Ftehim, l-LAS se tkun soġġetta għal evalwazzjoni teknika indipendenti qabel ma s-sistema tal-liċenzjar issir operattiva għal kollox u qabel ma l-awtoritajiet tal-UE jaċċettaw liċenzji FLEGT. Il-miżuri ewlenin jistgħu jinkludu:

- (a) it-tmexxija ta' evalwazzjoni indipendenti tal-LAS, ir-reviżjoni ta' riżultati u l-aġġustament ta' sistemi jekk ikun meħtieġ;
- (b) l-infurmar tal-JIC bir-riżultati tal-evalwazzjoni u l-qbil dwar data meta l-iskema tal-liċenzjar se 'tibda taħdem' u l-awtoritajiet tal-UE se jkunu meħtieġa li jivverifikaw liċenzji FLEGT qabel id-dħul fis-suq tal-Unjoni.

## **6. IT-TISĦIĦ TAL-INFURZAR TAL-LIĠI U L-QAFAS REGOLATORJU**

B'mod parallel għall-implimentazzjoni tal-LAS, il-Liberja se teżamina l-effiċjenza tas-sistema tal-infurzar u regolatorja u l-koerenza tal-qafas legali applikabbli għas-settur tal-forestrija u tintroduċi titjib fejn ikun meħtieġ. L-iżvilupp tad-definizzjoni tal-legalità u l-konsultazzjonijiet u l-ittestjar fuq il-post li seħħew matul l-iżvilupp tagħha żvelaw xi oqsma tar-regolamenti li jeħtieġu aktar emendi sabiex tiġi provduta gwida ċara għall-operaturi ekonomiċi. Il-miżuri ewlenin jistgħu jinkludu:

- (a) il-provvista għal reviżjoni regolatorja wara ħames snin ta' implimentazzjoni tal-LAS li se tippermetti żmien sabiex jiġi identifikat tħassib prattiku fl-applikazzjoni u l-verifika tal-konformità legali;
- (b) It-titjib tal-oqsma li ġejjin tal-qafas legali; il-linji gwida għan-negozjar ta' Ftehimiet Soċjali; ir-regolamenti komunitarji tal-forestrija; il-proċeduri għall-ġestjoni taz-zkuk abbandunati; il-proċeduri għall-ġestjoni tal-injam ikkonfiskat minħabba fil-ksur tal-liġi; il-linji gwida dwar kif skemi indipendenti ta' ċertifikazzjoni se jiġu integrati fl-LAS; il-proċeduri sabiex tiġi prodotta l-lista ta' esklużjoni; il-proċeduri sabiex jiġi ntraċċat l-injam permezz ta' faċilitajiet tal-ipproċessar; ir-regolamenti dwar l-aċċess tal-parti terza u l-użu tar-riżorsi f'żona tal-konċessjoni; ir-regolament tal-qtugħ tas-siġar bis-serrieq bil-katina;

- ir-regolamenti għall-importazzjoni tal-injam u l-injam fi tranżitu ; it-titjib tal-proċessi tal-EIA u l-ġestjoni ambjentali fi ħdan iż-żoni tal-kuntratt tal-injam;
- (c) it-tisħiħ tar-regolamenti dwar is-sikurezza u l-benessri ta' ħaddiema involuti fl-industrija tal-qtugħ tas-siġar;
  - (d) kwalunkwe aġġustament mill-ġdid meħtieġ tat-tabella tal-verifika tal-legalità deskritta fl-Anness II ta' dan il-Ftehim bħala riżultat tal-bdil fil-liġijiet u r-regolamenti.

## **7. IL-MONITORAĠĠ TAS-SUQ TAL-INJAM DOMESTIKU**

Is-suq domestiku għall-injam huwa importanti ħafna għall-ekonomija nazzjonali, iżda ma jinftehimx tajjeb u fil-biċċa l-kbira tiegħu mhux irregolat. Il-Liberja se tadotta regolamenti ġodda, li jgħinuha taħdem ma' operaturi tas-serrieq bil-katina fuq skala żgħira. Il-produzzjoni għall-kummerċ domestiku se tiġi integrata fl-LAS u miżuri regolatorji se jiġu adottati sabiex tiġi żgurata regolamentazzjoni aħjar, kummerċ ġust u salvagwardji ambjentali f'dak li attwalment huwa settur informali li qed jopera barra mis-sistema regolatorja. Il-miżuri ewlenin jistgħu jinkludu:

- (a) l-organizzazzjoni tas-suq tal-injam domestiku;
- (b) it-titjib tal-qafas legali relatat mas-suq tal-injam domestiku;
- (c) l-istabbiliment ta' sistema ta' informazzjoni;
- (d) l-istabbiliment ta' sistema xierqa ta' traċċabbiltà għall-injam mibjugħ fis-suq domestiku;
- (e) l-integrazzjoni tal-bejgħ tal-injam domestiku fl-LAS.

## **8. IL-MONITORAĠĠ TAL-IMPATT TAL-IMPATTI TAL-VPA**

Il-monitoraġġ tal-impatt soċjali, ambjentali u tas-suq tal-VPA, iġenerali u b'enfasi partikolari fuq komunitajiet dipendenti fuq il-foresti huwa meħtieġ sabiex jiġi żgurat li l-VPA qed iwassal l-għanijiet intenzjonati tiegħu. Għal dan il-għan, miżura ewlenija tista' tinkudi: it-tfassil ta' qafas ta' monitoraġġ, inkluż linji bażi u indikaturi miftiehma li jkopru elementi bħal: it-titjib fl-istrutturi ta' governanza; l-allokazzjoni tad-dritt tal-użu tal-foresti; il-ftehimiet soċjali u l-qsim tal-benefiċċji ma' komunitajiet affettwati; il-volumi ta' injam irregolat imqabbel mal-volumi li għadhom mhumiex irregolati; l-evidenza tal-infurzar tal-liġi; il-volumi ta' injam ikkonfiskat u xi jsir minnu; l-effiċjenza tal-qbid tad-dħul; l-effiċjenza tal-iżborż tad-dħul lil komunitajiet affettwati; is-swieq għall-injam tal-Liberja u l-impatt tal-VPA fuq il-kompetittività tiegħu. Il-JIC se jistabbilixxi monitoraġġ effettiv kif indikat fl-Anness X għal dan il-Ftehim.

## **9. IL-MONITORAĠĠ TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-VPA**

Il-JIC se jkollu responsabbiltà ġenerali għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-VPA. Din se tinkludi r-reviżjoni u l-azzjoni bi tweġiba għar-rapporti tal-Awditjar Indipendenti, u reviżjonijiet tal-monitoraġġ tal-impatt deskritt hawn fuq. Barra minn hekk, partijiet interessati oħra inkluż is-soċjetà ċivili, se jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-VPA u, b'hekk, jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni effettiva tal-LAS. Il-JIC se jirċievi rapporti minn partijiet interessati u jiżgura li mekkaniżmu effettiv tal-ilmenti huwa fis-seħħ għall-indirizzar tal-problemi identifikati. Il-miżuri ewlenin jistgħu jinkludu:

- (a) is-sostenn tal-kumitat nazzjonali ta' monitoraġġ ta' partijiet interessati multipli deskritti fl-Artikolu 16 għal dan il-Ftehim billi jinżammu konsultazzjonijiet pubbliċi regolari miftuħa dwar l-implimentazzjoni tal-VPA, fejn il-partijiet interessati jkunu jistgħu jagħtu t-tagħrif informattiv;
- (b) il-monitoraġġ permezz tas-soċjetà ċivili, inkluż l-iżgurar li t-tħassib fuq livell komunitarju jiġi artikolat u komunikat lil-LVD, LLD u IA, il-kumitat nazzjonali tal-partijiet interessati multipli u lil JIC.

## 10. IL-KOMUNIKAZZJONI

Il-komunikazzjoni ssostni l-implimentazzjoni tal-VPA u hija essenzjali sabiex tirrimedja d-dehra negattiva tas-settur meta jitqies l-isfond storiku diffiċli tal-Liberja u l-industrija tal-injam tagħha. Il-VPA huwa opportunità li wieħed jaħdem lejn it-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-legalità. Il-valur tal-komunikazzjoni dwar l-isforzi tal-gvern fit-titjib tal-governanza fis-settur tal-foresti ma jistax jiġi enfasizzat biżżejjed. Il-VPA se jaffettwa mhux biss l-amministrazzjoni, iżda anke gruppi ta' partijiet interessati differenti u l-pubbliku aktar wiesa' u għalhekk jirrikjedi strateġija ta' komunikazzjoni komprensiva li se tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa kollha dwar il-VPA, l-impatt u l-benefiċċji tiegħu, mhux biss f'termini ekonomiċi, iżda anke f'termini ambjentali u soċjali. Il-komunikazzjoni dwar l-azzjoni ppjanata u l-kisbiet taħt il-VPA se timmira sabiex:

- (a) tinkoraġġixxi l-involviment u tiggarrantixxi l-koerenza ta' azzjonijiet minn diversi partijiet interessati;
- (b) tiżgura l-aċċess pubbliku għal informazzjoni sabiex jiġi faċilitat il-monitoraġġ;
- (c) tippromwovi d-dehra tal-injam Liberjan fis-suq internazzjonali;
- (d) tiżgura s-sostenn pubbliku għall-azzjoni meħuda mil-Liberja sabiex tippromwovi l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-foresti u l-ġestjoni tal-komunitajiet li jiddependu fuqha; u
- (e) tippromwovi l-benefiċċji ta' VPA fost il-partijiet interessati u l-pubbliku aktar wiesgħa.

Għal dan il-għan, il-Liberja se ssostni miżuri sabiex tiżgura l-komunikazzjoni effettiva tal-ambizzjoni u r-riżultati tal-VPA. Il-miżuri ewlenin jistgħu jinkludu:

- (a) it-tnejn u l-implimentazzjoni ta' strateġija ta' komunikazzjoni bil-għan li tinholq kuxjenza pubblika permezz ta' midja moderna u tradizzjonali sabiex il-pubbliku u l-kummerċ tal-injam jinżamm infurmat dwar l-implimentazzjoni tal-VPA u l-impatt u l-benefiċċji tiegħu;
- (b) l-identifikazzjoni ta' gruppi fil-mira xierqa u t-tfassil ta' messaġġi speċifiċi stampati u elettroniċi dwar il-VPA għal kull udjenza fil-mira b'aġġornamenti regolari;
- (c) l-istabbiliment ta' pjattaforma tal-iskambju tal-informazzjoni għal tixrid konsistenti tal-informazzjoni lil imsieħba domestiċi u internazzjonali, inkluż il-konsiderazzjoni jekk għandhiex tiġi alllokata fl-istruttura ġenerali tal-implimentazzjoni;
- (d) l-organizzazzjoni tal-kummerċ turi l-involviment ta' imsieħba prospettivi fil-kummerċ sabiex jiġu promossi l-benefiċċji tal-injam bil-liċenzja FLEGT;
- (e) it-tqegħid ta' sistemi fis-seħħ għall-awtoritajiet tal-gvern xierqa sabiex tiġi ppubblikata l-informazzjoni u sabiex iwieġbu għal talbiet għal informazzjoni taħt l-Att dwar il-Libertà tal-Infurmazzjoni, kif indikat fl-Anness IX.

## ANNEX IX

### **INFORMAZZJONI PUBBLIKA U MIŻURI TA' TRASPARENZA**

F'konformità max-xewqa tal-Gvern tal-Liberja li jadotta ġestjoni tar-riżorsi naturali trasparenti u responsabbli, kif muri permezz tal-implimentazzjoni skrupuża tal-Inizjattiva ta' Trasparenza tal-Industriji ta' Estrazzjoni (EITI), il-Partijiet jaqblu li l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni u miżuri oħra ta' trasparenza hija essenzjali għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-VPA, kif indikat fl-Artikolu 21 ta' dan il-Ftehim. F'dan id-dawl, iż-żewġ Partijiet huma marbutin li jippubblikaw regolarment l-informazzjoni kollha ta' interess lill-partijiet interessati u informazzjoni sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-VPA. Dan l-Anness jiddeskrivi l-informazzjoni li trid tiġi ppubblikata mill-Gvern tal-Liberja jew li tista' ssir disponibbli lill-pubbliku taħt l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni mill-Gvern tal-Liberja.

#### **1. KATEGORIJI TA' INFORMAZZJONI LI SE JIĠU PPUBBLIKATI BĦALA RUTINA**

L-informazzjoni li ġejja deskritta hawn taħt se ssir disponibbli lill-pubbliku permezz ta' publikazzjoni regolari, kif deskritt fit-Taqsimijiet 2.5 u 2.6 tal-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni tal-2010. L-informazzjoni tista' tiġi provduta permezz ta' diversi mezzi skont in-natura tal-informazzjoni u l-udjenza fil-mira, pereżempju:

- (a) Websajts;
- (b) Pjattaforma ta' implimentazzjoni ta' partijiet interessati multipli;
- (c) Laqgħat pubbliċi;
- (d) Konferenzi stampa
- (e) Radju u gazzetti nazzjonali
- (f) Fuljetti u revisti

Kif indikat fl-Anness VIII se tiġi żviluppata strateġija ta' komunikazzjoni komprensiva sabiex jiġi sostnut it-tixrid ta' informazzjoni lill-partijiet interessati kollha permezz tal-mezzi l-aktar xierqa.

#### **1.1. Informazzjoni relatata speċifikament mal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja**

- (a) Il-VPA u l-Annessi kollha tiegħu
- (b) Rapporti prodotti mill-Kumitat Konġunt tal-Implimentazzjoni (JIC), li jridu jinkludu l-informazzjoni li ġejja:
  - In-numru ta' liċenzji FLEGT maħruġa mil-Liberja;
  - In-numru ta' applikazzjonijiet irrifjutati għall-applikazzjonijiet tal-liċenzji FLEGT;
  - Il-każijiet ta' nuqqas ta' konformità mal-proċess tal-liċenzji FLEGT fil-Liberja u miżuri meħuda sabiex jiġu indirizzati dawn il-każijiet;
  - Il-kwantitajiet annwali tal-injam u prodotti tal-injam esportati lejn l-Unjoni;
  - In-numru ta' liċenzji FLEGT irċevuti mill-Unjoni;
  - Il-kwantitajiet tal-injam u prodotti tal-injam importati fl-Unjoni taħt l-iskema tal-liċenzji FLEGT, mill-Istat Membru tal-UE li fih tkun seħħet l-importazzjoni.
- (c) Rapporti prodotti mill-awditur indipendenti;

- (d) Proċeduri li jiggwidaw il-funzjonament tal-JIC;
- (e) Aide-memoires u rapporti oħra mill-JIC, inkluż il-monitoraġġ u; (e) l-istudji tal-impatt kif indikat fl-Anness X;
- (f) Proċeduri u termini ta' referenza li jiggwidaw il-funzjonament tal-kumitat nazzjonali tal-partijiet interessati għall-monitoraġġ tal-VPA;
- (g) Linji gwida għall-konformità tal-LAS li jiggwidaw partijiet interessati differenti;
- (h) Linji gwida għal ftehimiet soċjali.

## 1.2. Informazzjoni dwar il-ġestjoni tas-settur tal-forestrija

- (a) Informazzjoni dwar u dokumenti minn aġenziji tal-gvern li jeżerċitaw sorveljanza fuq is-settur tal-forestrija u li huma meħtieġa taħt l-arranġamenti ta' pubblikazzjoni deskritti fit-Taqsimiet 2.1-2.3 tal-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni tal-2010, sabiex din l-informazzjoni ssir disponibbli bħala rutina, inkluż:
  - Leġislazzjoni ta' abilitazzjoni tal-aġenzija tal-gvern jew l-awtorità;
  - Il-politika eżistenti, il-proċeduri u r-regoli tagħha
  - il-baġits tagħha;
  - Il-kontijiet finanzjarji tal-aġenzija jew l-awtorità
  - l-organigramma tagħha, inklużi linji ta' rapportaġġ;
  - Kuntratti materjali;
  - Il-proċedura għall-appell kontra deċiżjonijiet mill-awtorità jew l-uffiċjali tagħha;
  - Riżoluzzjonijiet tal-bord tad-diretturi;
  - Rapporti tal-awditj;
  - Kummenti pubbliċi, rapporti, strateġiji u manwali relatati mas-setturi tal-forestrija, skont it-Taqsima 18.15 tal-Liġi Nazzjonali tar-Riforma tal-Foresti.
- (b) Il-proċeduri kollha ta' leġislazzjoni, regolamenti u ta' operat li jkunu ġew promulgati mill-Gvern tal-Liberja. Dan jinkludi l-aspetti kollha tal-qafas regolatorju li huma msemmija fid-definizzjoni tal-legalità Liberjana fl-Anness II għal dan il-Ftehim.

## 1.3. Informazzjoni dwar l-allokazzjoni tar-riżorsi tal-foresti

- (a) Liċenzji tal-foresti maħruġa, inklużi l-kuntratti tal-bejgħ tal-injam (TSC), il-kuntratti tal-ġestjoni tal-foresti (FMC) ftehimiet u permessi għall-operazzjonijiet u għall-ipproċessar tal-prodotti tal-injam, inkluż il-permess tal-użu tal-foresti (FUP) u l-permess tal-użu privat (PUP);
- (b) Ftehimiet ta' kuntratti ta' konċessjoni agrikola li jappartjenu għall-prodotti elenkati fl-Anness I;
- (c) Dokumenti relatati ma' proċedura tal-offerti kompetittiva: Ir-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni qabel il-kwalifikazzjoni;
- (d) Il-kuntratti tal-konċessjoni mogħtija;
- (e) Il-ftehimiet soċjali bejn komunitajiet tal-foresti u d-detenturi kollha tal-kuntratti jew il-permessi;
- (f) Mapep ta' foresti komunalni u ż-żoni tagħhom;
- (g) Il-lista u mapep tat-TSCs, PUPs, FUPs u FMCs mogħtija.

#### **1.4. Informazzjoni dwar il-produzzjoni tar-riżorsi tal-foresti**

- (a) Volumi u valuri monetarji (kif determinat mil-listi tal-prezzijiet tal-FOB approvati) tar-riżorsi tal-foresti maħsuda, prodotti tal-foresti pproċessati u prodotti tal-foresti esportati, rapportati bħala:
  - produzzjoni annwali totali,
  - skont l-ispeċijiet prodotti taħt kull liċenzja tar-riżorsi tal-foresti
- (b) Volum annwali ta' injam u prodotti derivati importati fil-Liberja jew li jgħaddu mil-Liberja.

#### **1.5. Informazzjoni dwar miżati u dħul mill-foresti**

- (a) Skeda tal-miżati u t-taxxi kollha relatati mal-forestrija;
- (b) prezzijiet FOB.

#### **1.6. Informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi f'żoni tal-konċessjoni**

- (a) Penali imposti u l-lista ta' dawk li fil-fatt ħallsu u dawk li ma ħallsux jew ma kkonformawx;
- (b) Volum annwali tal-prodotti tal-injam mibjugħa f'irkant pubbliku u l-valur monetarju tal-bejgħ.

### **2. INFORMAZZJONI DISPONIBBLI LILL-PUBBLIKU META TINTALAB TAĦT L-ATT DWAR IL-LIBERTÀ TAL-INFORMAZZJONI**

**Il-proċeduri għall-għoti ta' aċċess għall-informazzjoni, ir-rekords, jew id-dokumenti taħt dan l-Anness se jsegwu l-proċeduri deskritti fil-Kapitolu 3, Taqsimiet 3.1-3.14 tal-Att dwar il-Libertà tal-Infurmazzjoni.**

#### **2.1. Informazzjoni dwar l-allokazzjoni tar-riżorsi tal-foresti**

- (a) Dokumenti relatati mal-prekwalifikazzjoni li se jsiru disponibbli mat-talba wara li jitlestha l-proċess tal-prekwalifikazzjoni
  - Lista ta' kumpaniji prekwalifikati.
- (b) Dokumenti relatati ma' proċeduri ta' offerti kompetittivi li se jkunu disponibbli mat-talba wara li l-offerta rebbieħa tkun ġiet magħżula u kull min issottometta offerta jkun ġie notifikat:
  - Dokumenti tal-offerti;
  - Ir-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni tal-offerta.
- (c) Lista ta' persuni pprojbiti (jiġifieri persuni pprojbiti milli jżommu interessi f'kumpaniji tal-qtugħ tas-siġar kummerċjali minħabba li attwalment għandhom kariga pubblika);
- (d) Lista ta' persuni esklużi (jiġifieri persuni esklużi mill-industrija Liberjana tal-qtugħ tas-siġar minħabba fl-involviment fl-użu, il-ġestjoni jew il-ħsad ta' riżorsi tal-foresti waqt li jgħinu jew huma kompliċi f'disturbi ċivili li jinvolvu l-użu tal-armi);
- (e) Lista ta' persuni sospiżi (jiġifieri persuni sospiżi minħabba f'nuqqas ta' ħlas fir-rigward ta' obbligi finanzjarji relatati mal-użu tal-foresti);

- (f) Id-dokumenti, ir-rekords u l-informazzjoni kollha relatata ma' pjanijiet ta' ġestjoni ta' negozju u tal-foresti;
- (g) Il-lokazzjoni u s-sjieda tal-art soġġetta għal-Liċenzja tar-Riżorsi tal-Foresti;
- (h) Ismijiet ta' detenturi tar-riżorsi tal-foresti u deskrizzjoni qasira taż-żoni koperti mid-detentur tal-liċenzja tar-riżorsi tal-foresti (id-daqs taż-żona u t-tip ta' riżorsi tal-foresti).

## **2.2. Informazzjoni dwar il-produzzjoni tar-riżorsi tal-foresti**

- (a) Il-volum u l-lokazzjoni tal-injam disponibbli għall-ħsad skont l-allokkazzjoni ta' ħsad annwali għal kull konċessjoni;
- (b) L-informazzjoni miżmuma fil-bażi tad-dejta Liberjana tal-LAS;
- (c) Il-volum annwali tal-prodotti tal-injam ikkunsmat fis-suq domestiku skont it-tip ta' prodott u speċi.

## **2.3. Informazzjoni dwar l-ipproċessar**

- (a) Lista ta' kumpaniji tal-ipproċessar irreġistrati u d-dettalji ta' kuntatt tagħhom;
- (b) Il-kapaċità tal-produzzjoni kull unità tal-ipproċessar mill-kumpanija;
- (c) Il-volum annwali taz-zkuk ipproċessati skont l-ispeċijiet u t-tip ta' prodott għal kull proċessur.

## **2.4. Informazzjoni dwar miżati u dħul mill-foresti**

- (a) L-ammont ta' miżati u taxxi vvalutati fuq entitajiet tan-negozju fis-setturi tal-forestrija vvalutati mill-Ministeru tal-Finanzi u l-ammonti mħallsa għal kull detentur tal-kuntratt tar-riżorsi tal-foresti;
- (b) L-ammont tal-flus irċevut u żburżjat mill-Gvern lill-Fondi Komunitarji tal-Iżvilupp tal-Forestrija;
- (c) L-ammont ta' flus irċevut u żburżjat mill-Fond Fiduċjarju Nazzjonali Komunitarju tal-Qsim tal-Benefiċċji;
- (d) L-ammont ta' flus irċevut u żburżjat mill-Fond Fiduċjarju lill-Kumitati Komunitarji tal-Iżvilupp tal-Forestrija, bi tqassim skont il-proġett, id-data u l-komunità affettwata;
- (e) Ir-riżultati ta' ilmenti mill-pubbliku f'konnessjoni mal-Fond tal-Iżvilupp tal-Forestrija tal-Kontea u l-Fond Fiduċjarju Nazzjonali tal-Kondiviżjoni tal-Benefiċċji jew kwalunkwe Kumitat Komunitarju tal-Iżvilupp tal-Forestrija.

## **2.5. Informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi f'żoni tal-konċessjoni**

- (a) Akkużi ta' ksur, arresti, soluzzjonijiet u kundanni assoċjati mal-operazzjonijiet taħt il-liċenzja tar-riżorsi tal-foresti kif irrekordjati mill-FDA;
- (b) Fatturi għall-miżata tal-liċenza tar-riżorsi tal-foresti u informazzjoni dwar il-pagament.

## **3. IL-PROĊEDURA GĦAL AĊĊESS GĦALL-INFORMAZZJONI PUBBLIKA, REKORDS JEW DOKUMENTI**

Dan l-Anness huwa f'konformità mal-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni tal-Liberja li jagħmilha mandatorja għal kull istituzzjoni pubblika u entità privata li tirċievi riżorsi pubbliċi u benefiċċji jew timpenja ruħha f'funzjoni pubblika li tiddekrivi kif il-pubbliku jista' jikseb aċċess għal biċċiet differenti ta' informazzjoni.

L-FDA u aġenziji pubbliċi l-oħra kollha żviluppaw, jew qed jiżviluppaw, proċeduri sabiex l-informazzjoni ssir disponibbli għall-pubbliku.

Sabiex dan l-Anness isir operabbli, il-proċeduri/linji gwida/jew istruzzjonijiet għat-tweġiba għal talbiet għall-informazzjoni jeħtieġ li jiġu żviluppati u approvati. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet ta' rapportar u l-iżvelar pubbliku li japplikaw għal-LLD u l-LVD se jiġu żviluppati aktar matul l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.



## ANNEX X

### FUNZJONIJIET TAL-KUMITAT KONĠUNT TAL-IMPLIMENTAZZJONI

B'applikazzjoni tal-Artikolu 19 tal-Ftehim, il-Partijiet għandhom jistabbilixxu struttura ta' monitoraġġ u ta' teħid tad-deċiżjonijiet denominata 'Il-Kumitat Konġunt tal-Implimentazzjoni', (JIC). Il-JIC għandu jkun responsabbli għas-sorveljanza u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Ftehim. Il-JIC għandu jiffaċilita d-djalogu u l-iskambji ta' informazzjoni dwar il-funzjonament tal-Ftehim. B'mod partikolari, il-JIC għandu:

- (a) fir-rigward tal-ġestjoni ta' dan il-Ftehim:
1. jippubblika rapport annwali dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim skont l-Anness IX;
  2. wara l-evalwazzjoni tal-funzjonament tas-sistema tal-assigurazzjoni tal-legalità u abbażi tal-kriterji ta' valutazzjoni deskritti fl-Anness VI, jirrakkomanda d-data li fiha l-iskema tal-liċenzji FLEGT se tibda topera;
  3. jirrevedi l-progress lejn il-ksib tal-għanijiet u l-azzjoni marbuta maż-żmien f'dan il-Ftehim u kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Ftehim.
  4. jipproponi u/jew jieħu miżuri sabiex titjib il-prestazzjoni tal-Ftehim;
  5. jemenda Annessi għall-Ftehim skont l-Artikolu 26 ta' dan il-Ftehim;
  6. jindirizza kwistjonijiet ta' tħassib imqajma minn waħda mill-Partijiet u jipprova jsolvi kwalunkwe kunflitt li jista' jinholq matul l-implimentazzjoni tal-Artikolu 10 tal-Ftehim;
  7. jindirizza kwistjonijiet ta' tħassib imqajma minn waħda mill-Partijiet u jipprova jsolvi kwalunkwe kunflitt li jista' jinholq fil-każ ta' differenzi fl-opinjoni bejn il-Partijiet skont l-Artikolu 24 ta' dan il-Ftehim;
  8. jippubblika rapporti u Aide Memoire sabiex il-ħidma tal-JIC tkun kemm jista' jkun trasparenti;
- (b) fir-rigward tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni ta' dan il-Ftehim:
1. jimmonitorja l-progress ġenerali fuq l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, inkluż il-funzjonament tas-sistema tal-assigurazzjoni tal-legalità;
  2. iwettaq b'mod regolari missjonijiet konġunti sabiex tiġi riveduta l-effettività ta' dan il-Ftehim kif ukoll tal-impatt tiegħu, fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli;
  3. jimmonitorja u jirrapporta dwar is-sitwazzjoni tas-suq f'intervalli regolari; għandu jikkumissjona studji kif meħtieġ u għandu jirrakkomanda l-azzjonijiet li jridu jittieħdu skont ir-rapporti ta' intelliġenza tas-suq;
  4. jivvaluta l-impatt soċjali, ekonomiku u ambjentali ta' dan il-Ftehim, skont il-prattika tajba u l-kriterji rilevanti li jridu jiġu miftiehma mill-Partijiet u jindirizza problemi mqajma minn dawn ir-reviżjonijiet u l-valutazzjonijiet;
  5. jidentifika diffikultajiet assoċjati mal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u jissuġġerixxi miżuri addattati sabiex jiġu ndirizzati;
- (c) fir-rigward tal-Awditjar Indipendenti tal-Ftehim:
1. japprova l-manwal proċedurali tal-awditur indipendenti skont l-Anness V;
  2. jirrevedi r-rapporti maħruġa mill-awditur indipendenti u kwalunkwe lment dwar l-operat tal-iskema tal-liċenzji FLEGT fuq it-territorju ta' waħda mill-Partijiet;

3. jirrevedi rapporti jew ilmenti relatati mal-ħidma tal-awditur indipendenti u jiftiehem dwar l-azzjoni xierqa li trid tittieħed;
  4. jippubblika rapporti tal-awditur indipendenti, kif provdut fl-Annessi V u IX;
  5. jimmonitorja, fejn japplika, l-azzjoni meħuda sabiex jiġu indirizzati l-problemi identifikati mill-awditur indipendenti;
- (d) fir-rigward tal-involviment tal-partijiet interessati fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' dan il-Ftehim:
1. jipprova rakkomandazzjonijiet dwar il-ħtiġijiet tal-infurzar tal-kapaċitajiet għall-implimentazzjoni b'suċċess ta' dan il-Ftehim, u jekk ikun applikabbli, dwar il-ħtieġa li jiżiedu l-kapaċitajiet u l-parteċipazzjoni tas-settur privat u s-soċjeta' ċivili fil-monitoraġġ tal-konformità mal-liġijiet u r-regolamenti relatati mal-ġestjoni tal-foresti fil-Liberja;
  2. jieħu l-miżuri xierqa sabiex jipromwovi l-parteċipazzjoni ta' partijiet interessati kkonċernati fl-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim;
  3. jekk ikun meħtieġ, jistabbilixxi gruppi ta' ħidma jew korpi sussidjarji oħra għall-oqsma tax-xogħol li jeħtieġu l-ħila esperta speċifika jew perspettivi tal-parti interessata.